Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11667/26
ADD 1

STATIS 59
DELACT 108
COMPET 937

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 5010 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2772 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.7.2026
C(2026) 5010 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../...

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2772 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà

{SWD(2026) 500 final}

Anness I

“Anness I

Standards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà “ESRS”

ESRS 1 – Rekwiżiti Ġenerali

Werrej

ESRS 1 – Rekwiżiti Ġenerali 2

Werrej 2

Objettiv 4

1. Standards tal-ESRS u konvenzjonijiet tal-abbozzar 5

1.1. Standards tal-ESRS u divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet 5

1.2. Konvenzjonijiet tal-abbozzar 6

2. Preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u karatteristiċi kwalitattivi tal-informazzjoni 7

3. Materjalità doppja bħala l-bażi għad-divulgazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà 8

3.1. Valutazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi rrappurtata 8

3.1.1. Materjalità informattiva 8

3.1.2. Passi fid-determinazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata 8

3.1.3. Bażijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità 10

3.1.4. Perjodiċità tal-valutazzjoni tal-materjalità doppja 11

3.2. Valutazzjoni tal-materjalità doppja: Il-materjalità tal-impatt u l-materjalità finanzjarja 11

3.2.1. Valutazzjoni tal-materjalità tal-impatt 12

3.2.2. Valutazzjoni tal-materjalità finanzjarja 15

3.3. Ċirkostanzi speċifiċi 16

3.3.1. Impatti jew riskji materjali li jirriżultaw minn azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-impatti jew ir-riskji relatati ma' suġġetti oħra 16

3.3.2. Livell ta' aggregazzjoni u ta' diżaggregazzjoni 17

4. Diliġenza dovuta 18

5. Impriża li tirrapporta u l-katina tal-valur upstream u downstream 18

5.1. Impriża li tirrapporta u operazzjonijiet proprji 18

5.2. Inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-katina tal-valur upstream u downstream 19

5.3. Dispożizzjonijiet u eċċezzjonijiet għad-determinazzjoni tal-konfini rispettivi tar-rapportar tal-operazzjonijiet propri u tal-katina tal-valur 21

5.4. Eżenzjoni għal akkwiżizzjonijiet u disponimenti 21

6.1. Perjodu ta' rapportar u sena bażi 21

6.2. Perjodu ta' żmien: definizzjoni ta' terminu qasir, medju u twil għal skopijiet ta' rapportar 22

7. Tħejjija ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà 22

7.1. Informazzjoni komparattiva 22

7.2. Ġudizzju, inċertezza tal-kejl u inċertezza tal-eżitu 23

7.3. Eżenzjonijiet għat-tħejjija tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà tal-ESRS 24

7.4. Informazzjoni raġonevoli u sostnuta li tkun disponibbli mingħajr kost jew sforz eċċessiv 25

7.5. Aġġornament tad-divulgazzjoni dwar kundizzjonijiet fi tmiem il-perjodu tar-rapportar 26

7.6. Erruri tar-rapportar fil-perjodi preċedenti 26
7.7. Ommissjoni ta' informazzjoni 26
7.8. Rapportar dwar opportunitajiet materjali 27
8. Rekwiżiti ta' preżentazzjoni u struttura tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà 28
8.1. Rekwiżit ġenerali ta' preżentazzjoni, struttura u kontenut tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà28
8.2. Preżentazzjoni ta' informazzjoni supplimentari inkluża fid-diskjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà... 28
8.3. Għażliet għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'partijiet tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà 28
9. Informazzjoni konnessa u rabtiet ma' partijiet oħra tar-rapportar korporattiv 29
9.1. Informazzjoni konnessa 29
9.2. Konnettività diretta u indiretta mar-rapporti finanzjarji, inkluża l-konsistenza tas-suppożizzjonijiet 29
9.3. Inkorporazzjoni b'referenza 30
10. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali..... 31
10.1. Dispożizzjoni tranżizzjonali relatata mal-Kapitolu 5 *Impriża li tirrapporta u katina tal-valur upstream u downstream* 31
10.2. Dispożizzjoni tranżitorja relatata mal-Kapitolu 7.1 *Informazzjoni komparattiva* 32
10.3. Dispożizzjoni tranżitorja: Lista ta' DRs li jiddaħħlu gradwalment 32
Appendiċi A – *Lista ta' suġġetti* 34
Appendiċi B – *Karatteristiċi kwalitattivi tal-informazzjoni* 37

Objettiv

1. L-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS) jispeċifikaw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li l-impriżi huma meħtieġa jiddivulgaw f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità)[1] kif emendata mid-Direttiva (UE) 2022/2464 (id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà - CSRD)[2] u mid-Direttiva (UE) 2026/470 (id-Direttiva Omnibus I)[3].

2. L-ESRS jirrikjedu lill-impriża tiddivulga l-informazzjoni dwar ***l-impatti*** materjali tagħha fuq in-nies u l-ambjent u dwar ***ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mas-sostenibbiltà*** (b'mod kollettiv "impatti, riskji u opportunitajiet"). Ir-rapportar fl-ambitu ta' dawn iż-żewġ perspettivi jikkostitwixxi l-prinċipju tal-***materjalità doppja*** (ara l-Kapitolu 3).

3. L-objettiv tad-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà***, meħud b'mod ġenerali, huwa li jippreżenta b'mod ġust (ara l-Kapitolu 2) ***l-impatti materjali***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet relatati mas-sostenibbiltà*** u kif l-impriża timmaniġġjahom. L-informazzjoni rapportata għandha tkun utli għad-deċiżjoni għall-***utenti*** ta' dikjarazzjonijiet ta' skop ġenerali dwar is-sostenibbiltà.

4. ***L-utenti*** ta' ***dikjarazzjonijiet bi skop ġenerali dwar is-sostenibbiltà*** huma:

   (a) utenti primarji ta' rapporti finanzjarji bi skop ġenerali, bħal investituri eżistenti u potenzjali, mutwanti u krediturі oħrajn, inklużi maniġers tal-assi, istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi tal-assigurazzjoni; kif ukoll

   (b) utenti oħra tar-rapporti dwar is-sostenibbiltà, bħas-sħab kummerċjali tal-impriża, is-sħab soċjali (trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi), is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet mhux governattivi.

5. Fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha, l-impriża għandha tiddivulga informazzjoni dwar ***l-impatti*** materjali, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** organizzati taħt ***is-suġġetti*** li magħhom ikunu relatati. Din l-informazzjoni għandha tkopri l-oqsma ta' rapportar li ġejjin: (a) governanza, (b) strateġija li tinkludi ***l-effetti finanzjarji***, (c) il-ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet, inklużi ***l-politiki relatati*** u ***l-azzjonijiet***, u (d) ***il-metriċi*** u ***l-miri.***

6. L-ESRS ma jobbligawx imġiba ħlief għal imġiba relatata speċifikament mar-rapportar ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Ir-rapportar f'konformità mal-ESRS ma jeżentax lill-impriża minn obbligi oħra, inklużi l-obbligi ta' diliġenza dovuta, stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 1 għall-paragrafu 4	It-termini "rapportar finanzjarju bi skop ġenerali" u "***dikjarazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà*** bi skop ġenerali" jirreferu għal rapporti li:

[1] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/2026-03-18).

[2] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15. ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/2026-03-18).

[3] Id-Direttiva (UE) 2026/470 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u ċerti rekwiżiti ta' diliġenza dovuta korporattiva dwar is-sostenibbiltà (ĠU L, 2026/470, 26.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2026/470/oj).

(Għan ġenerali)	(a) huma indirizzati lil ***utenti*** b'għarfien raġonevoli tas-suġġetti ġenerali ta' tali rapporti; u (b) jqisu l-informazzjoni utli għad-deċiżjonijiet li jeħtieġu l-gruppi ta' utenti, mingħajr ma jimmiraw li jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha ta' informazzjoni speċifika ta' kull utent individwali.

1. Standards tal-ESRS u konvenzjonijiet tal-abbozzar

1.1. Standards tal-ESRS u divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet

7. ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali* jispjega l-konvenzjonijiet tal-abbozzar u jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali biex jidentifikaw l-***impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali tal-impriża, u għat-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata. Jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti ġenerali għall-bażi tat-tħejjija tad-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà***.

8. L-impriża għandha tapplika dan l-Istandard flimkien mal-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* (it-tnejn imsejħa bħala "standards trasversali") u ma' standards topiċi.

9. ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* jistabbilixxi r-Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni (DRs) dwar l-informazzjoni li l-impriża għandha tipprovdi f'livell ġenerali fis-***suġġetti*** kollha li magħhom ikunu relatati ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali tagħha, li jkopru l-oqsma ta' rapportar elenkati fil-paragrafu 5.

10. L-istandards topiċi jindirizzaw ***suġġetti*** u sottosuġġetti, li jikkomplementaw ir-rekwiżiti pprovduti fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali,* u jinkludu l-oqsma ta' rapportar elenkati fil-paragrafu 5. It-tabella fl-Appendiċi A *Lista ta' suġġetti* tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-suġġetti u s-sottosuġġetti koperti minn standards topiċi.

11. Jekk l-impriża tikkonkludi li ***suġġett*** relatat mal-***impatt materjali***, ***ir-riskju*** jew ***l-opportunità,*** ma jkunx kopert, jew ma jkunx kopert bi granularità suffiċjenti, minn ESRS, hija għandha tipprovdi divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet filwaqt li tqis id-dispożizzjonijiet dwar il-preżentazzjoni ġusta fil-Kapitolu 2. Dan jista' jkun il-każ minħabba speċifiċitajiet settorjali jew fatti u ċirkostanzi oħra rilevanti għall-impriża nnifisha.

12. Meta tiżviluppa d-divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet tagħha, l-impriża għandha tikkunsidra l-komparabbiltà maż-żmien u ma' impriżi oħrajn li joperaw fl-istess settur(i).

REKWIŻIT TA' APPLIKAZZJONI – ARs

AR 2 għall-paragrafu 11 **(Suġġetti speċifiċi għall-entitajiet)**	Skont il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-impriża, jista' jkun hemm ***suġġetti*** għajr dawk koperti fir-rekwiżiti topiċi tal-ESRS li l-impriża għandha tkopri wara l-valutazzjoni ***tal-materjalità*** tagħha. Dan jista' jkun il-każ meta l-***mudell ta' negozju*** u l-istrateġija tagħha jkunu assoċjati ma' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali li ma jikkorrispondux għas-suġġetti tal-ESRS.
AR 3 għall-paragrafu 11 **(Rekwiżiti għal divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet)**	Meta tiżviluppa divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entità, l-impriża għandha tiżgura li: (a) dawn jissodisfaw il-karatteristiċi kwalitattivi tal-informazzjoni stabbilita fl-Appendiċi B; u (b) d-divulgazzjonijiet jinkludu l-informazzjoni materjali meħtieġa għall-oqsma ta' rapportar rilevanti elenkati fil-paragrafu 5.

AR 4 għall-paragrafu 11 **(Divulgazzjonijiet u metriki speċifiċi għall-entitajiet)**	Meta tiġi ddeterminata l-utilità ***tal-metriki*** għall-inklużjoni fid-divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet tagħha, l-impriża għandha tikkunsidra li: (a) il-metriki magħżula jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar ***l-impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali; (b) il-kejl jiżgura rappreżentazzjoni leali bbażata fuq l-informazzjoni u l-preżunzjonijiet li jkunu raġonevoli, sostenibbli, u verifikabbli; u (c) tkun ipprovdiet informazzjoni kuntestwali suffiċjenti.
AR 5 għall-paragrafu 12 **(Sorsi għal divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet)**	Fl-iżvilupp tad-divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet, l-impriża tista' tuża l-aħjar prattiki, oqfsa jew standards ta' rapportar disponibbli bħall-gwida bbażata fuq l-industrija tal-IFRS u l-Istandards tal-GRI (inklużi s-suġġetti u l-istandards u tas-settur tal-GRI).

1.2. Konvenzjonijiet tal-abbozzar

13. Permezz tal-ESRS, it-termini li huma definiti fil-*Glossarju tat-termini definiti fl-ESRS* (l-Anness II, it-tabella 2, tar-Regolament Delegat (UE) …/…) [O.P.: *daħħal in-numru ta' dak ir-Regolament Delegat C(2026) 5010] (l-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà - ESRS*))[4] huma indikati b'***tipa grassa u bil-korsiv***, ħlief meta terminu definit jintuża aktar minn darba fl-istess paragrafu.

14. It-termini "suġġett ta' sostenibbiltà" u "sottosuġġett ta' sostenibbiltà" fl-ESRS huma mifhuma li huma sinonimi mat-termini "fatturi ta' sostenibbiltà" kif użati fid-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità). Id-divulgazzjonijiet fl-ESRS huma strutturati f'***suġġetti***. Suġġett ikompli jiġi diżaggregat f'sottosuġġetti. Fl-ESRS, it-terminu ***suġġett*** (b'***tipa grassa u bil-korsiv***) jintuża biex jindika suġġett jew sottosuġġett skont il-livell l-aktar xieraq ta' granularità tad-data meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' divulgazzjoni rispettivi.

15. Fl-ESRS kollha:

    (a) "***impatti***" tirreferi għal attwali u potenzjali, impatti pożittivi u negattivi fuq in-nies u fuq l-ambjent; kif ukoll

    (b) "***riskji***" u "***opportunitajiet***" jirreferu għar-***riskji u l-opportunitajiet relatati mas-sostenibbiltà*** li jaffettwaw (jew li jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jaffettwaw) il-prestazzjoni finanzjarja tal-impriża, il-pożizzjoni finanzjarja, il-flussi tal-flus, l-aċċess għall-finanzjament jew il-kost tal-kapital fuq terminu qasir, medju jew twil.

16. ***L-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali rrapportati fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** huma mifhuma li huma l-istess bħall-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet prinċpali msemmija fid-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità).

17. L-istruttura tal-informazzjoni fl-ESRS hija bbażata fuq "Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni" (DRs). Kull DR jikkonsisti f'punt tad-data distint wieħed. Id-DRs huma indikati bit-termini "għandhom jiddivulgaw", "għandhom jirrapportaw", "għandhom jiddeskrivu" u "għandhom jispjegaw" biex jindikaw li l-

[4] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) …/… ta' …. li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2772 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà (ĠU XX, ELI:XXX). [*O.P.: daħħal in-numru, it-data, ir-referenza tal-ĠU u r-referenza tal-ELI ta' dak ir-Regolament Delegat C(2026) 5010*].

informazzjoni inkwistjoni hija preskritta, soġġett għall-***materjalità*** tal-informazzjoni (ara l-paragrafi 24 u 24).

18. L-ESRS għandhom "Rekwiżiti tal-Applikazzjoni" (ARs) li jappoġġaw l-applikazzjoni ta', u għandhom l-istess awtorità, bħar-rekwiżiti preskritti fil-korp ewlieni tal-istandards. L-ARs fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* u fi standards topiċi jappoġġaw it-tħejjija ta' divulgazzjonijiet li jissodisfaw il-karatteristiċi kwalitattivi ta' informazzjoni (ara l-Appendiċi B). L-ARs jużaw it-terminu "għandha tikkunsidra" biex jindikaw kwistjonijiet, riżorsi jew metodoloġiji li l-impriża hija mistennija tqis jew tuża fit-tħejjija ta' divulgazzjoni partikolari. L-ARs jinkludu wkoll għażliet ta' preżentazzjoni, li jindikaw li biċċa informazzjoni partikolari tista' tiġi pprovduta forma ta' tabella, bħala test narrativ jew bl-użu ta' tipi oħra ta' għażliet ta' preżentazzjoni.

2. Preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u karatteristiċi kwalitattivi tal-informazzjoni

19. Preżentazzjoni ġusta teżiġi d-divulgazzjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali tal-impriża f'konformità mal-Kapitolu 3 u r-rappreżentazzjoni leali tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Istandard (għar-rilevanza u r-rappreżentazzjoni leali ara l-Appendiċi B). Sabiex tikseb rappreżentanza leali, l-impriża għandha tipprovdi rappreżentazzjoni kompluta, newtrali u preċiża tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali tagħha.

20. Il-preżentazzjoni ġusta tirrikjedi wkoll li l-impriża tiddivulga:

    (a) informazzjoni li hija komparabbli, verifikabbli u li tinftiehem (ara l-Appendiċi B); kif ukoll

    (b) informazzjoni speċifika għall-entitajiet, meta l-applikazzjoni tal-ESRS ma tkunx suffiċjenti biex tippermetti lill-***utenti*** jifhmu l-***impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali u kif l-impriża timmaniġġahom (ara l-paragrafu 3).

21. L-applikazzjoni tal-ESRS, inkluż il-filtru ***tal-materjalità*** kif stabbilit fil-paragrafu 24, u ma' divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet meta meħtieġa (ara l-paragrafu 11), jirriżultaw f'***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** li tikseb preżentazzjoni ġusta.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 6 għall-paragrafi 19–20 **(Informazzjoni meqjusa kollha kemm hi)**	Sabiex tilħaq l-objettiv tad-**dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà** tagħha stabbilit fil-paragrafu 3, l-impriża għandha tikkunsidra jekk id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà, meħuda kollha kemm hi, tipprovdix preżentazzjoni ġusta **tal-impatti**, **ir-riskji** u **l-opportunitajiet** materjali tagħha. Din il-valutazzjoni għandha tikkunsidra l-istampa ġenerali mogħtija mill-informazzjoni ddivulgata fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà u mhux divulgazzjonijiet individwali. Dan jista' jirriżulta fiż-żieda ta' informazzjoni speċifika għall-entitajiet, kif ukoll fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni fil-paragrafu 24, billi jintużaw il-kriterji għall-materjalità tal-informazzjoni fil-paragrafu 23. L-użu ta' waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet fil-Kapitoli 5.4, 7.3, 7.4, jew 7.7 mhijiex detrimentali għall-preżentazzjoni ġusta dment li l-impriża tagħti spjegazzjonijiet li jippermettu ***lill-utenti*** jifhmu l-konsegwenzi fuq l-informazzjoni rrapportata rapportata u l-limitazzjoni li jirriżultaw.
AR 7 għall-paragrafu 20(b)	Oqfsa oħra ta' rapportar jirreferu għal "informazzjoni addizzjonali" bħala l-kontenut li impriża għandha tiddivulga lil hinn mir-rekwiżiti pprovduti fl-istandards biex tiġi żgurata preżentazzjoni ġusta. Fl-ESRS, it-terminu "divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet" iservi l-istess skop.

(Informazzjoni addizzjonali f'oqfsa oħra ta' rapportar)	

3. Materjalità doppja bħala l-bażi għad-divulgazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà

22. L-impriża tiddetermina l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata abbażi tal-valutazzjoni tal-***materjalità doppja*** (ara l-paragrafu 2) u abbażi tad-dispożizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi rrappurtata, kif spjegat f'dan il-Kapitolu.

3.1. Valutazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi rrappurtata

3.1.1. Materjalità informattiva

23. L-informazzjoni hija materjali meta l-omissjoni, id-dikjarazzjoni ħażina jew l-oskurar ta' dik l-informazzjoni jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jinfluwenzaw:

    (a) deċiżjonijiet li ***l-utenti*** primarji tar-rapporti finanzjarji bi skop ġenerali jagħmlu abbażi ta' dawk ir-rapporti, inklużi dikjarazzjonijiet finanzjarji u d-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*****,** b'rabta mal-provvista ta' riżorżi għall-impriża; jew

    (b) deċiżjonijiet, li utenti oħra tad-dikjarazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà bi "skop ġenerali jagħmlu abbażi tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà rigward ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali u kif l-impriża timmaniġġjahom.

24. Ħlief informazzjoni li tista' tiddeċiedi li tiddivulga f'konformità mat-taqsima 8.2. *Il-preżentazzjoni ta' informazzjoni supplimentari inkluża fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*, l-impriża ma għandhiex tiddivulga informazzjoni preskritta minn ESRS DR jew punt tad-data jekk dik l-informazzjoni ma tkunx materjali u ma għandhiex tiddivulga informazzjoni li ma tkunx materjali meta tiddivulga informazzjoni speċifika għall-entità f'konformità mal-paragrafu 11.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 8 għall-paragrafu 23 **(Deċiżjonijiet)**	Meta tqis l-utilità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-informazzjoni, l-impriża għandha tqis l-informazzjoni li jeħtieġu gruppi ta' utenti bħal dawn, mingħajr ma timmira li tissodisfa l-ħtiġijiet kollha ta' informazzjoni speċifika ta' kull utent individwali.

3.1.2. Passi fid-determinazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata

25. L-impriża tiddetermina l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata f'żewġ stadji:

    (a) tidentifika ***suġġetti*** relatati mal-***impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali tagħha (ara l-Kapitoli 3.2.1 u 3.2.2); u mbagħad,

    (b) hija tiddetermina l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata dwar kull wieħed minn dawk ***is-suġġetti*** (ara l-paragrafi 30, 30 u 31 ta' dan l-Istandard).

26. Fir-rigward tal-identifikazzjoni tas-***suġġetti***, l-impriża għandha tirrapporta informazzjoni materjali għal suġġett jew sottosuġġett meta tkun relatata ma' ***impatt***, ***riskju*** jew ***opportunità*** materjali waħda jew aktar identifikati abbażi tal-kriterji fil-Kapitoli 3.2.1. u 3.2.2.

27. Mingħajr preġudizzju għall-kriterji fil-Kapitoli 3.2.1 u 3.2.2, l-impriża tista' tikseb konklużjoni, mingħajr valutazzjoni ulterjuri, dwar il-***materjalità*** jew in-nuqqas ta' materjalità ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-***

opportunitajiet għal ***suġġett*** jew sottosuġġett, fuq il-bażi ta' analiżi tal-istrateġija u ***tal-mudell ta' negozju*** tagħha inkluż is-settur(i) tagħha ta' operazzjonijiet, **il-ġeografiji**, u l-karatteristiċi tal-***katina tal-valur*** upstream u downstream (approċċ minn fuq għal isfel għall-valutazzjoni tal-materjalità). F'dan l-approċċ, jekk il-materjalità jew in-nuqqas ta' materjalità ta' impatt, riskju jew opportunità waħda jew aktar ma jkunux evidenti abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, l-impriża għandha twettaq valutazzjoni speċifika tal-impatti, tar-riskji jew tal-opportunitajiet inkwistjoni.

28. Mingħajr preġudizzju għall-kriterji fil-Kapitoli 3.2.1 u 3.2.2, l-impriża tista' tiddependi fuq ***valutazzjoni tal-materjalità*** mwettqa biss fil-livell tal-***impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** (approċċ "minn isfel għal fuq" għall-valutazzjoni tal-materjalità).

29. Fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata, l-impriża għandha:

    (a) tapplika ESRS 2 Divulgazzjonijiet Ġenerali;

    (b) għal ***suġġett*** jew sottosuġġett relatat ***mal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali tiegħu:

        i. tapplika ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* GDR-P, GDR-A, GDR-M, u GDR-T għall-***politiki***, ***l-azzjonijiet***, ***il-metriki*** u ***l-miri***;

        ii. tiddivulga informazzjoni għad-DRs (inklużi l-ARs) rilevanti għas-suġġett jew is-sottosuġġett speċifiku fl-istandards topiċi; kif ukoll

    (c) iżżid informazzjoni speċifika għall-entità fejn meħtieġ f'konformità mal-paragrafu 11.

30. Meta ***impatt***, ***riskju*** jew ***opportunità*** materjali jikkonċernaw sottotema, l-impriża għandha tirrapporta biss l-informazzjoni materjali għal dik is-sottotema.

31. Meta tuża l-eżenzjonijiet tal-ESRS, l-impriża għandha tiddivulga l-informazzjoni preskritta fis-Subkapitoli 5.4, 7.3, 7.4, u 7.7.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 9 għall-paragrafu 27 **(Approċċ "minn fuq għal isfel")**	Approċċ minn fuq għal isfel jippermetti lill-impriża tevita xogħol bla bżonn meta tivvaluta **l-materjalità** jew in-nuqqas ta' materjalità **tal-impatti, ir-riskji** jew **l-opportunitajiet** tagħha għal **suġġett** jew subsuġġett. B'mod ġenerali, approċċ minn fuq għal isfel ma jirrikjedix li l-impriża twettaq il-valutazzjoni tal-materjalità fil-livell tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet individwali. F'xi każijiet, jista' jkun meħtieġ livell aktar granulari ta' valutazzjoni, jekk jista' jkun raġonevolment mistenni li jwassal għal konklużjoni differenti dwar il-materjalità tal-impatti, ir-riskji jew l-opportunitajiet tal-impriża għal suġġett jew sottosuġġett. Skont approċċ minn fuq għal isfel, il-konklużjoni tal-materjalità tista' tintlaħaq fil-livell topiku għal impatti kombinati, riskji u opportunitajiet.
AR 10 għall-paragrafi 27–28 **(Kombinament ta' approċċi)**	L-impriża tista' tikkombina "approċċ minn fuq għal isfel" għal xi ***suġġetti*** ma' analiżi "minn isfel għal fuq" għal oħrajn.
AR 11 għall-paragrafu 27 **(Ġeografiji)**	***Il-ġeografiji*** jew il-kuntesti ġeografiċi jistgħu jiġu analizzati f'livelli differenti (pajjiż, reġju, kontea, baċir tal-ilma, ***ekosistema*** jew ***sit***) skont ir-rilevanza tagħhom għall-valutazzjoni.

AR 12 għall-paragrafu 29 **(ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* DRs)**	Id-DRs fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* huma fundamentali fin-natura tagħhom u għalhekk x'aktarx li jirriżultaw f'informazzjoni materjali għall-impriżi kollha.

3.1.3. Bażijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità

32. Fil-valutazzjoni ***tal-materjalità doppja*** tagħha, l-impriża:

    (a) għandha tuża informazzjoni raġonevoli u sostnuta disponibbli għall-impriża fid-data tar-rapportar mingħajr kost jew sforz eċċessiv (ara l-Kapitolu 7.4);

    (b) mhijiex meħtieġa tivvaluta kull ***impatt***, ***riskju*** jew ***opportunità*** possibbli fl-oqsma kollha tal-operazzjonijiet tiegħu u ***fil-katina tal-valur*** upstream u downstream, iżda għandha tiffoka fuq oqsma fejn l-impatti, ir-riskji jew l-opportunitajiet materjali jitqiesu li x'aktarx jirriżultaw abbażi tal-istrateġija u ***tal-mudell tan-negozju*** tal-impriża, ***il-ġeografiji***, is-setturi, ***ir-relazzjonijiet kummerċjali***, in-natura tal-attivitajiet, jew fatturi oħra.

33. L-impriża tista' tkun tista' twettaq il-valutazzjoni ***tal-materjalità*** fir-rigward tal-katina tal-valur upstream u downstream mingħajr input dirett mill-atturi tal-katina tal-valur, minflok billi tuża data reġjonali medja, data settorjali jew informazzjoni ġeneralment disponibbli dwar l-eżistenza ta' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** fil-kuntest inkwistjoni.

REKWIŻIT TA' APPLIKAZZJONI – ARs

AR 13 għall-para. 32 **(Informazzjoni raġonevoli u sostnuta u l-identifikazzjoni tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet)**	F'konformità mal-użu ta' informazzjoni raġonevoli u sostnuta li tkun disponibbli għall-impriża fid-data tar-rapportar mingħajr kost jew sforz eċċessiv (il-Kapitolu 7.4): (a) l-użu ta' informazzjoni kwantitattiva jew punteġġ kwantitattiv mhuwiex neċessarjament meħtieġ. Analiżi kwalitattiva tista' tkun biżżejjed biex l-impriża tikkonkludi b'mod raġonevoli dwar ***l-impatti tal-materjalità***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** relatati ma' suġġett ***partikolari***; kif ukoll (b) l-impriża ma hijiex meħtieġa twettaq tfittxija eżawrjenti għall-informazzjoni biex tidentifika l-impatti, ir-riskji jew l-opportunitajiet materjali.
AR 14 għall-para. 32 **(Sorsi interni u esterni tas-soltu)**	L-impriża tista' tikkunsidra s-sorsi interni u esterni tas-soltu li ġejjin biex tappoġġa l-valutazzjoni ***tal-materjalità***: id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà u l-proċessi ġenerali tal-ġestjoni tar-riskju tal-impriża; l-involviment tagħha ***mal-partijiet ikkonċernati*** affettwati; esperjenza bejn il-pari; rapporti u statistika, data xjentifika, u pariri esperti.
AR 15 għall-paragrafu 32 **(Karatteristiċi tas-severità u tal-perjodu ta' żmien)**	Meta twettaq il-valutazzjoni ***tal-materjalità*** tagħha (ara l-paragrafi 27 u 32), l-impriża ma għandhiex għalfejn tanalizza: (a) kull karatteristika tas-severità (ara l-Kapitolu 3.2.1), jekk tista' tintlaħaq konklużjoni li l-impatt huwa sever mingħajr ma tiġi analizzata kull karatteristika separatament; kif ukoll

	(b) kull perjodu ta' żmien għal kull ***impatt***, ***riskju*** jew ***opportunità***, sakemm ma tkunx meħtieġa valutazzjoni ulterjuri, bħal meta l-impriża tistenna li l-impatt, ir-riskju jew l-opportunità jevolvu maż-żmien.
AR 16 għall-paragrafu Error! Reference source not found. **(Il-livell tal-valutazzjoni tal-materjalità)**	Il-paragrafi li ġejjin jappoġġaw id-determinazzjoni tal-livell li fih issir il-valutazzjoni ***tal-materjalità***. Il-livell ta' aggregazzjoni jew diżaggregazzjoni adottat għal skopijiet ta' rapportar jiġi ddeterminat separatament mil-livell li fih issir il-valutazzjoni tal-materjalità u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3.3.2 *Livell ta' aggregazzjoni u diżaggregazzjoni*. Għall-ġeografiji identifikati skont il-paragrafu 322(b), l-impriża jista' jkollha bżonn tikkunsidra l-kuntest speċifiku biex tivvaluta l-materjalità ***tal-impatti***, ***tar-riskji*** jew tal-***opportunitajiet***. Dan jista' jkun meħtieġ jekk, pereżempju, il-materjalità jew in-nuqqas ta' materjalità ta' impatt, riskju jew opportunità għal ***suġġett*** jew sottosuġġett ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti mingħajr ma jitqies il-kuntest speċifiku jew jekk il-kuntest speċifiku jista' jkun raġonevolment mistenni li jaffettwa l-konklużjoni dwar il-materjalità tal-impatt, ir-riskju jew l-opportunità inkwistjoni. ***Għas-suġġetti*** ambjentali, il-fatturi li jinfluwenzaw l-eżistenza ta' impatti negattivi f'kuntest speċifiku ***tal-ġeografija*** jinkludu, fost l-oħrajn: il-kwalità tal-arja, tal-ilma u tal-**ħamrija** lokali; id-disponibbiltà tal-ilma f'żoni bi **stress idriku**; u l-preżenza ta' ***speċijiet u ekosistemi mhedda*** f'***żoni sensittivi għall-bijodiversità***. Peress li huwa relatat mal-impatti u ***d-dipendenzi*** relatati man-natura, l-ewwel tliet passi tal-approċċ LEAP (lokalizzazzjoni, evalwazzjoni, valutazzjoni) jipprovdu referenza siewja għal kif: (a) jiġi lokalizzat fejn, fi ħdan l-operazzjonijiet tal-impriża stess u ***l-katina tal-valur*** upstream u downstream, iseħħu interfaċċi man-natura; (b) jiġu evalwati d-dipendenzi u ***l-impatti*** relatati; kif ukoll (c) jiġu vvalutati ***r-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** assoċjati. Għas-suġġetti soċjali, il-fatturi li jinfluwenzaw l-eżistenza ta' impatti negattivi f'kuntest speċifiku tal-ġeografija jinkludu, fost l-oħrajn: żoni affettwati minn kunflitti u żoni ta' riskju għoli, u l-preżenza ta' popolazzjonijiet vulnerabbli ***bħall-popli indiġeni*** jew il-ħaddiema migranti.

3.1.4. Perjodiċità tal-valutazzjoni tal-materjalità doppja

34. F'kull data ta' rapportar, l-impriża għandha tikkunsidra jekk seħħewx bidliet sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni ***tal-materjalità*** mwettqa f'perjodi ta' rapportar preċedenti. Jekk jiġu identifikati tali bidliet, l-impriża għandha tirrieżamina u taġġorna l-valutazzjoni. Il-bidliet jistgħu jkunu relatati mal-attivitajiet, mal-istruttura, ***mar-relazzjonijiet kummerċjali***, mal-fehim ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet, mal-metodoloġiji*** ta' valutazzjoni, jew mal-ambjent estern tal-impriża.

3.2. Valutazzjoni tal-materjalità doppja: Il-materjalità tal-impatt u l-materjalità finanzjarja

35. ***Il-materjalità doppja*** għandha żewġ dimensjonijiet: ***il-materjalità tal-impatt*** u ***l-materjalità finanzjarja*** u l-impriża għandhom jikkunsidraw kif jinteraġixxu. ***Impatt*** jista' jkun finanzjarjament materjali mill-bidu jew isir finanzjarjament materjali, meta jkun raġonevolment mistenni li jaffettwa l-prestazzjoni finanzjarja, il-pożizzjoni finanzjarja, il-flussi tal-flus, l-aċċess tiegħu għall-finanzjament jew il-kost tal-kapital tal-impriża fuq terminu qasir, medju jew twil. L-impatti jistgħu jkunu materjali esklużivament minn perspettiva tal-impatt, irrispettivament minn jekk humiex finanzjarjament materjali.

36. B'mod ġenerali, il-punt tat-tluq huwa l-valutazzjoni ***tal-impatti***. L-impriża għandha tevalwa wkoll jekk hemmx ***riskji*** jew ***opportunitajiet*** materjali li mhumiex relatati mal-impatti tal-impriża, **bħar-riskji fiżiċi**.

37. L-impriża għandha tiddetermina liema ***impatti***, ***riskji*** jew ***opportunitajiet*** ikunu materjali, abbażi tal-kriterji fil-Kapitoli 3.2.1 u 3.2.2, u appoġġati minn kunsiderazzjonijiet kwalitattivi u limiti kwantitattivi xierqa.

REKWIŻIT TA' APPLIKAZZJONI – ARs

AR 17 għall-paragrafu 37 **(Valutazzjoni tal-materjalità għall-impriżi li jimmaniġġjaw l-investimenti f'ċerti kundizzjonijiet)**	Meta l-impriża timmaniġġja investimenti soġġetti għal dmir fiduċjarju f'isem il-klijenti tagħha skont mandat miftiehem ma' dawk il-klijenti mingħajr ma żżomm ir-riskji jew il-benefiċċji tas-sjieda, dik l-impriża ma tkunx mistennija tivvaluta ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** relatati ma' dawk l-investimenti.

3.2.1. Valutazzjoni tal-materjalità tal-impatt

38. Il-valutazzjoni ***tal-materjalità tal-impatt*** tidentifika l-impatti materjali tal-impriża.

39. L-impriża għandha tirrapporta informazzjoni dwar ***suġġett*** partikolari mill-perspettiva tal-***impatt*** jekk dak is-suġġett ikun relatat mal-impatti materjali reali jew potenzjali, pożittivi jew negattivi tal-impriża fuq in-nies jew fuq l-ambjent fuq terminu qasir, medju jew twil. L-impatti jinkludi dawk marbuta mal-operazzjonijiet tal-impriża stess u **l-katina tal-valur** upstream u downstream tagħha, inkluż permezz **tal-prodotti** jew is-servizzi tagħha, kif ukoll permezz tar-***relazzjonijiet kummerċjali*** tagħha. Ir-relazzjonijiet kummerċjali ma humiex limitati għal relazzjonijiet kuntrattwali diretti.

40. ***Għall-impatti*** negattivi reali, ***il-materjalità*** għandha tiġi vvalutata abbażi tas-severità tal-impatt. Għall-impatti negattivi potenzjali, hija għandha tiġi vvalutata abbażi ta' taħlita ta' severità u probabbiltà. Is-severità għandha tiġi vvalutata abbażi tal-fatturi li ġejjin: l-iskala, l-ambitu u l-karattru irrimedjabbli tal-impatt. Fil-każ ta' impatt negattiv potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem, is-severità tal-impatt tieħu preċedenza fuq il-probabbiltà tiegħu.

41. F'każ ta' ***impatti*** pożittivi attwali, ***il-materjalità*** għandha tiġi vvalutata abbażi tal-iskala u l-ambitu tal-impatt. F'każ ta' impatti pożittivi potenzjali, il-materjalità għandha tiġi vvalutata abbażi tal-iskala, l-ambitu u l-probabbiltà tal-impatt.

42. Ir-riżultati tal-involviment mal-partijiet ***ikkonċernati*** affettwati mwettqa fil-kuntest tal-attivitajiet kontinwi ta' diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà jirrappreżentaw kontribut ewlieni għall-valutazzjoni ***tal-materjalità tal-impatt***. Il-partijiet ikkonċernati affettwati huma individwi jew gruppi li l-interessi tagħhom huma affettwati jew jistgħu jiġu affettwati mill-attivitajiet tal-impriża u ***mir-relazzjonijiet kummerċjali*** diretti u indiretti tagħha **fil-katina tal-valur** upstream u downstream tagħha. Is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u t-trade unions bħala ***utenti*** jistgħu jkunu sostituti għall-partijiet ikkonċernati affettwati.

43. Dan li ġej japplika fid-determinazzjoni ta' kif għandhom jiġu kkunsidrati, fil-valutazzjoni tal-materjalità, ***il-politiki*** u ***l-azzjonijiet*** għall-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, it-tmiem, il-minimizzazzjoni u r-rimedju ***tal-impatti*** negattivi:

    (a) is-severità ***tal-impatti*** negattivi reali — dawk li jimmanifestaw ruħhom matul is-sena ta' rapportar — għandha tiġi vvalutata kif fil-fatt immanifestaw ruħhom matul is-sena ta' rapportar. ***L-impatti reali*** jinkludu dawk li oriġinaw fil-perjodi ta' rapportar preċedenti u li jkunu għadhom jeżistu fil-perjodu ta' rapportar attwali. Is-severità tagħhom tiġi vvalutata abbażi tal-perjodu ta' rapportar attwali, jiġifieri billi jitqies kif dawn ġew mitigati, miġjuba fi tmiemhom jew minimizzati fil-perjodi

preċedenti. Il-valutazzjoni ma għandhiex tikkunsidra attivitajiet **ta' rimedju** biex jiġu indirizzati l-impatti jekk dawk l-attivitajiet ikunu twettqu matul il-perjodu ta' rapportar;

(b) is-severità u l-probabbiltà ta' ***impatti*** negattivi potenzjali — dawk li jistgħu jimmanifestaw ruħhom fil-futur — għandhom jiġu vvalutati filwaqt li jitqiesu l-politiki u l-azzjonijiet ta' prevenzjoni u mitigazzjoni implimentati biss jekk dawk ***il-politiki*** u ***l-azzjonijiet*** ikunu jistgħu jiġu preżunti b'mod raġonevoli li jnaqqsu b'mod effettiv is-severità jew il-probabbiltà. L-azzjonijiet jew il-politiki li jkunu għadhom ma ġewx implimentati ma għandhomx jiġu kkunsidrati; u

(c) l-informazzjoni dwar ***l-impatti*** u kif l-impriża timmaniġġjahom permezz ta' ***politiki*** u ***azzjonijiet*** tista' tkun utli għat-teħid tad-deċiżjonijiet ***għall-utenti***, irrispettivament minn kemm l-impriża timmaniġġjahom b'mod effettiv jew irrispettivament minn kemm ***is-suġġetti*** korrispondenti jkunu rregolati b'mod effettiv. F'dawn il-każijiet, il-valutazzjoni tal-materjalità jeħtieġ li tqis dan.

44. L-impatti pożittivi għandhom jiġu vvalutati waħedhom, mingħajr ma jitnaqqsu ***l-impatti*** negattivi. Ir-riżultati tal-azzjonijiet għall-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, it-tmiem, il-minimizzazzjoni jew ir-rimedju tal-impatti negattivi li l-impriża hija marbuta magħhom, jew il-konformità mal-liġi u mar-regolamentazzjoni, ma humiex impatti pożittivi. L-impatti pożittivi jinkludu l-effetti tal-attivitajiet kummerċjali, ***tal-prodotti*** jew tas-servizzi tal-impriża li jimmitigaw, itemmu, jimminimizzaw jew jirrimedjaw l-impatti negattivi ta' parti oħra, meta l-impriża ma tkunx marbuta ma' dawk l-impatti.

REKWIŻIT TA' APPLIKAZZJONI – ARs

AR 18 għall-paragrafi 38–39 **(Eżempji ta' impatti konnessi)**	Dawn li ġejjin huma żewġ eżempji ta' ***impatti*** li huma marbuta mal-impriża: (a) jekk l-impriża tuża l-kobalt ***fil-prodotti*** tagħha, li jiġi estratt bl-użu ***tat-tħaddim tat-tfal***, l-impatt negattiv li jirriżulta jkun marbut mal-prodotti tal-impriża permezz tal-livelli ta' ***relazzjonijiet kummerċjali fil-katina tal-valur*** upstream tagħha. Dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali jinkludu ***l-fornituri***, in-negozjant tal-funderija u tal-minerali u l-intrapriża tal-estrazzjoni minerarja li tuża t-tħaddim tat-tfal; kif ukoll (b) jekk l-impriża tipprovdi self finanzjarju lil impriża għal attivitajiet kummerċjali li, bi ksur tal-istandards ambjentali miftiehma, jirriżultaw fil-kontaminazzjoni tal-ilma u tal-art madwar l-operazzjonijiet, dan l-impatt negattiv ikun marbut mal-impriża permezz tar-relazzjoni tagħha mal-impriża li tipprovdi s-self lilha.
AR 19 għall-paragrafi 38–39 **(Kunsiderazzjonijiet kwalitattivi u limiti kwantitattivi)**	Fl-approċċ "minn fuq għal isfel", il-kunsiderazzjonijiet kwalitattivi jistgħu jkunu biżżejjed biex tinkiseb konklużjoni dwar ***il-materjalità***. F'approċċ "minn isfel għal fuq", l-impriża tista' tuża kunsiderazzjonijiet kwalitattivi jew limiti kwantitattivi, skont in-natura ***tal-impatt***, id-data disponibbli u ċirkostanzi oħra.
AR 20 għall-paragrafi 38–39 **(Passi fil-valutazzjoni tal-materjalità tal-impatt)**	L-impriża għandha tikkunsidra l-passi li ġejjin fil-valutazzjoni ***tal-materjalità tal-impatt***: (a) il-fehim (l-attivitajiet, ***ir-relazzjonijiet kummerċjali*** u ***l-partijiet ikkonċernati***); (b) l-identifikazzjoni ***tal-impatti*** reali u ***potenzjali*** (negattivi u pożittivi); kif ukoll (c) il-valutazzjoni tal-materjalità tal-impatti reali u potenzjali u d-determinazzjoni ***tas-suġġetti*** li għandhom jiġu rrapportati, abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni.

AR 21 għall-paragrafi 38–39 **(Termini użati f'oqfsa oħra ta' rapportar)**	It-terminu "l-aktar impatti sinifikanti" jintuża f'xi oqfsa ta' rapportar eżistenti biex jirreferi ***għall-impatti*** li huma deskritti fl-ESRS bħala "impatti materjali".
AR 22 għall-paragrafi 40 - 41 **(Skala, ambitu u karattru irrimedjabbli)**	Is-severità ta' **impatt** tiġi vvalutata abbażi tal-iskala, l-ambitu u l-karattru irrimedjabbli tiegħu: (a) skala: kemm ikun serju l-impatt negattiv jew kemm huwa ta' benefiċċju l-impatt pożittiv għan-nies jew għall-ambjent; (b) ambitu: kemm ikunu mifruxa l-impatti negattivi jew pożittivi. Fil-każ ta' impatti ambjentali, "ambitu" tista' tinftiehem bħala l-firxa tal-ħsara ambjentali jew bħala perimetru ġeografiku. Fil-każ ta' impatti fuq in-nies, "kamp ta' applikazzjoni" jista' jinftiehem bħala l-għadd ta' persuni affettwati b'mod negattiv; kif ukoll (c) karattru irrimedjabbli: jekk u sa liema punt l-impatti negattivi jistgħu jiġu rrimedjati, jiġifieri billi l-ambjent jew il-persuni affettwati jiġu rrestawrati għall-istat preċedenti tagħhom. Kwalunkwe waħda mit-tliet karatteristiċi (l-iskala, l-ambitu u l-karattru irrimedjabbli) tista' tagħmel impatt negattiv sever.
AR 23 għall-paragrafu 42 **(Partijiet ikkonċernati)**	Il-kategoriji tipiċi ***tal-partijiet ikkonċernati*** affettwati ta' impriża huma: il-ħaddiema u ***r-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-forza tax-xogħol proprja*** tal-impriża u ***fil-ktajjen tal-valur*** upstream u downstream tagħha, il-komunitajiet affettwati mill-operazzjonijiet kummerċjali tagħha jew mill-attivitajiet tal-katina tal-valur upstream u downstream, u ***l-konsumaturi*** u ***l-utenti finali tal-prodotti*** u s-servizzi tagħha. Il-kunsiderazzjoni tal-partijiet ikkonċernati affettwati teħtieġ attenzjoni partikolari għall-partijiet ikkonċernati f'dawn il-kategoriji li jinsabu f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli. In-natura tista' titqies bħala parti kkonċernata affettwata siekta***.***
AR 24 għall-paragrafu 42 **(Involviment mal-partijiet ikkonċernati affettwati)**	Jekk l-impriża tinvolvi ruħha mal-***partijiet ikkonċernati*** affettwati bħala parti mill-proċess ta' diliġenza dovuta tagħha (jekk ikun hemm) biex tidentifika, tivvaluta u tindirizza ***l-impatti*** negattivi, ir-riżultati ta' dan l-involviment jipprovdu kontribut siewi għall-valutazzjoni tal-***materjalità*** tagħha, mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit proċess ta' involviment separat għall-valutazzjoni tal-materjalità. Madankollu, l-impriża tista' tfittex ukoll input dirett fil-valutazzjoni tal-materjalità tagħha mill-partijiet ikkonċernati affettwati jew mir-rappreżentanti tagħhom (bħar-rappreżentanti tal-**impjegati** jew it-trade unions), kif ukoll mill-***utenti*** tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà u minn esperti oħra. Dan jinkludi feedback dwar il-konklużjonijiet tal-impriża rigward l-identifikazzjoni tal-impatti, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali, kif ukoll rigward ***is-suġġetti*** li għandhom jiġu rrapportati.
AR 25 għall-paragrafu 42	F'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabbiltà), kif emendata mid-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà, il-maniġment tal-impriża għandu jinforma ***lir-rappreżentanti tal-ħaddiema*** fil-livell

(Rappreżentanti tal-ħaddiema)	xieraq u jiddiskuti magħhom l-informazzjoni rilevanti u l-mezzi biex tinkiseb u tiġi vverifikata l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Tali proċess u, fejn applikabbli, il-komunikazzjoni relatata ***mal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji*** rilevanti jikkostitwixxu element siewi ta' involviment mal-partijiet ***ikkonċernati*.**
AR 26 għall-paragrafu 43(a) **(Kunsiderazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet implimentati)**	Bħala eżempju, għall-kunsiderazzjoni ***tal-politiki*** u ***tal-azzjonijiet*** implimentati fil-valutazzjoni ***tal-materjalità*** fir-rigward tal-paragrafu 43(a), meta jseħħ tixrid taż-żejt, l-isforz biex jitrażżan it-tixrid jitqies bħala mitigazzjoni, filwaqt li t-tiswija tal-ħsara jew tal-ħsara li kienet ikkawżata mit-tixrid titqies bħala ***rimedju***.
AR 27 għall-paragrafu 43(b) **(Politika b'mod iżolat)**	Jekk ***politika*** tkun timplika ***azzjonijiet*** futuri biex jiġi żgurat li tkun effettiva fit-tnaqqis tas-severità jew tal-probabbiltà ta' ***impatt***, l-eżistenza ta' dik il-politika u tal-azzjonijiet futuri relatati ma għandhiex titqies fil-valutazzjoni ***tal-materjalità*** tal-impatt inkwistjoni.
AR 28 għall-paragrafu 43(c)	Fil-każijiet deskritti fil-paragrafu 43(c), l-impriża għandha tadatta l-approċċ tagħha għall-valutazzjoni ***tal-materjalità*** kif xieraq biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ***tal-utenti***, kif deskritt fil-paragrafu 23.

3.2.2. Valutazzjoni tal-materjalità finanzjarja

45. Il-valutazzjoni ***tal-materjalità finanzjarja*** tikkorrispondi għall-identifikazzjoni ta' informazzjoni li titqies materjali ***għall-utenti*** primarji ta' rapporti finanzjarji bi skop ġenerali fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-forniment ta' riżorsi lill-impriża (ara l-paragrafu 23(a)).

46. L-ambitu ***tal-materjalità finanzjarja*** għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jirrappreżenta espansjoni tal-ambitu ***tal-materjalità*** użata fil-proċess tad-determinazzjoni ta' liema informazzjoni għandha tiġi inkluża fir-rapporti finanzjarji tal-impriża fuq il-bażi tar-regoli applikabbli dwar ir-rikonoxximent u l-kejl. Il-materjalità finanzjarja ta' ***suġġett mhijiex*** limitata għar-***riskji*** jew ***għall-opportunitajiet*** materjali li jaffettwaw lill-entitajiet li huma fil-kontroll tal-impriża, iżda tinkludi informazzjoni dwar ir-riskji u l-opportunitajiet materjali attribwibbli ***għar-relazzjonijiet kummerċjali*** fil-**katina tal-valur** upstream u downstream (ara l-paragrafu62).

47. L-impriża għandha tirrapporta informazzjoni dwar ***suġġett*** minn perspettiva ta' ***materjalità finanzjarja*** jekk tiskatta, jew tista' tkun raġonevolment mistennija li tiskatta, ***effetti finanzjarji*** materjali. Dan huwa l-każ meta ***r-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** relatati ma' suġġett ikollhom, jew jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jkollhom, influwenza materjali fuq l-iżvilupp, il-pożizzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni finanzjarja, il-flussi tal-flus, l-aċċess għall-finanzjament jew il-kost tal-kapital tal-impriża fuq terminu qasir, medju jew twil.

48. ***Ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** jistgħu jirriżultaw minn avvenimenti passati jew futuri. Ir-riskji u l-opportunitajiet materjali jirriżultaw minn:

    (a) ***impatti*** materjali identifikati fil-valutazzjoni ***tal-materjalità tal-impatt***;

    (b) ***dipendenzi*** fuq riżorsi naturali, umani u soċjali; kif ukoll

    (c) fatturi oħra, bħall-esponiment għal perikli klimatiċi jew bidliet regolatorji li jindirizzaw ***riskji sistemiċi***.

49. ***Meta*** tidentifika ***r-riskji*** u ***l-opportunitajiet***, l-impriża għandha tikkunsidra ***d-dipendenzi*** bħala sorsi ta' ***effetti finanzjarji***, jew f'termini ta' flussi ta' flus jew f'termini ta' riżorsi mhux rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji. Id-dipendenzi jistgħu jkunu sorsi ta' riskji jew opportunitajiet irrispettivament ***mill-impatti potenzjali*** fuq ir-riżorsi naturali, umani u soċjali li wieħed jiddependi fuqhom.

50. ***Il-materjalità tar-riskji*** u ***tal-opportunitajiet*** hija vvalutata abbażi ta' kombinazzjoni tal-probabbiltà ta' okkorrenza u l-kobor potenzjali ***tal-effetti finanzjarji***.

REKWIŻIT TA' APPLIKAZZJONI – ARs

AR 29 għall-paragrafu 48 **(Immaniġġjar tar-riskju intern)**	Il-qafas intern tal-ġestjoni tar-riskju huwa kontribut ta' valur għall-valutazzjoni tal-***materjalità*** **tar-*riskji*** u ***tal-opportunitajiet***. F'każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-oqfsa regolatorji prudenzjali applikabbli jistgħu jinfurmaw lill-valutazzjoni tal-materjalità.
AR 30 għall-paragrafu 49 **(Dipendenzi)**	***Id-dipendenzi*** jistgħu jaffettwaw: (a) il-kapaċità tal-impriża li tuża jew tikseb ir-riżorsi meħtieġa fil-proċessi tan-negozju tagħha; (b) il-kwalità u l-ipprezzar ta' dawk ir-riżorsi; jew (c) il-kapaċità li wieħed jiddependi fuq termini aċċettabbli fir-relazzjonijiet meħtieġa għall-proċessi tan-negozju.
AR 31 għall-paragrafu 49 **(Kontribuzzjoni għall-effetti finanzjarji)**	Meta tivvaluta ***l-materjalità tar-riskji*** u ***tal-opportunitajiet***, l-impriża għandha tikkunsidra l-kontribut tagħhom ***għall-effetti finanzjarji*** fuq terminu qasir, medju u twil billi tuża: (a) ***xenarji/previżjonijiet*** probabbli; kif ukoll (b) ***effetti finanzjarji antiċipati*** li mhumiex (jew li għadhom mhumiex) riflessi fir-rapporti finanzjarji u li jirriżultaw minn riskji u opportunitajiet materjali. Dan jista' jirriżulta minn sitwazzjonijiet li għadhom ma jwasslux għar-rikonoxximent tal-assi u tal-obbligazzjonijiet jew tal-introjtu u tal-ispejjeż fir-rapporti finanzjarji f'konformità mal-kriterji tar-rikonoxximent kontabilistiku.

3.3. Ċirkostanzi speċifiċi

3.3.1. Impatti jew riskji materjali li jirriżultaw minn azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-impatti jew ir-riskji relatati ma' suġġetti oħra

51. Il-valutazzjoni ***tal-materjalità*** tista' tidentifika sitwazzjonijiet fejn ***l-azzjonijiet*** tal-impriża meħuda biex tindirizza ċerti ***impatti***, ***riskji***, jew ***opportunitajiet*** relatati ma' ***suġġett*** wieħed jistgħu joħolqu impatti negattivi materjali jew riskji materjali relatati ma' suġġett wieħed jew aktar. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-impriża għandha tippreżenta d-divulgazzjoni tagħha b'mod li jiffaċilita l-fehim tal-konnessjonijiet bejn suġġetti differenti.

REKWIŻIT TA' APPLIKAZZJONI – ARs

AR 32 għall-paragrafu 51	Dan li ġej huwa eżempju ta' sitwazzjonijiet bħal dawn. ***Il-pjan ta' tranżizzjoni għall-mitigazzjoni*** tat-tibdil fil-klima jirriżulta f'***impatti*** jew ***f'riskji*** negattivi materjali

(Impatti jew riskji li jirriżultaw mill-azzjonijiet)	relatati mal-forza ***tax-xogħol proprja***. Biex tippromwovi informazzjoni konnessa (ara l-Kapitolu 9.1), l-impriża: (a) tiddivulga taħt il-forza tax-xogħol tagħha stess l-impatti jew ir-riskji negattivi materjali li jirriżultaw mill-pjan ta' tranżizzjoni, inklużi ***l-azzjonijiet*** li jikkawżawhom, b'kontroreferenza għad-divulgazzjoni dwar il-klima; kif ukoll (b) tipprovdi deskrizzjoni fid-divulgazzjoni dwar il-klima ta' kif jiġu indirizzati l-impatti jew ir-riskji negattivi materjali relatati mal-klima.

3.3.2. Livell ta' aggregazzjoni u ta' diżaggregazzjoni

52. L-impriża għandha taggrega jew tiddiżaggrega l-informazzjoni b'mod li jirrifletti l-livell li fih jinħolqu varjazzjonijiet sinifikanti ta' ***impatti***, ***riskji*** jew ***opportunitajiet*** materjali, bħal pereżempju billi taggregahom jew tiddiżaggregahom skont ***is-suġġett***, is-settur, is-sussidjarja, ***il-ġeografija***, l-assi. L-impriża għandha tikkunsidra l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti sabiex tiddetermina l-livell ta' aggregazzjoni li jappoġġa r-rappreżentazzjoni leali tal-impatti, tar-riskji jew tal-opportunitajiet tagħha.

53. L-impriża għandha tiżgura li l-livell ta' aggregazzjoni u ta' diżaggregazzjoni ma joskurax l-informazzjoni materjali.

54. Id-diżaggregazzjoni użata biex tiġi ppreżentata divulgazzjoni partikolari għandha tirrifletti l-livell li jipprovdi l-aktar informazzjoni rilevanti ***lill-utenti***, jiġifieri ***suġġett***, grupp ta' ***impatti***, ***riskji*** jew ***opportunitajiet***, impatt, riskju jew opportunità individwali. Dan għandu jirrifletti fatturi bħan-natura tal-impatti, ir-riskji jew l-opportunitajiet inkwistjoni jew il-mod kif l-impriża timmaniġġjahom.

55. Meta tirrapporta f'livell konsolidat, l-impriża għandha twettaq il-valutazzjoni ***tal-impatti, tar-riskji*** u ***tal-opportunitajiet*** materjali għall-grupp konsolidat irrispettivament mill-istruttura legali tal-grupp. Hija għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sussidjarji tagħha jkunu koperti b'mod li jippermetti l-identifikazzjoni imparzjali tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali fil-livell tal-grupp. Jekk l-impriża tidentifika differenzi sinifikanti bejn l-impatti, ir-riskji jew l-opportunitajiet materjali fil-livell tal-grupp u l-impatti, ir-riskji jew l-opportunitajiet materjali ta' waħda jew aktar mis-sussidjarji tagħha, hija għandha tiddiżaggrega u tippreżenta l-informazzjoni b'mod li jippermetti fehim adegwat tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali tas-sussidjarja jew tas-sussidjarji kkonċernati. Jekk impatt, riskju jew opportunità materjali ddeterminati fil-livell tal-grupp ma jkunux rilevanti għas-sussidjarji jew għall-attivitajiet kollha fil-grupp, l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta f'livell diżaggregat, li jkopri biss is-sussidjarji jew l-attivitajiet li għalihom l-impatt, ir-riskju jew l-opportunità jkunu rilevanti (ara wkoll l-eżenzjonijiet ***għall-metriki*** fil-paragrafu 93).

REKWIŻIT TA' APPLIKAZZJONI – ARs

AR 33 għall-paragrafu 52 **(Ġeografiji tal-materjali)**	L-impriża għandha tikkunsidra li tiddiżaggrega l-informazzjoni rrapportata skont ***il-ġeografiji*** materjali (ara AR 11) f'livell xieraq, meta s-severità ***tal-impatti*** materjali sottostanti tkun dipendenti ħafna fuq il-karatteristiċi tal-kuntest ta' dawk il-ġeografiji, jew meta jkun hemm differenzi sinifikanti fl-attivitajiet tal-impriża li jaffettwaw dawk il-ġeografiji. Il-livell adottat ta' aggregazzjoni ma għandux joskura l-interkonnessjonijiet bejn l-impatti, ir-riskji, u l-ixprunaturi tagħhom li jeżistu f'kuntesti ġeografiċi speċifiċi, bħall-effetti kumulattivi fuq l-ekosistemi jew ir-riżorsi kondiviżi.
AR 34 għall-paragrafu 53	L-informazzjoni tista' tiġi mgħottija meta livell mhux xieraq ta' aggregazzjoni jkun jista' jinfluwenza d-deċiżjoni ***tal-utenti*** primarji tar-rapporti finanzjarji bi skop ġenerali jew id-deċiżjonijiet ta' utenti oħrajn tar-rapporti dwar ***is-sostenibbiltà bi***

(Livell mhux xieraq ta' aggregazzjoni)	***skop ġenerali***. Livell mhux xieraq ta' aggregazzjoni ***tal-impatti***, ***tar-riskji*** u ***tal-opportunitajiet*** jista' jirriżulta mill-aggregazzjoni ta' dawk li ma għandhomx karatteristiċi kondiviżi jew mid-diżaggregazzjoni ta' dawk li għandhom karatteristiċi kondiviżi. L-informazzjoni tiġi mgħottija meta l-informazzjoni materjali tkun moħbija minn informazzjoni immaterjali.

4. Diliġenza dovuta

56. Id-diliġenza dovuta hija l-proċess li bih l-impriża tidentifika, tipprevjeni, timmitiga, ittemm, timminimizza u tirrimedja ***l-impatti*** negattivi reali u potenzjali fuq in-nies u l-ambjent marbuta man-negozju tagħha. Id-Direttiva (UE) 2024/1760 (id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà)[5] tistabbilixxi rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-impriżi soġġetti għad-dispożizzjonijiet tagħha. L-istrumenti internazzjonali tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali jipprovdu wkoll gwida rilevanti dwar il-proċess ta' diliġenza dovuta. Id-diliġenza dovuta hija prattika kontinwa li twieġeb għall-istrateġija, ***il-mudell tan-negozju***, l-attivitajiet, ***ir-relazzjonijiet kummerċjali***, u l-kuntest u l-prattiki operatorji tal-impriża, inklużi d-disinn, ix-xiri, u l-bejgħ u d-distribuzzjoni, u tista' tiskatta bidliet fihom.

57. L-ESRS ma jimponu l-ebda rekwiżit ta' kondotta fir-rigward tad-diliġenza dovuta, u lanqas ma jestendu jew jimmodifikaw ir-rwol ***tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji*** tal-impriża fir-rigward tat-twettiq tad-diliġenza dovuta. Id-dispożizzjonijiet tal-ESRS huma mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà għall-impriżi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva.

58. L-eżitu tal-proċess ta' diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà tal-impriża jinforma l-valutazzjoni ***tal-impatti*** negattivi materjali tagħha.

59. Wieħed mill-passi tal-proċess ta' diliġenza dovuta huwa l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-***impatti*** negattivi marbuta mal-operazzjonijiet, ***il-prodotti*** jew is-servizzi proprji tal-impriża nnifisha, inkluż permezz ta' ***relazzjonijiet kummerċjali fil-katina tal-valur*** upstream u downstream tal-impriża. Il-passi tal-identifikazzjoni u tal-valutazzjoni tal-impatt fil-proċess tad-diliġenza dovuta jinformaw il-valutazzjoni tal-impatti materjali għall-finijiet ta' rapportar (ara l-Kapitolu 3.2.1). L-identifikazzjoni tal-impatti negattivi materjali tappoġġa wkoll l-identifikazzjoni ***tar-riskji*** u ***tal-opportunitajiet*** materjali għas-sostenibbiltà, li spiss ikunu riżultat ta' tali impatti. Meta l-impriża ma tkunx tista' tindirizza l-impatti kollha f'daqqa, il-proċess ta' diliġenza dovuta jippermetti li ***l-azzjoni*** tingħata prijorità abbażi tas-severità u l-probabbiltà tal-impatti.

5. Impriża li tirrapporta u l-katina tal-valur upstream u downstream

5.1. Impriża li tirrapporta u operazzjonijiet proprji

60. ***Id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** għandha tkun għall-istess impriża li tirrapporta bħal dik għar-rapporti finanzjarji. Jekk l-impriża prinċipali tħejji rapporti finanzjarji konsolidati, id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà għandha tkun għall-impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha f'konformità mar-rekwiżiti kontabilistiċi applikabbli. Dan ma japplikax jekk l-impriża ma tkunx meħtieġa tħejji rapporti finanzjarji jew jekk ir-rapportar konsolidat tagħha dwar is-sostenibbiltà jitħejja f'konformità mal-Artikolu 48i tad-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità).

61. Fil-każ ta' rapportar tal-grupp, l-impriża li tirrapporta normalment — ħlief għal ċirkostanzi speċifiċi, bħal lokazzjoni u assi li huma miżmuma mill-iskemi ta' benefiċċji ta' terminu twil għall-impjegati tal-impriża

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859 ("CSDDD"), (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

— tqis bħala parti mill-operazzjonijiet tagħha stess: l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż tal-impriża prinċipali u tas-sussidjarji tagħha, li jinsabu fl-UE jew barra minnha, kif iddeterminati f'konformità mar-rekwiżiti kontabilistiċi applikabbli. Il-paragrafi 62 sa 75 jipprovdu aktar dispożizzjonijiet u eċċezzjonijiet għad-determinazzjoni tal-konfini tar-rapportar tal-operazzjonijiet proprji u ***tal-katina tal-valur*** upstream u downstream. Barra minn hekk, l-impriża tista' teskludi mill-konfini tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà sussidjarja li tkun ġiet eskluża mill-ambitu tar-rapporti finanzjarji konsolidati minħabba n-nuqqas ta' materjalità tagħha minn perspettiva finanzjarja, sakemm ma jkunx hemm fatti u ċirkostanzi speċifiċi li jesponu lill-grupp għal ***impatti*** li jirriżultaw mis-sussidjarja inkwistjoni li jissodisfaw il-limiti ta' ***materjalità*** tal-grupp.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 35 għall-paragrafu 61 **(Sussidjarja b'perjodu ta' rapportar differenti)**	Meta tinkludi sussidjarji b'perjodi ta' rapportar differenti ***fid-dikjarazzjoni kkonsolidata dwar is-sostenibbiltà***, l-impriża tista' tagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-kontabbiltà applikabbli li jittrattaw dawk iċ-ċirkostanzi.
AR 36 għall-paragrafu 61 **(Sehem ta' operazzjonijiet konġunti)**	Mingħajr preġudizzju għall-ħelsien fil-paragrafu92, l-impriża għandha tikklassifika bħala "***operazzjonijiet tagħha stess***" ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** marbuta mas-sehem tal-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż tal-operazzjoni konġunta tagħha rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji.

5.2. Inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-katina tal-valur upstream u downstream

62. Sa fejn ikun meħtieġ biex jinftiehmu ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali tal-impriża u biex jiġu ssodisfati l-karatteristiċi kwalitattivi tal-informazzjoni (ara l-Appendiċi B), l-informazzjoni rrapportata għandha tiġi estiża lil hinn mill-operazzjonijiet tagħha biex tkopri l-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali marbuta mal-impriża permezz ***tar-relazzjonijiet kummerċjali*** diretti u indiretti tagħha ***fil-katina tal-valur*** upstream u downstream (informazzjoni dwar il-katina tal-valur), mingħajr preġudizzju għall-ħelsien tal-akkwiżizzjonijiet u d-disponimenti fil-Kapitolu 5.4.

63. L-impriża għandha tinkludi informazzjoni materjali dwar il-katina tal-valur upstream u downstream f'konformità mal-eżitu tal-valutazzjoni tagħha tal-***materjalità doppja*** kif deskritt f'dan l-istandard u fi kwalunkwe rekwiżit speċifiku relatat mal-katina tal-valur upstream u downstream f'ESRS oħrajn.

64. L-applikazzjoni tal-paragrafu ma 63 tirrikjedix informazzjoni dwar kull attur ***fil-katina tal-valur*** upstream u downstream iżda biss l-inklużjoni ta' informazzjoni materjali.

65. Sabiex tidentifika l-***impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali li huma marbuta mal-impriża permezz tar-***relazzjonijiet kummerċjali tagħha*** **fil-katina tal-valur** upstream u downstream, u biex tirrapporta dwarhom, l-impriża tista' tuża informazzjoni miġbura direttament minn kontrapartijiet fil-katina tal-valur upstream u downstream, jew tista' tuża stimi, skont kunsiderazzjonijiet ta' prattikabbiltà u affidabbiltà relatati mal-input meħtieġ. Meta tiżviluppa stimi, l-impriża tista' tuża informazzjoni interna u esterna, bħal data minn sorsi indiretti, data medja tas-settur, analiżijiet ta' kampjuni, data tas-suq u tal-gruppi ta' pari, data bbażata fuq l-infiq jew sostituti oħra.

66. Meta tapplika l-Artikolu 19a(3), mill-ewwel sas-sitt subparagrafu, u l-Artikolu 29a(3), mill-ewwel sas-sitt subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità), l-impriża għandha tqis il-fatt li l-limitu massimu (il-limitu massimu tal-katina tal-valur) tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li tista'

tkun meħtieġa mill-impriżi protetti fil-***katina tal-valur*** tagħha jinkludi biss il-punti tad-data speċifikati fl-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) …/… ta' … li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi standards dwar ir-rapportar tas-sostenibbiltà għal użu volontarju mill-impriżi protetti mil-limitu tal-katina tal-valur [O.P.: *daħħal in-numru tar-Regolament Delegat C(2026) 5011*][6]. Din il-limitazzjoni tapplika wkoll għal impriżi mhux tal-UE fil-katina tal-valur upstream u downstream tal-impriża li tirrapporta.

67. ***Impatti***, ***riskji*** jew ***opportunitajiet*** differenti jistgħu jkunu materjali fir-rigward ta' partijiet differenti ***tal-katina tal-valur*** upstream u downstream tal-impriża.

68. L-informazzjoni rrapportata dwar ***il-politiki***, ***l-azzjonijiet*** u ***l-miri*** għandha tinkludi informazzjoni dwar ***il-katina tal-valur*** upstream u downstream biss sal-punt li l-katina tal-valur tkun fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politiki, l-azzjonijiet u l-miri tal-impriża.

69. L-investimenti, inklużi pożizzjonijiet ta' parteċipazzjoni azzjonarja f'kumpaniji assoċjati u impriżi konġunti, huma ttrattati bħala ***relazzjonijiet kummerċjali***.

70. Mingħajr preġudizzju għall-ħelsien fil-paragrafu92, f'xi każijiet, kumpaniji assoċjati jew impriżi konġunti li jiġu kontabbilizzati skont il-metodu tal-ekwità huma wkoll parti ***mill-katina tal-valur*** upstream u downstream tal-impriża lil hinn mir-relazzjoni tal-parteċipazzjoni azzjonarja, bħal meta jkunu wkoll ***forniturі*** jew klijenti. F'dawn il-każijiet, l-impriża għandha tiddivulga informazzjoni relatata ma' dawn ir-relazzjonijiet tal-provvista jew tal-klijenti, f'konformità mal-paragrafu62, konsistenti mal-approċċ adottat għal ***relazzjonijiet kummerċjali*** simili. F'dawn il-każijiet, meta jiġu ddeterminati ***l-metriki***, id-data tal-kumpanija assoċjata jew tal-impriża konġunta ma tkunx limitata għas-sehem tal-ekwità miżmum, iżda għandha tirrifletti ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** li huma konnessi mal-impriża permezz tar-relazzjoni bejn il-provvista u l-klijent. Dan ifisser li l-impriża tqis kemm ir-relazzjoni tagħha bħala investitur fil-kumpanija assoċjata jew fl-impriża konġunta kif ukoll ir-relazzjoni tagħha ta' provvista jew klijent.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 37 għall-paragrafi 62-63 **(Rapportar tal-katina tal-valur għall-impriżi li jimmaniġġjaw l-investimenti b'ċerti kundizzjonijiet)**	Meta l-impriża timmaniġġja investimenti soġġetti għal dmir fiduċjarju f'isem il-klijenti tagħha skont il-mandat mifitehem ma' dawk il-kljenti mingħajr ma żżomm ir-riskji jew il-benefiċċji tas-sjieda, dik l-impriża ma tkunx mistennija tipprovdi data dwar dawk l-investimenti.
AR 38 għall-paragrafu 63 **(Metriki u katina tal-valur)**	L-impriża hija meħtieġa tinkludi ***metriki*** speċifiċi għall-entità biex tkopri ***l-katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha meta dan ikun meħtieġ f'konformità mal-paragrafu11, peress li l-metriki definiti fl-istandards topiċi tal-ESRS tkopri biss l-operazzjonijiet proprji, bl-eċċezzjoni ***tal-emissjonijiet*** ta' ***gassijiet serra*** (ESRS E1–8).

[6] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) …/… ta' …. li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-użu volontarju mill-impriżi protetti bil-limitu massimu tal-katina tal-valur (ĠU XX, ELI:XXX). [O.P.: *daħħal in-numru, id-data, ir-referenza tal-ĠU u n-numru tal-ELI ta' dak ir-Regolament Delegat C(2026) 5011*].

5.3. Dispożizzjonijiet u eċċezzjonijiet għad-determinazzjoni tal-konfini rispettivi tar-rapportar tal-operazzjonijiet propri u tal-katina tal-valur

71. ***L-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** relatati ma' assi mikri jista' jkollhom sorsi differenti, skont jekk jirriżultawx mill-użu tal-assi jew mis-sjieda tiegħu. Il-lokatarju jkun qed juża l-assi mikri, u għandu jirrapporta l-impatti marbuta mal-użu tal-assi fl-operazzjonijiet tiegħu stess matul il-perjodu ta' lokazzjoni. Il-lokatur jipprovdi lil-lokatarju d-dritt li jintuża l-assi u għandu jirrapporta l-impatti marbuta mal-użu tal-assi bħala parti ***mill-katina tal-valur*** downstream tiegħu. Jekk ir-riskji u l-opportunitajiet relatati ma' assi mikri, kif ukoll l-impatti minbarra dawk marbuta mal-użu tal-assi mikri, jakkumulawx għas-sid jew għal-lokatarju jiddependi fuq id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' lokazzjoni, li jenħtieġ li jiġu riflessi fl-informazzjoni rrapportata.

72. ***L-impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** li jirriżultaw mill-assi li huma miżmuma mill-iskemi ta' benefiċċji tal-impjegati fit-tul tal-impriża huma marbuta mal-impriża permezz ***tar-relazzjonijiet kummerċjali*** tagħha ***fil-katina tal-valur***.

73. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 71 u 72 jieħdu preċedenza fuq l-istandards topiċi inkluż fuq id-dispożizzjonijiet fl-ESRS E1–8.

REKWIŻIT TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 39 għall-paragrafu 71 **(Assi mikrija)**	Pereżempju, il-lokatarju u mhux il-lokatur ikun dak li jikkawża ***t-tniġġis***, bl-użu tal-enerġija jew bil-konsum tal-ilma f'fabbrika mikrija. Għalhekk, il-lokatarju jivvaluta ***l-impatti*** materjali marbuta mal-użu tal-assi mogħtija b'lokazzjoni fl-operazzjonijiet tiegħu stess.

5.4. Eżenzjoni għal akkwiżizzjonijiet u disponimenti

74. Jekk l-impriża takkwista impriża sussidjarja matul il-perjodu ta' rapportar, hija tista' tiddifferixxi l-inklużjoni ta' dik l-impriża sussidjarja fil-valutazzjoni tal-***materjalità*** u fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** għall-perjodu ta' rapportar sussegwenti. Jekk impriża sussidjarja titlaq mill-grupp matul il-perjodu ta' rapportar, hija tista' taġġusta l-ambitu tal-valutazzjoni tal-materjalità u l-limitu tar-rapportar mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar attwali.

75. Jekk l-impriża tuża l-eżenzjoni tal-paragrafu 74, hija għandha tuża l-informazzjoni disponibbli biex tiddivulga kwalunkwe avveniment sinifikanti li affettwa lill-impriża sussidjarja matul il-perjodu ta' rapportar mill-akkwiżizzjoni jew sad-disponiment u li jkollu effett fuq ***l-impatti*** tal-grupp fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, jew ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** relatati magħhom.

6. Perjodu ta' rapportar, sena bażi u orizzonti ta' żmien

6.1. Perjodu ta' rapportar u sena bażi

76. Il-perjodu ta' rapportar għad-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tal-impriża — inkluż għall-kalkolu ***tal-metriki*** — għandu jkun konsistenti ma' dak tar-rapporti finanzjarji tagħha.

77. Is-sena bażi hija d-data jew il-perjodu ta' referenza storiku li għalih tkun disponibbli l-informazzjoni u li miegħu tista' titqabbel l-informazzjoni sussegwenti maż-żmien.

78. L-impriża għandha tippreżenta informazzjoni komparattiva fir-rigward tas-sena bażi għall-***metriki*** rrapportati fil-perjodu attwali meta tirrapporta l-progress lejn ***mira*** sakemm id-DR rilevanti ma tirrikjedix speċifikament mod ieħor. Jekk ikunu ntlaħqu stadji importanti bejn is-sena bażi u l-perjodu ta' rapportar, ir-rapportar dwar dawn il-kisbiet huwa informazzjoni kuntestwali utli.

6.2. Perjodu ta' żmien: definizzjoni ta' terminu qasir, medju u twil għal skopijiet ta' rapportar

79. Meta tħejji ***d-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha, l-impriża għandha tadotta l-intervalli ta' żmien li ġejjin sa tmiem il-perjodu tar-rapportar:

    (a) perjodu ta' żmien qasir: it-tul tal-perjodu adottat għar-rapporti finanzjarji tagħha;

    (b) perjodu ta' żmien medju: mit-tmiem tal-perjodu ta' żmien qasir sa ħames snin; kif ukoll

    (c) perjodu ta' żmien twil: aktar minn 5 snin.

80. L-impriża għandha tuża diżaggregazzjonijiet addizzjonali għal perjodu ta' żmien fit-tul jekk ***l-impatti*** jew ***l-azzjonijiet*** ikunu mistennija fuq perjodu itwal minn ħames snin peress li ż-żieda ta' tali diżaggregazzjoni tipprovdi informazzjoni rilevanti.

81. L-impriża tista' tadotta definizzjoni differenti għal perjodi ta' żmien medji jew fit-tul jekk l-użu ta' perjodi ta' żmien medji jew fit-tul definiti fil-paragrafu 79 jirriżulta f'informazzjoni mhux rilevanti. Dan jista' jseħħ jekk l-impriża tuża definizzjoni differenti għal (a) il-proċessi tagħha ta' identifikazzjoni u ġestjoni ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali jew (b) ***l-azzjonijiet*** u ***l-miri*** tagħha. Dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jkunu dovuti għal karatteristiċi speċifiċi għall-industrija, bħaċ-ċikli tal-fluss tal-flus u tan-negozju jew l-orizzonti tal-ippjanar tipikament użati fis-settur għat-teħid tad-deċiżjonijiet, id-durata mistennija tal-investimenti kapitali, jew l-orizzonti ta' żmien li fuqhom ***l-utenti*** jwettqu l-valutazzjonijiet tagħhom.

82. Ir-referenzi għal "terminu qasir", "terminu medju" u "terminu twil" fl-ESRS jirreferu għal perjodi ta' żmien kif determinati mill-impriża f'konformità mad-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 79-81.

7. Tħejjija ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà

7.1. Informazzjoni komparattiva

83. L-impriża għandha tiddivulga informazzjoni komparattiva fir-rigward tal-perjodu preċedenti ***għall-metriki*** u l-ammonti kwantitattivi kollha. Jekk rilevanti għal fehim ***tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tal-perjodu attwali, huwa meħtieġ ukoll li tiġi ddivulgata informazzjoni komparattiva għad-divulgazzjonijiet narrattivi.

84. Id-definizzjoni u l-kalkolu ***tal-metriki, inklużi l-metriki*** użati biex jiġu stabbiliti ***l-miri*** u jiġi mmonitorjat il-progress lejn dawk il-miri, għandhom ikunu konsistenti maż-żmien. L-impriża għandha tipprovdi informazzjoni kuntestwali u ċifri komparattivi riveduti sakemm ***ma jkunx prattikabbli*** li dan isir jekk hija tkun:

    (a) iddefiniet mill-ġdid jew issostitwiet metrika jew mira; jew

    (b) identifikat informazzjoni ġdida fir-rigward taċ-ċifri stmati divulgati fil-perjodu preċedenti, u l-informazzjoni l-ġdida tipprovdi evidenza taċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu fil-perjodu preċedenti.

85. Jekk ***ma jkunx prattikabbli*** li tiġi riveduta l-informazzjoni komparattiva ***għall-metriki*** għal perjodu preċedenti wieħed jew aktar, l-impriża għandha tiddivulga dan il-fatt.

86. Meta ESRS jirrikjedi li l-impriża tippreżenta aktar minn perjodu komparattiv wieħed għal punt ***metriki*** jew tad-data, ir-rekwiżiti ta' dak l-ESRS għandhom jipprevalu.

87. ***Għall-metriki*** u l-ammonti monetarji:

    (a) jekk l-impriża tirrapporta ammonti komparattivi li jvarjaw b'mod sinifikanti mill-informazzjoni rrapportata fil-perjodu preċedenti, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet għall-bidla u d-differenza bejn l-ammonti rrapportati fil-perjodu preċedenti u l-ammonti riveduti;

    (b) jekk l-impriża tirrapporta dwar ***suġġett*** jew dwar ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali għall-ewwel darba, ma tkunx meħtieġa tippreżenta informazzjoni komparattiva relatata magħhom fil-perjodu ta' rapportar attwali (jiġifieri jekk ma jkunux ġew irrapportati f'***dikjarazzjonijiet preċedenti dwar is-sostenibbiltà*** tal-impriża); kif ukoll

(c) mingħajr preġudizzju għall-ħelsien mill-akkwiżizzjonijiet u mid-disponimenti (ara l-Kapitolu 5.4), meta jkun meħtieġ sabiex jiġi pprovdut fehim tal-progress lejn l-ilħuq ta' ***mira*** wara akkwiżizzjoni jew disponiment maġġuri, l-impriża għandha tiddeskrivi kif it-tranżazzjoni taffettwa l-progress lejn l-ilħuq tal-mira.

REKWIŻIT TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 40 għall-paragrafu 84(b) **(Reviżjoni tal-komparattivi)**	L-impriża ma hijiex meħtieġa tirrevedi ċ-ċifra komparattiva għal informazzjoni ġdida riċevuta jekk il-komparattivi riveduti ma jipprovdux informazzjoni utli, bħal meta l-metodoloġija ta' stima għall-metriki ***rilevanti*** tiddependi b'mod sistematiku fid-data tar-rapportar fuq input mill-perjodu preċedenti.

7.2. Ġudizzju, inċertezza tal-kejl u inċertezza tal-eżitu

88. L-impriża għandha tiddivulga informazzjoni biex ***l-utenti*** jkunu jistgħu jifhmu:

    (a) il-ġudizzji li tagħmel li jkollhom l-aktar effett sinifikanti fuq l-informazzjoni rrapportata;

    (b) l-inċertezzi sinifikanti li jaffettwaw l-informazzjoni ppreżentata, inkluż jekk din tiddependix fuq stimi; kif ukoll

    (c) suppożizzjonijiet u limitazzjonijiet sinifikanti fl-istimi.

89. Xi ESRS jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni li għandha eżiti inċerti, bħal spjegazzjonijiet dwar avvenimenti futuri possibbli. Meta tivvaluta jekk l-informazzjoni dwar tali avvenimenti futuri possibbli hijiex materjali, l-impriża għandha tirreferi għall-kriterji fil-Kapitolu 3.2.2 u tikkunsidra:

    (a) ***l-effetti finanzjarji antiċipati*** tal-avvenimenti (l-eżiti possibbli);

    (b) is-severità u l-probabbiltà ***tal-impatti potenzjali*** fuq in-nies jew l-ambjent li jirriżultaw minn avvenimenti futuri possibbli; kif ukoll

    (c) il-firxa ta' eżiti possibbli u l-probabbiltà tal-eżiti possibbli f'dik il-firxa.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 41 għall-paragrafu 89 **(Dwar is-sentenzi)**	Fit-tħejjija ***tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha, l-impriża tagħmel diversi ġudizzji, lil hinn minn dawk li jinvolvu stimi, li jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-informazzjoni rrapportata, bħal meta: (a) tidentifika informazzjoni materjali li għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà (ara l-paragrafu233); kif ukoll (b) tidentifika l-***impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali, l-assoċjazzjoni tagħhom mas-***suġġett(i)*** rilevanti, u l-valutazzjoni ta' jekk huwiex meħtieġ aġġornament tal-valutazzjoni ***tal-materjalità*** (ara l-Kapitolu 3).
AR 42 għall-paragrafu 89 **(L-użu ta' suppożizzjonijiet u stimi raġonevoli u appoġġabbli)**	L-użu ta' stimi raġonevoli, inkluż meta tiġi żviluppata analiżi ***tax-xenarju*** jew tas-sensittività, huwa parti essenzjali mit-tħejjija tad-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tal-impriża. Ma jimminax l-utilità ta' dik l-informazzjoni sakemm jiġu spjegati s-suppożizzjonijiet u l-istimi sinifikanti. Anki livell għoli ta' inċertezza tal-kejl mhux neċessarjament jipprevjeni suppożizzjoni jew stima bħal din milli tipprovdi informazzjoni utli jew milli tissodisfa l-karatteristiċi kwalitattivi tal-informazzjoni (ara l-Appendiċi B).

AR 43 għall-paragrafu 89 **(L-użu ta' suppożizzjonijiet u stimi raġonevoli u appoġġabbli)**	Ir-rekwiżit fil-paragrafu 88 huwa relatat mal-istimi li jeħtieġu l-aktar ġudizzji diffiċli, suġġettivi jew kumplessi.

7.3. Eżenzjonijiet għat-tħejjija tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà tal-ESRS

90. L-impriża tista' teskludi attivitajiet mill-kalkoli ***metriċi*** jekk, minħabba n-natura tagħhom, ma jkunux xprunatur sinifikanti ***tal-impatti***, ***tar-riskji*** jew ***tal-opportunitajiet*** li l-metrika jkollha l-għan li tirrappreżenta, u jekk l-esklużjoni tagħhom mill-kalkolu ma tkunx mistennija li tfixkel ir-rilevanza u r-rappreżentazzjoni leali tal-informazzjoni rrapportata. L-impriża għandha tiddivulga jekk dan il-ħelsien jintużax u tinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti biex ***l-utenti*** jkunu jistgħu jifhmu l-limitazzjonijiet tal-ambitu li jirriżultaw minnu.

91. Ħlief meta tirrapporta l-metrika tal-ESRS E1-8 *Emissjonijiet grossi ta' gassijiet serra tal-ambitu 1, 2, 3*, jekk l-impriża tista' tipprovdi mingħajr ma ġġarrab kost jew sforz eċċessiv data diretta jew stmata affidabbli biss għal parti definita b'mod oġġettiv tal-operazzjonijiet tagħha stess jew ***tal-katina tal-valur*** upstream jew downstream tagħha, hija għandha tiddivulga li identifikat ***l-impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali iżda li ***l-metrika*** korrispondenti bħalissa tista' tiġi rrapportata biss fuq ambitu ta' rapportar parzjali jew għal subsett tal-katina tal-valur. F'din iċ-ċirkostanza, l-impriża għandha tiddivulga ***l-azzjonijiet*** li tkun ħadet biex iżżid il-kopertura u l-kwalità tal-informazzjoni rrapportata f'perjodi futuri u l-progress li jkun sar meta mqabbel mal-perjodu preċedenti. Il-kopertura tal-informazzjoni rrapportata hija mistennija li tiżdied maż-żmien, b'mod partikolari għall-metriċi fl-operazzjonijiet proprji. Dan il-paragrafu japplika mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet fis-Sub-Kapitolu 7.4.

92. L-impriża tista' teskludi operazzjonijiet konġunti li fuqhom ma għandhiex kontroll operazzjonali mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu għall-***metrika*** ambjentali rrapportata f'konformità mal-ESRS E2 *Tniġġis*, l-ESRS E3 *Ilma*, l-ESRS E4 *Bijodiversità u Ekosistemi u* l-ESRS E5 *Użu tar-Riżorsi u Ekonomija Ċirkolari*. L-impriża għandha tiddivulga jekk dan il-ħelsien huwiex qed jintuża u tinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti biex tippermetti fehim tal-limitazzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni li jirriżultaw minnu. F'din iċ-ċirkostanza, u mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-impriża dwar jekk teżerċitax kontroll operazzjonali jew le, hija għandha tiddivulga ***l-azzjonijiet*** li tkun ħadet biex iżżid il-kopertura tal-informazzjoni rrapportata u l-kwalità tagħha f'perjodi futuri u l-progress li jkun sar meta mqabbel mal-perjodu preċedenti.

REKWIŻITI TA' APPLIKAZZJONI – ARs

AR 44 għall-paragrafu 92 **(Eżenzjoni u emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-kamp ta' applikazzjoni 3)**	Meta tħejji l-informazzjoni dwar ***emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ambitu 3***, fil-limiti definiti f'dan l-istandard fl-AR 19 tal-ESRS E1 *Tibdil fil-Klima*, japplika l-paragrafu AR 24 tal-ESRS E1 *Tibdil fil-Klima*.

7.4. Informazzjoni raġonevoli u sostnuta li tkun disponibbli mingħajr kost jew sforz eċċessiv

93. L-impriża għandha tuża l-informazzjoni raġonevoli u appoġġabbli kollha li tkun disponibbli għall-impriża fid-data tar-rapportar mingħajr kost jew sforz eċċessiv:

    (a) biex tidentifika ***l-impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali;

    (b) biex tiddetermina l-ambitu tal-***katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha, inklużi l-firxa u l-kompożizzjoni tagħha, fir-rigward tal-impatti, ir-riskji jew l-opportunitajiet materjali;

    (c) meta testendi l-informazzjoni biex tinkludi informazzjoni dwar il-katina tal-valur upstream u downstream, kif meħtieġ mill-paragrafu62;

    (d) biex tħejji informazzjoni dwar ***il-metriki***; kif ukoll

    (e) biex tirrapporta dwar ***l-effetti finanzjarji attwali u antiċipati.***

94. Il-valutazzjoni ta' x'jikkostitwixxi kost jew sforz eċċessiv tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-impriża u tirrikjedi kunsiderazzjonijiet bilanċjata tal-kostijiet għall-impriża u tal-benefiċċji tal-informazzjoni li tirriżulta għall-***utenti***.

95. Informazzjoni raġonevoli u sostnuta li tkun disponibbli għall-impriża mingħajr kost jew sforz eċċessiv hija soġġetta għal rivalutazzjoni għal kull perjodu ta' rapportar. Dan jirrifletti r-riżultati tal-***azzjonijiet*** tal-passat tal-impriża biex ittejjeb id-disponibbiltà tad-data jew id-disponibbiltà ogħla ta' informazzjoni esterna. B'riżultat ta' dan, id-disponibbiltà tal-informazzjoni hija mistennija li titjieb maż-żmien.

REKWIŻIT TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 45 għall-paragrafu 94 **(Informazzjoni raġonevoli u sostnuta disponibbli mingħajr kost jew sforz eċċessiv)**	Informazzjoni raġonevoli u sostnuta tkopri fatturi li huma speċifiċi għall-impriża, kif ukoll kundizzjonijiet ġenerali fl-ambjent estern. Informazzjoni raġonevoli u sostnuta tinkludi informazzjoni dwar avvenimenti passati, kundizzjonijiet attwali u previżjonijiet ta' kundizzjonijiet futuri. L-impriża ma hijiex meħtieġa twettaq tfittxija eżawrjenti għal tali informazzjoni. Meta tivvaluta jekk it-tħejjija ta' divulgazzjoni tkunx tinvolvi kost jew sforz eċċessiv fid-data tar-rapportar, l-impriża għandha tikkunsidra, individwalment jew b'mod konġunt, kriterji bħal: (a) id-daqs, ir-riżorsi u l-prontezza teknika tagħha fir-rigward tal-iskala u l-kumplessità ***tal-katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha; kif ukoll (b) id-disponibbiltà ta' għodod għall-aċċess u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, inklużi għodod diġitali. Fil-valutazzjoni tad-disponibbiltà tal-informazzjoni, l-impriża: (a) għandha tuża informazzjoni interna u esterna li tkun disponibbli għall-impriża fid-data tar-rapportar, filwaqt li tirrikonoxxi li d-disponibbiltà fid-data tar-rapportar tirrifletti t-titjib fil-ġbir tad-data implimentat mill-perjodu preċedenti; kif ukoll (b) hija mistennija li jikkunsidra disponibbli mingħajr kost jew sforz eċċessiv l-informazzjoni li tirriżulta minn: i. riżorsi interni, bħal: il-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju tal-impriża; informazzjoni li tintuża mill-impriża fit-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha, waqt li topera l-***mudell ta' negozju***tagħha, fit-twaqqif tal-istrateġija tagħha, waqt it-twettiq tad-diliġenza dovuta dwar is-sostenibbiltà tagħha u l-ġestjoni tal-***impatti, tar-riskji*** u ***tal-opportunitajiet*** tagħha; kif ukoll

	ii. riżorsi esterni, bħal esperjenza fis-settur jew fi grupp ta' pari, u riċerka xjentifika.

7.5. Aġġornament tad-divulgazzjoni dwar kundizzjonijiet fi tmiem il-perjodu tar-rapportar

96. Jekk, wara l-perjodu ta' rapportar iżda qabel ma r-rapport ta' ġestjoni jiġi awtorizzat għall-ħruġ, l-impriża tirċievi informazzjoni li tipprovdi evidenza jew għarfien dwar il-kundizzjonijiet li kienu jeżistu fi tmiem il-perjodu ta' rapportar, l-impriża għandha taġġorna d-divulgazzjonijiet tagħha fid-dawl tal-informazzjoni l-ġdida.

97. L-impriża għandha tiddivulga informazzjoni dwar tranżazzjonijiet materjali, avvenimenti u kundizzjonijiet oħrajn li jseħħu wara t-tmiem tal-perjodu ta' rapportar iżda qabel id-data li fiha r-rapport ta' ġestjoni jkun awtorizzat għall-ħruġ u tipprovdi informazzjoni narrattiva li tindika l-eżistenza, in-natura u l-konsegwenzi potenzjali ta' dawn l-eventi ta' wara s-sena.

7.6. Erruri tar-rapportar fil-perjodi preċedenti

98. L-impriża għandha tikkoreġi l-materjal tal-erruri tal-perjodi preċedenti billi tiddikjara mill-ġdid l-ammonti komparattivi għall-perjodu(i) preċedenti divulgati sakemm ma jkunx ***prattikabbli*** li dan isir. Dan ir-rekwiżit ma jestendix għall-perjodi ta' rapportar qabel l-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-ESRS mill-impriża.

99. L-erruri potenzjali tal-perjodu ta' rapportar skoperti fl-istess perjodu ta' rapportar jiġu kkoreġuti qabel ma ***d-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tiġi awtorizzata għall-ħruġ. Madankollu, xi drabi l-erruri materjali ma jiġux skoperti qabel perjodu sussegwenti. Fil-każ ta' żbalji materjali skoperti f'perjodu sussegwenti, jekk ***ma jkunx prattikabbli*** li jiġi ddeterminat l-effett ta' errur fuq il-perjodi preċedenti kollha ppreżentati, l-impriża għandha tiddikjara mill-ġdid l-informazzjoni komparattiva biex tikkoreġi l-errur mill-aktar data bikrija prattikabbli.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 46 għall-paragrafu 99 (Erruri tal-perjodi preċedenti)	L-erruri tal-perjodi preċedenti huma ommissjonijiet u dikjarazzjonijiet skorretti minn ***dikjarazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà*** tal-impriża għal perjodu preċedenti wieħed jew aktar. Tali erruri jirriżultaw min-nuqqas ta' użu, jew mill-użu abbużiv, ta' informazzjoni affidabbli li: (a) kienet disponibbli meta r-rapport ta' ġestjoni li jinkludi d-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà għal dawk il-perjodi kien awtorizzat għall-ħruġ; kif ukoll (b) li wieħed jista' raġonevolment jaħseb li tkun inkisbet u ġiet ikkunsidrata fit-tħejjija tad-divulgazzjonijiet ta' sostenibbiltà inklużi f'dawn ir-rapporti. Erruri bħal dawn jinkludu: l-effetti ta' żbalji matematiċi, ta' żbalji fl-applikazzjoni tad-definizzjonijiet ***għall-metriki*** jew ***għall-miri***, ta' żvisti jew ta' interpretazzjonijiet ħżiena ta' fatti, u ta' frodi. Il-korrezzjonijiet ta' erruri huma differenti minn bidliet fl-istimi. L-istimi jista' jkollhom bżonn jiġu riveduti hekk kif issir magħrufa informazzjoni addizzjonali.

7.7. Ommissjoni ta' informazzjoni

100. Meta tiddivulga informazzjoni meħtieġa minn ESRS, l-impriża tista' tħalli barra l-informazzjoni li ġejja:

(a) f'każijiet eċċezzjonali, informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha tkun ta' preġudizzju serju għall-pożizzjoni kummerċjali tal-impriża, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

i. tali ommissjoni ma tipprevjenix fehim ġust u bbilanċjat tal-iżvilupp, tal-prestazzjoni u tal-pożizzjoni tal-impriża, jew ***tar-riskji*** jew ***tal-impatti*** materjali tagħha;

ii. l-impriża tkun iddeterminat li huwa impossibbli li tiġi ddivulgata l-informazzjoni b'mod, bħal f'livell aggregat, li jippermettilha tilħaq l-objettivi tar-rekwiżit ta' divulgazzjoni mingħajr ma tippreġudika serjament il-pożizzjoni kummerċjali tagħha;

iii. għal kull punt ta' data li jitħalla barra, l-impriża tiddivulga l-fatt li użat din l-eżenzjoni;

iv. l-impriża tivvaluta mill-ġdid f'kull data ta' rapportar jekk l-informazzjoni tistax titħalla barra;

(b) informazzjoni li tikkorrispondi għall-kapital intellettwali, għall-proprjetà intellettwali, għall-għarfien espert, għall-informazzjoni teknoloġika, jew għar-riżultati tal-innovazzjoni, li tikkwalifika bħala sigriet kummerċjali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2016/943 (id-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali)[7], dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

i. għal kull punt ta' data li jitħalla barra, l-impriża tiddivulga l-fatt li użat din l-eżenzjoni; kif ukoll

ii. l-impriża tivvaluta mill-ġdid f'kull data ta' rapportar jekk l-informazzjoni tistax titħalla barra.

(c) informazzjoni klassifikata kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2023/2418, dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

i. għal kull punt ta' data li jitħalla barra, l-impriża tiddivulga l-fatt li użat din l-eżenzjoni; kif ukoll

ii. l-impriża tivvaluta mill-ġdid f'kull data ta' rapportar jekk l-informazzjoni tistax titħalla barra;

(d) informazzjoni oħra li għandha tiġi protetta minn aċċess jew divulgazzjoni mhux awtorizzati minħabba obbligi stabbiliti f'atti legali oħra tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali, jew sabiex tiġi ssalvagwardjata l-privatezza jew is-sigurtà ta' persuna fiżika jew is-sigurtà ta' persuna ġuridika, dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

i. għal kull punt ta' data li jitħalla barra, l-impriża tiddivulga l-fatt li użat din l-eżenzjoni; kif ukoll

ii. l-impriża tivvaluta mill-ġdid f'kull data ta' rapportar jekk l-informazzjoni tistax titħalla barra.

101. L-impriża għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex tiżgura li, lil hinn mill-ommissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 100, ir-rilevanza ġenerali tad-divulgazzjoni inkwistjoni ma tiġix imfixkla.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 47 għall-paragrafu 101 Error! Reference source not found. **(Informazzjoni li tista' titħalla barra)**	Il-fatt li l-impriżi mhux stabbiliti fl-Unjoni mhumiex meħtieġa jirrapportaw l-istess informazzjoni ma jistax jintuża biex jiġġustifika l-ommissjoni ta' informazzjoni skont il-paragrafu 101, il-punt (a).

7.8. Rapportar dwar opportunitajiet materjali

102. Meta jsir rapportar dwar ***l-opportunitajiet*** materjali, id-divulgazzjoni għandha tikkonsisti f'informazzjoni deskrittiva li tippermetti ***lill-utenti*** jifhmu l-opportunitajiet. L-impriża ma għandhiex tirrapporta opportunitajiet ġenerali għas-settur iżda biss opportunitajiet li bħalissa qed jiġu segwiti jew inkorporati

[7] Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom ("Id-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali") (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/943/oj).

fl-istrateġija ġenerali tagħha. Id-dispożizzjonijiet dwar ***l-effetti finanzjarji*** fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* japplikaw meta jsir rapportar dwar l-opportunitajiet materjali.

8. Rekwiżiti ta' preżentazzjoni u struttura tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà

8.1. Rekwiżit ġenerali ta' preżentazzjoni, struttura u kontenut tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà

103. L-impriża għandha tippreżenta d-divulgazzjonijiet kollha meħtieġa mill-ESRS f'taqsima ddedikata tar-rapport ta' ġestjoni identifikata bħala d-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tal-impriża li tinkludi wkoll dawk id-divulgazzjonijiet inkorporati b'referenza f'konformità mal-Kapitolu 9.3.

104. L-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà għandha tiġi ppreżentata:

(a) b'mod li jippermetti identifikazzjoni ċara tal-informazzjoni meħtieġa mill-ESRS minn informazzjoni oħra inkluża fir-rapport ta' ġestjoni; kif ukoll

(b) taħt struttura li tiffaċilita l-aċċess ***għad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** u l-fehim tagħha f'format li jinqara kemm mill-bniedem kif ukoll mill-magni.

105. L-impriża għandha tistruttura ***d-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha f'erba' partijiet fl-ordni li ġejja: informazzjoni ġenerali, informazzjoni ambjentali, informazzjoni soċjali u informazzjoni dwar il-governanza. Hija tista' tuża appendiċijiet jew subpartijiet separati f'konformità mal-paragrafi 107-111. L-impriża tista' tistruttura ***d-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha b'mod differenti minn dak definit fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, dment li tippreżenta spjegazzjoni motivata għall-użu ta' struttura alternattiva u li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dan il-kapitolu.

106. Jekk l-impriża tħejji divulgazzjonijiet skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u skont ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni, jeħtieġ li hija tinkludihom fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha, u tista' tagħmel dan f'appendiċi separat fir-rapport ta' ġestjoni. Dawn id-divulgazzjonijiet mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-ESRS, bl-eċċezzjoni ta' dan il-paragrafu.

8.2. Preżentazzjoni ta' informazzjoni supplimentari inkluża fid-diskjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà

107. L-impriża tista' tinkludi fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha informazzjoni supplimentari li tirriżulta minn (i) leġiżlazzjoni oħra li tirrikjedi li hija tiddivulga informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, jew (ii) standards jew oqfsa tar-rapportar aċċettati b'mod ġenerali, inklużi gwida mhux obbligatorja u gwida speċifika għas-settur, ippubblikati minn korpi oħra (bħall-Inizjattiva Globali ta' Rapportar), avolja dik l-informazzjoni ma tkunx materjali. Tali informazzjoni għandha tiġi identifikata b'mod ċar b'referenza xierqa għal-leġiżlazzjoni, standard jew qafas relatati.

108. Jekk ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati d-domandi ta' ***utent*** speċifiku, fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha l-impriża tista' tinkludi divulgazzjonijiet supplimentari li ma jkunux materjali.

109. Id-divulgazzjonijiet li jsiru f'konformità mal-paragrafi 107 u 108 għandhom:

(a) jiġu identifikati b'mod ċar bħala li ma jirriżultawx mill-***valutazzjoni tal-materjalità***;

(b) jipprovdu rappreżentazzjoni leali tal-aspetti li beħsiebhom jirrappreżentaw; u

(c) jkunu ppreżentati b'mod li ma jaħbix informazzjoni materjali.

8.3. Għażliet għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'partijiet tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà

110. L-impriża tista' tipprovdi sommarju eżekuttiv fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** li jinkludi l-messaġġi ewlenin dwar ***l-impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** ambjentali, soċjali u ta' governanza materjali tagħha u l-ġestjoni tagħhom. Il-kontenut u l-preżentazzjoni ta' dan is-sommarju eżekuttiv għandhom jissodisfaw il-karatteristiċi kwalitattivi tal-informazzjoni u jkunu parti integrali mid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà mħejjija f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ESRS. Alternattivament, l-impriża tista'

tinkorpora informazzjoni b'referenza għal sommarju eżekuttiv imqiegħed barra d-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà tagħha, bħal f'taqsima oħra tar-rapport ta' ġestjoni, dment li tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-inkorporazzjoni b'referenza (ara s-Sottokapitolu 9.3).

111. L-impriża tista' tuża appendiċijiet jew sottopartijiet separati fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha:

(a) biex tippreżenta informazzjoni aktar dettaljata relatata ma' kwalunkwe waħda mill-erba' partijiet;

(b) biex tiffaċilita l-leġġibbiltà bl-indiċijiet tal-kontenut, bit-tabelli li jimmappjaw divulgazzjonijiet differenti jew b'tabelli ta' kontroreferenza; kif ukoll

(c) biex tippreżenta informazzjoni supplimentari mħejjija f'konformità mas-Sottokapitolu 8.2 ta' hawn fuq.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

Artikolu 48 għall-paragrafu 111 **(Preżentazzjoni ta' informazzjoni aktar dettaljata)**	L-impriża tista' tuża referenzi interni f'partijiet jew f'sottopartijiet differenti (inklużi appendiċijiet) fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** sabiex tiffaċilita l-fehim tar-rabtiet li jeżistu bejn punti differenti ta' informazzjoni. Dawn ir-referenzi interni mhumiex inkorporati b'referenza.

9. Informazzjoni konnessa u rabtiet ma' partijiet oħra tar-rapportar korporattiv

9.1. Informazzjoni konnessa

112. L-impriża għandha tipprovdi informazzjoni li tippermetti lill-***utenti tad-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tagħha jifhmu l-konnessjonijiet:

(a) fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà; kif ukoll

(b) bejn id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà u dokumenti oħra ta' rapportar korporattiv ippubblikati mill-impriża, inklużi r-rapporti finanzjarji tagħha.

113. Ir-ripetizzjoni tal-istess informazzjoni fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** tista' toskura informazzjoni materjali u tfixkel l-għoti ta' informazzjoni konċiża u li tinftiehem. Jekk l-istess informazzjoni tkun rilevanti għal aktar minn DR waħda, l-impriża tista' tippreżenta l-informazzjoni fejn tqis li tkun l-aktar rilevanti u tagħmel kontroreferenza għal dak il-post kif xieraq.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 49 għall-paragrafu 113(a) **(Konnessjonijiet fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà)**	Il-konnessjonijiet fid-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** jinkludu: (a) dawk bejn id-divulgazzjonijiet ġenerali dwar il-governanza u l-istrateġija u d-divulgazzjonijiet dwar ***suġġett*** speċifiku; kif ukoll (b) dawk bejn l-informazzjoni dwar ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali f'konformità mal-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* (SBM 3 u IRO 2) u ***l-politiki***, ***l-azzjonijiet***, ***il-miri*** u ***l-metriki*** rispettivi.

[4] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur obbligatorju relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #5 fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("Sehem tal-konsum u l-produzzjoni tal-enerġija mhux rinnovabbli"). Id-diżaggregazzjoni sservi bħala referenza għal indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-Indikatur #5 fit-Tabella 2 tal-istess Anness ("Diżaggregazzjoni tal-konsum tal-enerġija skont it-tip ta' sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli").

[5] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur obbligatorju relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #5 fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-

Artikolu 18 għall-paragrafu 26 **(Konsum tal-enerġija u taħlita enerġetika)**	Meta tħejji l-informazzjoni dwar il-konsum tal-enerġija meħtieġa skont il-paragrafu 26, l-impriża għandha tadotta l-approċċi li ġejjin biex isir il-kalkolu: (a) teskludi l-materja prima u l-fjuwils li ma jinħarqux għal finijiet ta' enerġija (eż. gass naturali biex tipproduċi l-polimeri). L-impriża li tikkonsma l-fjuwil bħala materja prima tista' tiddivulga informazzjoni dwar dan il-konsum separatament mid-divulgazzjonijiet meħtieġa; (b) tuża MWh f'Valur ta' Tisħin Aktar Baxx jew valur kalorifiku nett għall-informazzjoni kwantitattiva kollha relatata mal-kombustjoni; (c) tibbaża l-informazzjoni kwantitattiva kollha relatata mal-enerġija dwar il-konsum finali tal-enerġija, u għalhekk tirreferi għall-ammont ta' enerġija li l-impriża fil-fatt tikkonsma; (d) tevita għadd doppju tal-konsum tal-fjuwil meta jiġi ddivulgat il-konsum tal-enerġija awtoġġenerat. Jekk l-impriża tiġġenera l-elettriku minn sors ta' fjuwil mhux rinnovabbli jew rinnovabbli u mbagħad tikkonsma l-elettriku ġġenerat, il-konsum tal-enerġija għandu jiġi kontabilizzat darba biss taħt il-konsum tal-fjuwil; (e) ma għandhiex tpaċi l-konsum tal-enerġija anki jekk l-enerġija ġġenerata fuq il-post tinbiegħ lil parti terza u tintuża minnha; (f) ma għandhiex tgħodd enerġija li tinkiseb minn ġewwa l-konfini organizzazzjonali taħt enerġija "mixtrija jew akkwistata"; (g) għandha tqis il-fwar, is-sħana jew it-tkessiħ riċevuti bħala "enerġija mill-iskart" mill-proċessi industrijali ta' parti terza taħt enerġija "mixtrija jew akkwistata"; (h) għandha tqis l-idroġenu rinnovabbli bħala fjuwil rinnovabbli. L-idroġenu li ma jkunx kompletament derivat minn sorsi rinnovabbli għandu jiġi inkluż taħt "konsum tal-fjuwil minn sorsi oħrajn mhux rinnovabbli"; kif ukoll (i) għandha tadotta approċċ konservattiv meta taqsam l-elettriku, il-fwar, is-sħana jew it-tkessiħ bejn is-sorsi rinnovabbli u dawk mhux rinnovabbli u tindika jekk hija tidderivix il-frazzjoni ta' enerġija rinnovabbli mill-bażi tal-approċċ ibbażat fuq is-suq jew fuq il-post. L-impriża li tiddependi fuq l-approċċ ibbażat fuq is-suq għandha tikkunsidra l-konsum tal-enerġija bħala derivat minn sorsi rinnovabbli biss jekk l-oriġini tal-enerġija mixtrija tkun definita b'mod ċar fl-arranġamenti kuntrattwali ***mal-forniturі*** tagħha (jiġifieri ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli, tariffa standardizzata tal-elettriku ekoloġiku, strumenti tas-suq bħall-Garanzija tal-Oriġini minn sorsi rinnovabbli fl-Ewropa[6] jew strumenti simili bħaċ-Ċertifikati tal-Enerġija Rinnovabbli fl-Istati Uniti u l-Kanada, eċċ.).

Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("Sehem tal-konsum u l-produzzjoni tal-enerġija mhux rinnovabbli").

[6] Abbaži tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

29. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim ***tal-impatti*** diretti u indiretti tal-impriża fuq it-tibdil fil-klima bħala riżultat tal-attivitajiet fl-operazzjonijiet tagħha stess u fil-***katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha***.***

30. L-impriża għandha:

    (a) tiddivulga l-emissjonijiet grossi assoluti ***ta' gassijiet serra*** ġġenerati matul il-perjodu ta' rapportar, espressi bħala tunnellati metriċi ta' ***CO_2eq*** ikklassifikati bħala[7]:

        i. ***l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ambitu 1***, inkluż il-perċentwal tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ambitu 1 mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) jekk ikollha ***emissjonijiet*** minn din is-sistema;

        ii. emissjonijiet ***ta' gassijiet serra tal-ambitu 2*** (ibbażati fuq il-post u bbażati fuq is-suq); kif ukoll

        iii. ***emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ambitu 3*** minn kull ***kategorija sinifikanti tal-ambitu 3*** bħala total u għal kull kategorija.

    (b) tiddivulga l-approċċ li tuża biex tkejjel l-emissjonijiet ta' ***gassijiet serra*** tagħha f'konformità mal-ESRS 2 MDR-M;

    (c) għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ambitu 1 u tal-ambitu 2 iddivulgati f'konformità mal-paragrafu 30(a)(i) u 30(a)(ii), l-emissjonijiet diżaggregati bejn:

        i. il-grupp kontabilistiku konsolidat (pereżempju, għal entità li tapplika l-Istandards Kontabilistiċi tal-IFRS, dan il-grupp ikun jinkludi l-kumpanija omm u s-sussidjarji konsolidati tagħha); kif ukoll

        ii. emissjonijiet oħra eskluży mill-paragrafu 30(c)(i).

31. L-impriża għandha tiddivulga **l-*emissjonijiet*** bijoġeniċi diretti ta' CO_2 mill-kombustjoni jew mill-bijodegradazzjoni tal-bijomassa separatament mill-***emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ambitu 1***.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

Artikolu 19 għall-paragrafu 30 **(Approċċ ta' kejl tal-GHG)**	Il-Kapitolu 5 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali* jiddefinixxi l-konfini tar-rapportar li għandh applikata, li jikkorrispondi għal kontroll finanzjarju skont l-Istandard Kontabilistiku u ta' Rapp Korporattiv tal-Protokoll dwar il-gassijiet serra (2004). Alternattivament, l-impriża tista' tu sehem tal-ekwità jew l-approċċ ta' kontroll operazzjonali kif definit fl-Istandard Kontabilist ta' Rapportar Korporattiv tal-Protokoll dwar il-Gassijiet Serra (2004). Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 71 (assi mogħtija b'lokazzjoni), 72 (skemi ta' benefiċċji) u fl-A għall-paragrafu 61 (operazzjonijiet konġunti) tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali* jipprevalu fu dispożizzjonijiet ta' dan l-istandard.

[7] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur obbligatorju relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikaturi #1 u #2 fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("emissjonijiet ta' gassijiet serra" u "Impronta tal-karbonju"). Din l-informazzjoni hija allinjata wkoll mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 (ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji Klimatiċi), l-Artikoli 5(1), 6 u 8(1); Artikolu 449a; Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2453, il-Mudell 1: Portafoll mhux tan-negozjar - Riskju ta' tranżizzjoni tat-tibdil fil-klima: Il-kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi skont is-settur, l-emissjonijiet u l-maturità residwa.

	Id-diżaggregazzjoni msemmija fil-paragrafu 30 c) għandha tirrifletti l-approċċ tal-impriża konfini tar-rapportar.
AR 20 għall-paragrafi 29 u 30 **(Rapportar tal-emissjonijiet)**	Meta tkun qiegħda tħejji l-informazzjoni għar-rapportar ***tal-emissjonijiet ta' gassijiet ser*** impriża għandha: (a) tikkunsidra l-Istandard Kontabilistiku u ta' Rapportar Koraporattiv tal-Protokoll dw gassijiet serra (2004). L-impriża tista' tikkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummis (UE) 2021/2279[8] jew l-EN ISO 14064-1:2018. Fil-każijiet kollha, ir-rekwiżiti tal-ESRS ji preċedenza fuq l-istandards kontabilistiċi tal-gassijiet serra msemmija hawn fuq (pere rigward tal-konfini tar-rapportar); (b) inkludi ***l-emissjonijiet*** ta' CO_2, CH_4, N_2O, HFCs, PFCs, SF_6 u NF_3. Gassijiet serra addizz jistgħu jiġu kkunsidrati meta jkunu sinifikanti; (c) tuża l-aktar valuri reċenti ***tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali (GWP)*** ippubblikati mill-G Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) abbażi ta' perjodu ta' żmien ta sena biex jiġu kkalkulati l-emissjonijiet ta' ***CO_2eq*** ta' gassijiet mhux CO_2. Jekk il-fattu emissjoni bbażati fuq valuri tal-GWP eqdem ikunu l-aktar xierqa jew disponibbli, l-im tista' tużahom u tispjega f'konformità mal-ESRS 2 GDR-M, il-paragrafu 49, fuq liema G huwa bbażat l-inventarju tal-gassijiet serra; (d) ma tinkludi l-ebda tneħħija, l-ebda ***kreditu ta' karbonju*** mixtri, mibjugħ jew ittrasferi kwoti tal-gassijiet serra mill-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra; kif ukoll (e) ma jinkludux l-emissjonijiet bijoġeniċi ta' CO_2 mill-kombustjoni jew mill-bijodegradaz tal-bijomassa fil-kamp ta' applikazzjoni 1, 2 u 3. L-impriża għandha tinkludi emissjoniji gassijiet serra mhux tas-CO_2, bħal CH_4 u N_2O fil-kampijiet ta' applikazzjoni rilevanti.
Artikolu 21 għall-paragrafu 30(a) **(Emissjonijiet ta' EU ETS tal-ambitu 1)**	Għall-attivitajiet koperti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ET impriża għandha tirrapporta dwar ***l-emissjonijiet*** tal-ambitu 1 skont il-metodoloġija tal-EU E metodoloġija tal-EU ETS tista' tiġi applikata wkoll għal attivitajiet f' ***ġeografiji*** u setturi li mhu koperti mill-EU ETS dment li l-metodoloġija tkun allinjata mar-regoli ġuriżdizzjonali lok rilevanti għall-impriża.
Artikolu 22 għall-paragrafu 30(a) **(Rapportar tal-emissjonijiet tal-ambitu 1)**	Meta tħejji l-informazzjoni dwar il-perċentwal ***tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-amb*** minn skemi regolati għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet meħtieġa skont il-paragrafu 3 l-impriża għandha: (a) tikkunsidra ***l-emissjonijiet ta' gassijiet serra*** mis-sorsi ta' emissjonijiet tagħha li l soġġetti għall-EU ETS; (b) tiżgura l-istess perjodu kontabilistiku għall-emissjonijiet grossi ta' gassijiet serra tal-Ar 1 u għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra rregolati mill-ETS; kif ukoll (c) tikkalkola s-sehem billi tuża l-formula li ġejja: $$= \frac{\text{Emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (tCO2eq) minn sorsi ta' emissjoni soġġetti għall} - \text{E}}{\text{Emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal} - \text{ambitu 1 (t tCO2eq)}} \%$$

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU L 471, 30.12.2021, p. 1).

AR 23 għall-paragrafu 30(b) **(Rapportar tal-emissjonijiet tal-ambitu 2)**	Meta tkun qiegħda tħejji l-informazzjoni dwar ***l-emissjonijiet*** grossi ***ta' gassijiet serra tal-ar*** ***2*** meħtieġa skont il-paragrafu 30, l-impriża għandha: (a) tikkunsidra l-Gwida dwar l-ambitu 2 tal-Protokoll dwar il-gassijiet serra (Verżjoni 2 b'mod partikolari l-kriterji tal-kwalità tal-kamp ta' applikazzjoni 2 fil-Kapitolu 7.1 relatat istrumenti kuntrattwali. L-impriża tista' tikkunsidra wkoll ir-Rakkomandazzjoni Kummissjoni (UE) 2021/2279, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2395 je rekwiżiti rilevanti għall-kwantifikazzjoni ***tal-emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra*** enerġija importata fl-EN ISO 14064-1:2018; kif ukoll (b) f'konformità mal-ESRS 2 GDR-M, tipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe stru kuntrattwali li huwa meħtieġ biex jinforma ***lill-utenti*** dwar il-fehim tagħhom tal-emissjo ta' gassijiet serra bbażati fuq is-suq tal-ambitu 2 tal-impriża.
Artikolu 24 għall-paragrafu 30(c) **(Rapportar tal-emissjonijiet tal-ambitu 3)**	Meta tkun qiegħda tħejji l-informazzjoni dwar ***l-emissjonijiet grossi ta' gassijiet serra tal-ar*** ***3*** meħtieġa skont il-paragrafu 30, l-impriża għandha: (a) tikkunsidra l-Istandard tal-Kontabbiltà u tar-Rapportar tal-Katina tal-Valur Korpora (ambitu 3) tal-Protokoll dwar il-gassijiet serra (Verżjoni 2011). L-impriża tista' tikkur wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 jew ir-rekwiżiti rilevanti kwantifikazzjoni ***tal-emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra*** mill-EN ISO 14064-1:2018 (b) tiskrinja l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-ambitu 3 tagħha abbażi tal-15-il ***kateg tal-ambitu 3*** identifikati mill-Istandard tal-Kontabilità u tar-Rapportar tal-Katina tal-Korporattiva (ambitu 3) tal-Protokoll dwar il-Gassijiet Serra (il-Verżjoni tal-2011) billi t istimi xierqa. Inkella, tista' tiskrinja ***l-emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra*** tagħha f bażi tal-kategoriji pprovduti mill-Klawżola 5.2.4 tal-EN ISO 14064-1:2018 (eskl emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra mill-enerġija importata); (c) tidentifika u tiddivulga l-kategoriji sinifikanti tal-ambitu 3 tagħha fuq il-bażi tad-daq emissjonijiet stmati ta' gassijiet serra tagħhom u kriterji oħrajn ipprovduti mill-Istandar Kontabilità u tar-Rapportar tal-Katina tal-Valur Korporattiva (Ambitu 3) tal-Protokoll dw Gassijiet Serra (il-Verżjoni tal-2011, p. 61 u 65-68) jew mill-EN ISO 14064-1:2018, l-An H.3.2, bħall-infiq finanzjarju, l-influwenza, ***ir-riskji u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni*** re jew ***il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati***; (d) tipprijoritizza l-inputs u s-suppożizzjonijiet tagħha abbażi tal-karatteristiċi tad-data (p data minn attivitajiet speċifiċi ***fil-katina tal-valur*** upstream u downstream tal-impriża; f'waqtha li tirrappreżenta b'mod leali l-ġuriżdizzjoni tal-attività tal-katina tal-valur upst u downstream u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha u t-teknoloġija użata għaliho data li tkun ġiet ivverifikata); (e) taġġorna l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ambitu 3 f'kull kategorija sinifikanti kull abbażi tad-data attwali dwar l-attivitajiet u taġġorna l-inventarju sħiħ tal-ambitu gassijiet serra mill-inqas kull tliet snin jew dwar l-okkorrenza ta' avveniment sinifikant bidla sinifikanti fiċ-ċirkostanzi; (f) tikkunsidra l-Istandard tal-Kontabbiltà u r-Rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra Industrija Finanzjarja mis-Sħubija għall-Kontabbiltà tal-Karbonju Finanzjarja (P speċifikament il-Parti A *Emissjonijiet Iffinanzjati* "PCAF (2022); L-Istandard Global Kontabbiltà u tar-Rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra Parti A: Emissjo Iffinanzjati. It-tieni Edizzjoni", jekk tkun istituzzjoni finanzjarja; kif ukoll (g) jekk applikabbli, hija għandha tiddivulga l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-se mixtrijin tal-cloud computing u taċ-ċentri tad-data bħala subsett tal-kategorija tal-amb ġenerali, il-kategorija 1 "prodotti u servizzi mixtrijin upstream".

Artikolu 25 għall-paragrafi 29 u 30

(Diżaggregazzjoni tal-emissjonijiet)

L-impriża għandha tiddiżaggrega ***l-emissjonijiet ta' gassijiet serra*** tagħha f'konformità dispożizzjonijiet tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*, il-Kapitolu 3.3.2, jekk applikabbli. Pereżempju, tiddiżaggrega l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha skont il-pajjiż jew il-ġeografija, is-segm operattivi, l-attività ekonomika, is-sussidjarja, il-gassijiet serra (CO_2, CH_4, N_2O, HFCs, PFCs, SF u gassijiet serra oħrajn ikkunsidrati mill-impriża) jew it-tip ta' sors (kombustjoni stazzjon kombustjoni mobbli, emissjonijiet ta' proċessi u emissjonijiet li jaħarbu).

Artikolu 26 għall-paragrafi 29-30

(Diżaggregazzjoni tal-emissjonijiet)

L-impriża tista' tippreżenta ***l-emissjonijiet ta' gassijiet serra*** tagħha f'konformità mat-tabel hawn taħt, filwaqt li timla r-ringieli kif rilevanti f'konformità mad-divulgazzjonijiet tagħha sko paragrafu 30. It-tqabbil **tal-emissjonijiet** tal-impriża fuq perjodu ta' żmien jista' jitwettaq l emissjonijiet tas-sena attwali jitqabblu għal komparattiv sinifikanti, pereżempju sena bażi b ***ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra***, li jindika t-tibdil perċentwali (tnaqqis/żied kolonna korrispondenti.

	Komparattiv		**Sena kurrenti**	**% ta' bidla**
	Sena	**Emissjonijiet**	**Emissjonijiet**	
Emissjonijiet ta' gassijiet serra taħt l-ambitu 1				
L-emissjonijiet grossi ta' gassijiet serra tal-ambitu 1 (tCO_2eq)				
Perċentwal tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ambitu 1 mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) (%)				
Emissjonijiet ta' gassijiet serra taħt l-ambitu 2				
L-emissjonijiet grossi bbażati fuq il-post tal-gassijiet serra tal-ambitu 2 (tCO_2eq)				
L-emissjonijiet grossi bbażati fuq is-suq tal-gassijiet serra tal-ambitu 2 (tCO_2eq)				
Emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra tal-Ambitu 3				
Emissjonijiet ta' gassijiet serra indiretti gross totali (Ambitu 3) (tCO_2eq)				

1. Oġġetti u servizzi mixtrija				
[sottokategorija: Servizzi tal-cloud computing u ta' ċentri tad-data				
2. Oġġetti kapitali				
3. Attivitajiet relatati mal-fjuwil u mal-enerġija (mhux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni 1 jew fil-kamp ta' applikazzjoni 2)				
4. Trasport u distribuzzjoni upstream				
5. Skart iġġenerat fl-operazzjonijiet				
6. Vjaġġar għan-negozju				
7. Vjaġġar tal-impjegati lejn ix-xogħol u lura				
8. Assi mikrija upstream				
9. Trasport downstream				
10. Ipproċessar ta' prodotti mibjugħa				
11. Użu ta' prodotti mibjugħa				
12. Trattament ta' tmiem il-ħajja tal-prodotti mibjugħa				
13. Assi mikrija downstream				
14. Franchises				
15. Investimenti				
Emissjonijiet diretti bijoġeniċi tal-ambitu 1				

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E1-9 – *Proġetti ta' assorbimenti tal-gassijiet serra u ta' mitigazzjoni tal-gassijiet serra ffinanzjati permezz ta' krediti ta' karbonju*

32. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim ***tal-azzjonijiet*** tal-impriża biex tnaqqas u tneħħi b'mod permanenti l-gassijiet serra mill-atmosfera u tal-ammont u l-kwalità ***tal-krediti tal-karbonju*** li tkun xtrat jew li jkollha l-ħsieb li tixtri mis-suq volontarju.

33. Jekk tkun implimentat proġetti ta' ***tneħħija u ħżin tal-gassijiet serra***, l-impriża għandha tiddivulga informazzjoni dwar il-proġetti li tkun żviluppat fl-operazzjonijiet tagħha stess jew li tkun ikkontribwiet għalihom ***fil-katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha[9], inklużi:

    (a) deskrizzjoni qasira tal-proġetti għat-tneħħija u l-ħżin tal-gassijiet serra;

    (b) l-ammont ta' assorbimenti u ħżin ta' gassijiet serra li jirriżultaw minn kull proġett;

    (c) kif jiġi ġestit ***ir-riskju*** ta' nuqqas ta' permanenza, inklużi l-preżunzjonijiet u d-determinazzjoni u l-monitoraġġ ta' eventi ta' tnixxija u ta' treġġigħ lura, jekk applikabbli; kif ukoll

    (d) tiddivulga kwalunkwe treġġigħ lura (f'tCO_2eq) li seta' seħħ fil-perjodu ta' rapportar u tnaqqas l-ammont ta' CO_2 assorbit u maħżun mill-istess ammont.

34. L-impriża għandha tiddivulga l-informazzjoni dwar kwalunkwe proġett barra mill-operazzjonijiet tagħha stess u l-katina tal-valur upstream u downstream tagħha li tkun iffinanzjat jew li tkun beħsiebha tiffinanzja permezz ta' kwalunkwe xirit ta' ***krediti tal-karbonju[10]***, inklużi:

    (a) l-ammont ta' krediti tal-karbonju f'tCO_2eq li huma vverifikati skont ***standards ta' kwalità rikonoxxuti għall-krediti ta' karbonju*** u kkanċellati fil-perjodu ta' rapportar;

    (b) l-ammont ta' krediti ta' karbonju f'ekwivalenti ta' tCO_2eq mixtrija fil-perjodu ta' rapportar u li għadhom ma ġewx ikkanċellati; kif ukoll

    (c) is-sehem ta' krediti ta' karbonju minn proġetti ta' assorbiment (perċentwal tal-volum totali ta' kreditu ta'karbonju), bi spjegazzjoni ta' jekk humiex minn bjar bijoġeniċi jew teknoloġiċi.

35. Fil-każ fejn l-impriża għamlet dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' newtralità li jinvolvu l-użu ta'***krediti ta' karbonju***, hija għandha tispjega:

    (a) jekk u kif dawn l-affermazzjonijiet u d-dipendenza fuq il-krediti tal-karbonju la jimpedixxu u lanqas inaqqsu l-kisba tal-***miri tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra***; kif ukoll

    (b) il-kredibbiltà u l-integrità tal-krediti ta' karbonju użati billi ssir referenza ***għal standards ta' kwalità rikonoxxuti għall-krediti ta' karbonju*** u kwalunkwe fattur ieħor meħtieġ biex jinftiehmu l-kredibbiltà u l-integrità tal-krediti tal-karbonju li l-impriża tippjana li tuża.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – Ars

Artikolu 27 għall-paragrafu 33	L-assorbimenti u l-ħżin tal-gassijiet serra jinkludu kemm ***soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura*** kif ukoll assorbimenti u ħżin teknoloġiċi. Meta tkun qed tħejji informazzjoni dwar il-proġetti tagħha, l-impriża għandha: (a) tapplika metodi ta' kunsens dwar il-kontabbiltà għall-assorbimenti tal-gassijiet serra, bħar-Regolament tal-UE dwar l-Assorbiment tal-Karbonju u ċ-

[9] Din l-informazzjoni hija allinjata mar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-Liġi tal-UE dwar il-Klima), l-Artikolu 2(1).

[10] Din l-informazzjoni hija allinjata mar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-Liġi tal-UE dwar il-Klima), l-Artikolu 2(1).

(Assorbimenti u ħżin ta' gassijiet serra)	Ċertifikazzjoni tal-Kultivazzjoni Karbonika (CRCF)(ir-Regolament (UE) 2024/3012); (b) tinkludi fil-kalkolu assorbimenti minn operazzjonijiet li hija s-sid tagħhom, tikkontrolla, jew tikkontribwixxi għalihom u li ma nbigħux lil parti oħra permezz ta' ***krediti tal-karbonju***, u li ma jkunux qed jingħaddu jew jiġu rrapportati doppjament; (c) tqis l-***emissjonijiet ta' gassijiet serra*** assoċjati ma' attività ta' assorbiment, inkluż it-trasport u l-ħżin, skont ir-Rekwiżit ta' Divulgazzjoni ESRS E1-8; kif ukoll (d) tinkludi fil-kalkolu l-attivitajiet ta' tneħħija ***fil-katina tal-valur*** upstream u downstream li l-impriża qed tikkontribwixxi b'mod attiv għalihom, eż., permezz ta' proġett ta' kooperazzjoni ma' ***fornitur***.
Artikolu 28 għall-paragrafu 34 **(Krediti ta' karbonju)**	Meta tħejji l-informazzjoni dwar ***il-krediti tal-karbonju***, l-impriża għandha: (a) tqis ***standards ta' kwalità rikonoxxuti għall-krediti ta' karbonju***; (b) sabiex tevita l-għadd doppju, u la tinkludi krediti tal-karbonju maħruġa minn proġetti ta' ***tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet*** serra u lanqas proġetti ta' assorbiment tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-operazzjonijiet tagħha stess jew upstream u downstream ***fil-katina tal-valur*** tagħha; kif ukoll (c) għandha tikkalkola l-ammont ta' krediti ta' karbonju li għandu jiġi kkanċellat fil-futur, bħala s-somma ta' krediti ta' karbonju f'tunnellati metriċi ta' ***CO_2eq*** matul id-durata tal-ftehimiet kuntrattwali eżistenti.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E1-10 – Ipprezzar Intern tal-karbonju

36. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim tar-rwol tal-ipprezzar intern tal-karbonju fil-gwida tat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u operazzjonali tal-impriża biex jitnaqqsu ***l-emissjonijiet ta' gassijiet serra***.

37. L-impriża għandha tiddivulga informazzjoni relatata mal-użu tagħha ta' ***skemi interni tal-ipprezzar tal-karbonju***, jiġifieri:

    (a) spjegazzjoni ta' jekk u kif l-impriża tapplika l-ipprezzar tal-karbonju fit-teħid tad-deċiżjonijiet (pereżempju, deċiżjonijiet ta' investiment, ipprezzar ta' trasferiment u ***analiżi tax-xenarju***) u l-konsistenza tal-prezzijiet użati meta mqabbla mal-prezzijiet użati fir-rapport finanzjarju għat-testijiet ta' indeboliment; kif ukoll

    (b) il-prezz medju tal-karbonju għal kull tunnellata metrika ta' ***emissjonijiet ta' gassijiet serra*** għal kull skema interna tal-ipprezzar tal-karbonju.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E1-11 – *Effetti finanzjarji antiċipati minn riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni materjali u opportunitajiet materjali relatati mal-klima*

38. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim ta' kif ***ir-riskji fiżiċi*** materjali ***relatati mal-klima, ir-riskji ta' tranżizzjoni materjali relatati mal-klima*** u ***l-opportunitajiet materjali relatati mal-klima*** huma mistennija jaffettwaw il-pożizzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni futura tal-impriża. Il-paragrafi 39 u 42 ta' dan l-Istandard iżidu speċifikazzjonijiet topiċi mal-ESRS 2 SBM 3. L-informazzjoni meħtieġa għal din id-DR hija parti mill-informazzjoni dwar ***l-effetti finanzjarji attwali u antiċipati*** meħtieġa skont l-ESRS 2 SBM-3.

39. L-impriża għandha tiddivulga ***l-effetti finanzjarji antiċipati*** mir-***riskji fiżiċi materjali***[11], inkluż:

[11] Din l-informazzjoni hija allinjata mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 (Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji Klimatiċi), u mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1816.

(a) l-ammont riportat ta' assi f'riskju fiżiku materjali qabel ma jitqiesu ***l-azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima*** , inkluż l-orizzonti ta' żmien rilevanti;

(b) il-perċentwal tal-ammont riportat tal-assi f'riskju fiżiku materjali indirizzati mill-azzjonijiet ta' adattament ***azzjonijiet*** ta' adattament fid-data tar-rapportar; kif ukoll

(c) l-ammont monetarju ta' dħul nett mill-attivitajiet kummerċjali tagħha f'riskju fiżiku materjali, inklużi l-orizzonti ta' żmien rilevanti.

40. L-impriża għandha tiddivulga ***l-effetti finanzjarji antiċipati*** minn ***riskji ta' tranżizzjoni materjali***, inklużi:

(a) l-ammont riportat tal-assi f'riskju ta' tranżizzjoni materjali, inklużi l-orizzonti ta' żmien rilevanti, u firxa ta' ***assi mhux rekuperabbli*** potenzjali stmati mis-sena tar-rapportar sal-orizzonti ta' żmien ta' nofs it-terminu u fit-tul ibbażati fuq ***xenarju*** allinjat mal-limitazzjoni tat-tibdil fil-klima għal 1,5 °C;

(b) il-perċentwal tal-ammont riportat tal-assi f'riskju ta' tranżizzjoni materjali indirizzat mill-***azzjonijiet*** ta' mitigazzjoni***;***

(c) diżaggregazzjoni tal-ammont riportat tal-assi tal-proprjetà immobbli tagħha li ntużaw bħala kollaterali ta' self minn klassijiet tal-effiċjenza enerġetika[12];

(d) l-obbligazzjonijiet potenzjali stmati relatati mat-tranżizzjoni klimatika li ma jissodisfawx il-kriterji tar-rikonoxximent kontabilistiku fid-data tar-rapportar iżda li jista' jkollhom jiġu rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji f'perjodi futuri; kif ukoll

(e) l-ammont monetarju ta' dħul nett mill-attivitajiet kummerċjali tagħha f'riskju materjali ta' tranżizzjoni u, jekk applikabbli, id-dħul nett mill-klijenti tagħha li joperaw f'attivitajiet relatati mal-faħam, iż-żejt u l-gass, inklużi l-perjodi ta' żmien rilevanti.

41. L-impriża għandha tiddivulga l-metodoloġija applikata biex tikkwantifika l-ammonti speċifikati fil-paragrafi 39 u 40, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni adottat fil-kalkolu, is-suppożizzjonijiet kritiċi, il-parametri u l-limitazzjonijiet, u jekk il-kalkolu jibbażax fuq il-proċess (pereż. ***l-analiżi tax-xenarju***) użat biex jiġu identifikati u vvalutati ***r-riskji ta' tranżizzjoni***.

42. L-impriża għandha tiddivulga l-ammont ta' assi jew dħul mill-attivitajiet kummerċjali tagħha relatati ***mal-opportunitajiet identifikati relatati mal-klima[13]***, inklużi l-orizzonti ta' żmien assoċjati tagħhom.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 29 għall-paragrafi 39–42 **(Approċċi biex isir il-kalkolu)**	Meta tiddivulga l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafi 39 u 42, l-impriża għandha tadotta l-approċċi li ġejjin: (a) tikkunsidra l-orizzonti ta' żmien (fuq terminu qasir, medju u twil) li matulhom l-effetti ***tar-riskju u l-opportunitajiet relatati mal-klima*** jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jseħħu; (b) tinkludi t-tipi kollha tal-assi fiżiċi proprji tal-impriża, inkluż, fil-każ ta' lokazzjoni finanzjarja, l-assi sottostanti għad-dritt tal-użu; (c) tippreżenta l-ammonti monetarji (jew perċentwali) jew bħala ammont wieħed jew bħala firxa waħda;

[12] Dan ir-rekwiżit ta' divulgazzjoni huwa konsistenti mar-rekwiżiti inklużi fl-Artikolu 449a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3172; Mudell 2: Portafoll mhux tan-negozjar - Riskju ta' tranżizzjoni tat-tibdil fil-klima: Self kollateralizzat minn proprjetà immobbli - Effiċjenza enerġetika tal-kollateral.

[13] Din l-informazzjoni hija allinjata mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 ("ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji Klimatiċi").

	(d) tippreżenta l-ammont riportat ta' assi fid-data tar-rapportar u d-dħul nett relatat mal-perjodu tar-rapportar; (e) għall-paragrafu 40(c), tippreżenta l-klassi tal-effiċjenza enerġetika f'termini tal-firxiet tal-konsum tal-enerġija f'kWh/m ^{2} jew tal-klassi tat-tikketta taċ-Ċertifikat tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija (EPC). Jekk l-impriża ma tkunx tista' tikseb din l-informazzjoni mingħajr kost jew sforz eċċessiv, hija għandha tiddivulga l-ammont riportat totali tal-assi immobiljari li għalihom il-konsum tal-enerġija jkun ibbażat fuq stimi interni; kif ukoll (f) tiddivulga d-dħul nett u l-ammont riportat tal-assi, u b'hekk tagħmilha konsistenti mar-rapporti finanzjarji.
AR 30 għall-paragrafi 39(c), 40(a) u 40(e) **(Gross vs nett)**	Meta tiddivulga l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafu 39(c), 40(a) u 40(e), l-impriża għandha tispjega jekk l-ammont huwiex qed jiġi vvalutat qabel jew wara ***l-azzjonijiet*** ta' mitigazzjoni.
Artikolu 31 għall-paragrafu 40(d) **(Obbligazzjonijiet potenzjali stmati)**	Jekk l-impriża tiddivulga l-informazzjoni preskritta fil-paragrafu 40(d) fir-rapport finanzjarju tagħha, hija għandha tirreferi għaliha.
AR 32 għall-paragrafi 41 **(Il-post fejn jinsabu l-assi)**	Meta tiddivulga l-metodoloġija applikata sabiex tikkwantifika l-ammonti ddivulgati skont il-paragrafi 39 u 40, l-impriża għandha tinkludi, fejn rilevanti, il-post tal-assi tagħha f'***riskji fiżiċi*** materjali aggregati b'mod li jappoġġa r-rappreżentazzjoni leali tar-riskji tagħha.[14]

[14] Din l-informazzjoni hija konsistenti mar-rekwiżiti inklużi fl-Artikolu 449a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3172 - il-Mudell 5: portafoll mhux tan-negozjar - Riskju fiżiku tat-tibdil fil-klima: Skoperturi soġġetti għal riskju fiżiku.

ESRS E2 – Tniġġis

Werrej

Objettiv 91

Interazzjoni ma' ESRS oħrajn 92

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni 92

Ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet 92

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-1 – Politiki relatati mat-tniġġis 92

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-2 – Azzjonijiet u riżorsi relatati mat-tniġġis 92

Metriki u miri 92

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-3 – Miri relatati mat-tniġġis 92

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-4 – *Tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija* 92

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-5 – *Sustanzi ta' tħassib u sustanzi ta' tħassib serju ħafna* . 93

Objettiv

1. L-objettiv ta' dan l-Istandard huwa li jistabbilixxi r-Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni (DRs) relatati ***mat-tniġġis***, b'mod partikolari fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** speċifikati fil-paragrafu 6 ta' dan l-Istandard. Jekk mhux is-sottosuġġetti kollha preskritti minn dan l-Istandard għandhom jiġu rrapportati wara l-valutazzjoni ***tal-materjalità***, japplika l-paragrafu 30 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*.

2. ***Id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** għandha tipprovdi informazzjoni fir-rigward *tat-Tniġġis* tal-ESRS E2 jekk dan ***is-suġġett*** ikun relatat ma' ***impatti***, ***riskji*** u opportunitajiet materjali. Tali informazzjoni għandha tkopri l-oqsma ta' rapportar kollha elenkati fil-paragrafu 5 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*.

3. Id-DRs f'dan l-Istandard jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali*, li jirrikjedu li l-impriża tiddivulga informazzjoni dwar ***suġġetti*** relatati ma' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali, b'mod partikolari:

   (a) ESRS 2 SBM 3 *Interazzjoni tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali mal-istrateġija u l-mudell tan-negozju, u l-effetti finanzjarji*; kif ukoll

   (b) ESRS 2 IRO 2 *Impatti, riskji u opportunitajiet materjali u rekwiżiti ta' divulgazzjoni inklużi fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*.

4. F'dan l-Istandard, kull DR hija introdotta minn objettiv ta' divulgazzjoni ħlief ***għall-politiki***, ***l-azzjonijiet*** u ***l-miri***, li għalihom id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 GDR-P, il-GDR-A u l-GDR-T jipprovdu l-qafas meħtieġ għad-DRs rilevanti.

5. Dan l-Istandard iqis l-oqfsa regolatorji tal-UE, inklużi: Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE "Lejn tniġġis żero għall-arja, l-ilma u l-ħamrija"; l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà "Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità"; il-Protokoll ta' Kiev dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti; il-PRTR Ewropew (ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 dwar ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti) u l-emendi tal-IEPR (ir-Regolament (UE) Nru 2024/1244 dwar il-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali); l-IED (id-Direttiva 2010/75/UE dwar id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali) u l-emendi tal-IED tat-2.0 (id-Direttiva (UE) 2024/1785 dwar l-Emissjonijiet Industrijali u tat-Trobbija tal-Bhejjem); l-emendi ta' REACH (ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi) u ta' REACH-SPM (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2055 dwar Mikropartikoli ta' Polimeri Sintetiċi); u s-CLP (ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ tas-Sustanzi u t-Taħlitiet).

6. Dan l-Istandard jistabbilixxi DRs fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** li ġejjin: tniġġis tal-arja, tniġġis ambjentali u tniġġis ***tal-ħamrija***; ***mikroplastiċi***; u ***sustanzi ta' tħassib (SoC)***, inklużi ***sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC)***.

7. ***It-tniġġis*** tal-arja, it-tniġġis tal-ilma, u t-tniġġis ***tal-ħamrija*** jirreferu ***għall-emissjonijiet*** tal-impriża fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija, kif ukoll għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għat-tnaqqis ta' tali emissjonijiet. L-emissjonijiet fl-ilma jinkludu l-emissjonijiet ***fl-ilma ħelu*** u fl-ilma baħar.

8. Id-DRS dwar ***l-SoC***, inkluż ***l-SVHC***, jistabbilixxu rekwiżiti ta' divulgazzjoni biex jipprovdu ***lill-utenti*** b'fehim ***tal-impatti reali jew tal-impatti potenzjali*** relatati, filwaqt li jqisu wkoll ir-restrizzjonijiet possibbli fuq il-produzzjoni, l-użu, id-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom.

9. Il-kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-kuntest huma partikolarment importanti b'rabta ***mat-tniġġis***. Jekk ***l-impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali jkunu relatati ma' ***ġeografiji*** speċifiċi, huwa importanti li tiġi kkunsidrata aggregazzjoni jew diżaggregazzjoni xierqa tal-informazzjoni rrapportata, pereż. skont ***is-sit***, iż-żona bi ***stress idriku*** jew livell ieħor f'konformità mal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*, il-Kapitolu 3.3.2 *Livell ta' Aggregazzjoni, Diżaggregazzjoni*.

Interazzjoni ma' ESRS oħrajn

10. ***Is-suġġetti*** soċjali u ambjentali jinteraġġixxu ma' xulxin. Il-punti ewlenin ta' interazzjoni bejn l-ESRS E2 *Tniġġis* u l-istandards topiċi l-oħra huma dawn li ġejjin.

    (a) ESRS E1 *It-Tibdil fil-Klima* jindirizza ***l-emissjonijiet*** fl-arja mis-seba' ***gassijiet serra (GHGs)*** li ġejjin: id-diossidu tal-karbonju (CO_2), il-metan (CH_4), l-ossidu nitruż (N_2O), l-idrofluworokarburi (HFCs), il-perfluworokarburi (PFCs), l-eżafluworur tal-kubrit (SF_6) u t-trifluworur tan-nitroġenu (NF_3). Dawn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mhumiex indirizzati fl-ESRS E2 *Tniġġis.*

    (b) L-ESRS E3 *L-ilma* jindirizza l-użu tar-riżorsi tal-ilma, inkluż permezz tal-volum tal-***iskariku tal-ilma***. Madankollu, ***is-sustanzi niġġiesa***, inklużi ***l-mikroplastiċi***, emessi fl-ilma huma indirizzati fl-ESRS E2 *Tniġġis.*

    (c) L-ESRS E4 *Bijodiversità u Ekosistemi* jindirizza ***t-tniġġis*** bħal ***mutur dirett tat-tibdil fil-bijodiversità u fl-ekosistema***, jindirizza ***impatti*** tat-tniġġis fuq ***il-bijodiversità*** u ***l-ekosistemi***, filwaqt li ***l-emissjonijiet*** ta' ***sustanzi niġġiesa*** huma indirizzati fl-ESRS E2 *Tniġġis.*

    (d) L-ESRS E5 *Użu tar-Riżorsi u Ekonomija Ċirkolari* jindirizza ***l-użu tar-riżorsi*** u t-tranżizzjoni lejn ***ekonomija ċirkolari*** iżda ma jindirizzax ***l-emissjonijiet*** ta' ***sustanzi niġġiesa*** ġġenerati ***mill-iskart*** jew mill-estrazzjoni, it-trasformazzjoni u l-użu tar-riżorsi, li huma koperti *mit-Tniġġis tal-ESRS E2.*

    (e) L-ESRS S3 *Komunitajiet Affettwati* jindirizzaw l-impatti tal-impriża relatati mat-***tniġġis***, peress li jistgħu jaffettwaw lin-nies u lill-komunitajiet.

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni

Ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-1 – Politiki relatati mat-tniġġis

11. L-impriża għandha tiddivulga ***l-politiki*** tagħha relatati ***mat-tniġġis*** f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ESRS 2 GDR-P.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-2 – Azzjonijiet u riżorsi relatati mat-tniġġis

12. L-impriża għandha tiddivulga ***l-azzjonijiet*** relatati ***mat-tniġġis*** u r-riżorsi allokati għall-implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ESRS 2 GDR-A.

Metriki u miri

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-3 – Miri relatati mat-tniġġis

13. L-impriża għandha tiddivulga ***l-miri*** *tagħha* relatati ***mat-tniġġis*** f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ESRS 2 GDR-T.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-4 – *Tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija*

14. L-objettiv ta' dan ir-RD huwa li jippermetti ***lill-utenti*** jifhmu ***l-emissjonijiet*** ta' ***sustanzi niġġiesa*** tal-impriża fl-arja, fl-ilma u ***fil-ħamrija***, u l-manifattura, l-użu u r-rilaxx ***tal-mikroplastiki*** fl-ambjent.

15. L-impriża għandha tiddivulga l-ammonti ta' ***emissjonijiet*** materjali ta' ***sustanzi niġġiesa*** fl-arja, fl-ilma u ***fil-ħamrija*** mill-operazzjonijiet tagħha stess, inkluż minħabba ***aċċidenti ambjentali***, fil-perjodu ta' rapportar.[15]

16. L-impriża għandha tiddivulga l-ammonti ta' ***microplastiks*** primarji manifatturati jew użati ***fil-prodotti*** tagħha, u separatament, dawk rilaxxati direttament fl-ambjent.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

Artikolu 1 għall-paragrafi 15 u 16 **(It-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija)**	***Is-sustanzi niġġiesa*** u l-***mikroplastiks*** primarji għandhom jiġu ppreżentati f'unitajiet ta' massa rilevanti, pereżempju tunnellati jew kilogrammi.
Artikolu 2 għall-paragrafu 15 **(It-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija)**	***L-emissjonijiet*** materjali ta' ***sustanzi niġġiesa*** għandhom jiġu identifikati permezz ta' valutazzjoni maniġerjali li tqis l-attivitajiet u s-settur tal-operat tal-impriża. Is-sustanzi niġġiesa elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 (E-PRTR), ir-Regolament (UE) 2024/1244 (IEPR) u l-emendi sussegwenti li japplikaw għall-impriża, flimkien ma' sustanzi niġġiesa oħra li l-impriża tkejjel jew timmonitorja, huma input ta' valur għal din il-valutazzjoni. Meta tiddetermina jekk l-emissjoni ta' sustanza niġġiesa speċifika hijiex materjali, l-impriża tista' tikkunsidra l-limiti għar-rilaxxi fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/1244.
Artikolu 3 għall-paragrafu 15 **(It-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija)**	It-trasferimenti ta' ***sustanzi niġġiesa*** tal-ilma lejn impjanti tat-trattament esterni jikkwalifikaw bħala ***tniġġis fil-katina tal-valur*** downstream tal-impriża. Meta jkunu materjali, l-impriża hija mistennija tirrapporta dwar it-trasferimenti bħala divulgazzjonijiet speċifiċi għall-entità (ara l-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*, il-paragrafi 11 u 12).

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E2-5 – *Sustanzi ta' tħassib u sustanzi ta' tħassib serju ħafna*

17. L-objettiv ta' din id-DR huwa li tippermetti ***lill-utenti*** jifhmu ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali tal-impriża marbuta mal-manifattura, man-negozjar jew mal-użu ***tal-SoC*** u ***tal-SVHC***, inklużi r-riskji li jirriżultaw minn bidliet fir-regolamenti.

18. ***Il-manifatturi tas-sustanzi***, ***il-formulaturi tas-sustanzi*** jew ***l-importaturi*** tas-sustanzi, kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk f'taħlitiet, għandhom jiddivulgaw il-piż totali ***tal-SoCs***, u separatament, il-piż totali ***tal-SVHC*** li huma:

    (a) akkwistaw bħala sustanzi waħedhom jew f'taħlitiet;

    (b) mmanifatturaw bħala sustanzi waħedhom jew f'taħlitiet;

    (c) ***qiegħdu fis-suq*** bħala sustanzi waħedhom jew f'taħlitiet; kif ukoll

    (d) irrilaxxaw direttament fl-ambjent (arja, ilma, u ***ħamrija***), inklużi rilaxxi mhux intenzjonati minn tnixxijiet jew tixrid.

19. ***L-utenti tas-sustanzi***, kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk f'taħlitiet, għandhom jiddivulgaw:

    (a) il-piż totali ***tal-SVHC*** li jużaw matul il-produzzjoni u matul il-forniment tas-servizzi; u

[15] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur obbligatorju relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #8 fit-Tabella 1 u l-indikaturi I #1, #2 u #3 fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("emissjonijiet ta' gassijiet serra" u "Impronta tal-karbonju").

(b) il-piż totali tal-SVHC li jirrilaxxaw direttament fl-ambjent.

20. ***Il-manifatturi ta' oġġetti***, ***l-importaturi*** ta' ***oġġetti*** jew ***l-utenti ta' oġġetti*** li fihom ***l-SVHC*** għandhom jiddivulgaw l-ismijiet ***tas-sustanzi*** li huma preżenti f'konċentrazzjoni ogħla minn 0,1 % piż b'piż (w/w), skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), fi:

(a) komponenti jew oġġetti akkwistati; kif ukoll

(b) komponenti jew oġġetti ***mqiegħda fis-suq***.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

Artikolu 4 għall-paragrafi 18-19 **(SOC u SVHC)**	Ir-rekwiżiti fil-paragrafu 18 japplikaw biss għall-impriżi li joperaw fis-settur kimiku, jiġifieri li jimmanifatturaw ***sustanzi*** kimiċi (pereż. NACE Rev.2.1 C20 u, jekk applikabbli, C21), li jifformulaw taħlitiet kimiċi (pereż. NACE Rev.2.1 C20.3, C20.4, C20.5) jew li joperaw fil-bejgħ bl-ingrossa ta' sustanzi kimiċi (pereż. NACE Rev.2.1 G46.85). Dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għal impriżi li l-attività ewlenija tagħhom hija l-manifattura ta' ***prodotti*** mhux kimiċi. Ir-rekwiżiti fil-paragrafu 19 japplikaw biss għal impriżi li huma barra mill-ambitu tal-paragrafu 18.
AR 5 għall-paragrafi 18-19 **(SOC u SVHC)**	L-impriżi li jirrapportaw skont il-paragrafi 18 jew 19 għandhom jippreżentaw ***l-SVHC*** raggruppati skont il-klassi ta' periklu (skont ir-Regolament CLP 1272/2008/KE). Dan jimplika li ***sustanza*** waħda jeħtieġ li tingħadd taħt il-klassijiet ta' periklu applikabbli kollha. Madankollu, fl-ammonti totali ta' sustanzi akkwistati, manifatturati, mibjugħa u rilaxxati, għandu jiġi evitat l-għadd doppju.
Artikolu 6 għall-paragrafi 18-19 **(SOC u SVHC)**	***Is-sustanzi*** għandhom jiġu ppreżentati f'tunnellati jew f'kilogrammi, jew f'unità ta' massa oħra rilevanti għall-kwantità u t-tipi ta' ***inkwinanti*** li jkunu qed jiġu rilaxxati.
Artikolu 7 għall-paragrafi 18, 19 u 20 **(SOC u SVHC)**	L-informazzjoni pprovduta skont dan id-DR tista' tirreferi għal informazzjoni li l-impriża diġà hija meħtieġa tirrapporta skont leġiżlazzjoni eżistenti oħra (jiġifieri, id-Direttiva 2010/75/UE, ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 "E-PRTR", eċċ.).

ESRS E3 – Ilma

Werrej

Objettiv 96
Interazzjoni ma' ESRS oħrajn 96
Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni 97
Il-ġestjoni tal-impatt, tar-riskju u tal-opportunità 97
Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E3-1 – *Politiki relatati mat-tniġġis* 97
Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E3-2 – *Azzjonijiet u riżorsi relatati mat-tniġġis* 98
Metriki u miri 98
Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E3-3 – Miri relatati mat-tniġġis 98
Rekwiżit ta' Divulgazzjoni E3-4 – Metriki tal-ilma 98

Objettiv

1. L-objettiv ta' dan l-Istandard huwa li jistabbilixxi Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni (DRs) relatati mal-ilma, b'mod partikolari fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** speċifikati fil-paragrafu 6 ta' dan l-Istandard. Jekk mhux is-sottosuġġetti kollha preskritti minn dan l-Istandard għandhom jiġu rrapportati wara l-valutazzjoni ***tal-materjalità***, japplika l-paragrafu 30 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*.

2. ***Id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** għandha tipprovdi informazzjoni fir-rigward tal-ESRS E3 *Ilma* jekk dan ***is-suġġett*** ikun relatat ma' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali. Tali informazzjoni għandha tkopri l-oqsma ta' rapportar kollha elenkati fil-paragrafu 5 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*.

3. Id-DRs f'dan l-Istandard jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali*, li jirrikjedu li l-impriża tiddivulga informazzjoni dwar ***suġġetti*** relatati ma' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali, b'mod partikolari:

   (a) ESRS 2 SBM 3 *Interazzjoni tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali mal-istrateġija u l-mudell tan-negozju, u l-effetti finanzjarji*; kif ukoll

   (b) ESRS 2 IRO 2 *Impatti, riskji u opportunitajiet materjali u rekwiżiti ta' divulgazzjoni inklużi fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*.

4. F'dan l-Istandard, kull DR huwa introdott minn objettiv ta' divulgazzjoni, ħlief ***għall-politiki***, ***l-azzjonijiet*** u ***l-miri***, li għalihom id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali* GDR-P, GDR-A u GDR-T jipprovdu l-qafas meħtieġ għad-DRs rilevanti.

5. Dan l-Istandard iqis l-oqfsa regolatorji tal-UE u oqfsa rilevanti oħra, inklużi d-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma (id-Direttiva 2000/60/KE), id-Direttiva tal-UE dwar l-Ilma tax-Xorb (id-Direttiva (UE) 2020/2184), id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (id-Direttiva 2010/75/UE), l-Istrateġija tal-UE għar-Reżiljenza tal-Ilma, ir-Regolament dwar l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) (ir-Regolament 1221/2009/KE), il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Passaġġi tal-Ilma (1997) u l-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Ilma (1992).

6. Dan l-Istandard jistabbilixxi DRs fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** li ġejjin: l-użu tal-ilma, li jinkludi ***l-estrazzjoni tal-ilma***; ***il-konsum tal-ilma***; ***l-iskariku tal-ilma*** u ***l-ilma maħżun***.

7. L-ilma jinkludi l-ilma ***ħelu*** u tipi oħra ta' ilma, pereżempju l-ilma salmastru, minn sorsi differenti, bħall-ilma ***tal-wiċċ, l-ilma ta' taħt l-art, l-ilma*** baħar, l-ilma prodott u l-ilma ta' partijiet terzi.

8. Il-kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-kuntest huma partikolarment importanti fir-rigward tal-ilma. Jekk ***l-impatti materjali, ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** huma konnessi ma' ***ġeografiji*** speċifiċi, informazzjoni rapportata, pereżempju skont ***is-sit***, il-baċir, iż-żona ***bl-istress idriku*** jew kwalunkwe livell ieħor f'konformità mal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*, il-Kapitolu 3.3.2 *Livell ta' Aggregazzjoni, Diżaggregazzjoni*.

Interazzjoni ma' ESRS oħrajn

9. ***Is-suġġetti*** soċjali u ambjentali jinteraġixxu ma' xulxin. Il-punti ewlenin ta' interazzjoni bejn l-ESRS E3 *Water* u l-istandards topiċi l-oħra huma dawn li ġejjin.

	ii. benefiċċji *in natura*, bħal karozzi, assigurazzjoni tas-saħħa privata, assigurazzjoni tal-ħajja, programmi tal-benessri; u kif ukoll iii. il-valur ġust totali tal-inċentivi fit-tul annwali kollha (pereżempju, għotjiet ta' opzjonijiet fuq l-ishma, ishma jew unitajiet ristretti ta' stokk, ishma jew unitajiet ta' stokk ta' prestazzjoni, ishma ta' stokk fantażma, drittijiet ta' apprezzament tal-istokk u għotjiet ta' flus fit-tul); (d) applika l-formula li ġejja għall-proporzjon tar-**remunerazzjoni totali annwali**: *Remunerazzjoni totali annwali għall-individwu bl-ogħla paga fl-impriża* _____ *Remunerazzjoni totali annwali medja tal-impjegati (eskluż l-individwu bl-ogħla paga*)

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S1–16 – Inċidenti ta' diskriminazzjoni u impatti severi fuq id-drittijiet tal-bniedem

42. L-objettiv ta' dan ir-RD huwa li jippermetti fehim tal-punt sa fejn ***l-inċidenti ta' diskriminazzjoni*** u ***inċidenti*** oħra ***tad-drittijiet tal-bniedem*** jaffettwaw ***il-forza tax-xogħol proprja*** tal-impriża.

43. Għal sotto**suġġetti** materjali***,*** l-impriża għandha tiddivulga:

(a) soġġett għar-regolamenti rilevanti dwar il-privatezza, l-għadd ta' ***inċidenti*** sostanzjati ***ta' diskriminazzjoni*** fuq il-post tax-xogħol abbażi tal-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, in-nazzjonalità, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, jew forom rilevanti oħra ta' ***diskriminazzjoni***, inkluż ***il-fastidju***, identifikati fil-perjodu ta' rapportar[11];

(b) soġġett għar-regolamenti rilevanti dwar il-privatezza, l-għadd ta' ***inċidenti*** sostanzjati ***tad-drittijiet tal-bniedem*** marbuta mal-forza ***tax-xogħol proprja*** tagħha identifikati fil-perjodu ta' rapportar, eskluži dawk relatati mad-diskriminazzjoni, li huma rrapportati skont il-paragrafu 43(a);[12] kif ukoll

(c) l-ammont totali ta' multi, penali u kumpens għad-danni rikonoxxuti matul il-perjodu ta' rapportar fir-rapporti finanzjarji għal inċidenti ta' diskriminazzjoni u inċidenti oħra relatati mad-drittijiet tal-bniedem.

11 Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #7 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("Inċidenti ta' diskriminazzjoni").

12 Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija dderivata minn indikatur obbligatorju u addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #10 fit-Tabella 1 tal-Anness I u mill-indikatur #14 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar l-investimenti sostenibbli ("Ksur tal-prinċipji tal-UNGPs u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali" u "Għadd ta' każijiet identifikati ta' kwistjonijiet u inċidenti severi tad-drittijiet tal-bniedem"), u l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji biex jiddivulgaw il-fatturi ESG soġġetti għar-Regolament (UE) 2020/1816 kif stabbilit mill-indikatur "Numru ta' kostitwenti ta' parametri referenzjarji soġġetti għal ksur soċjali (għadd assolut u relattiv diviż bil-kostitwenti kollha tal-parametru referenzjarju), kif imsemmi fit-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali, il-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti u, fejn applikabbli, il-liġi nazzjonali" fit-Taqsimiet 1 u 2 dwar il-Qasam Soċjali tal-Anness II.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 36 għall-paragrafu 43(b) **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	***L-inċidenti tad-drittijiet tal-bniedem*** li huma fil-kamp ta' applikazzjoni għal din id-divulgazzjoni huma dawk relatati man-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment kif definiti fid-Direttiva (UE) 2022/2464 (CSRD), l-Artikolu 29b(2)(b)(iii) tas-CSRD. Dawn l-inċidenti huma mifhuma bħala l-għadd ta' każijiet sostanzjati rreġistrati mill-impriża ta': (a) proċedimenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji (bħal każijiet quddiem il-qrati u t-tribunali domestiċi, medjazzjoni u lmenti ppreżentati lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD); kif ukoll (b) inċidenti oħra, inklużi dawk li hija identifikat permezz tal-proċessi interni tagħha. Għall-fini ta' din id-divulgazzjoni, għandhom jiġu rrapportati biss każijiet sostanzjati u verifikati. Każ jiġi ssostanzjat meta jiġi evidenzjat minn informazzjoni oġġettiva, fattwali u verifikabbli. Istanza tiġi vverifikata meta Qorti, l-OECD jew awtorità amministrattiva tkun għamlet sejba formali li l-istanza tkun seħħet. Mhux il-proċedimenti ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji kollha li għaddejjin, u mhux l-istanzi l-oħra kollha rreġistrati mill-impriża, huma neċessarjament istanzi sostanzjati.
AR 37 għall-paragrafu 43(a) **(Inċidenti ta' diskriminazzjoni)**	***L-inċidenti ta' diskriminazzjoni*** fil-kamp ta' applikazzjoni għal dan id-divulgazzjoni huma dawk li għandhom x'jaqsmu mad-***diskriminazzjoni***. Dawn l-inċidenti huma mifhuma bħala l-għadd ta' każijiet sostanzjati rreġistrati mill-impriża ta': (a) proċedimenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji (bħal każijiet quddiem il-qrati u t-tribunali domestiċi, medjazzjoni u lmenti ppreżentati lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD); kif ukoll (b) inċidenti oħra, inklużi dawk li hija identifikat permezz tal-proċessi interni tagħha. Għall-fini ta' din id-divulgazzjoni, għandhom jiġu rrapportati biss każijiet sostanzjati u verifikati. Każ jiġi ssostanzjat meta jiġi evidenzjat minn informazzjoni oġġettiva, fattwali u verifikabbli. Istanza tiġi vverifikata meta Qorti, OECD jew awtorità amministrattiva tkun għamlet sejba formali li l-istanza tkun seħħet. Mhux il-proċedimenti ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji kollha li għaddejjin, u mhux l-istanzi l-oħra kollha rreġistrati mill-impriża, huma neċessarjament istanzi sostanzjati.
AR 38 għall-paragrafu 43(a) u (b) **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem u inċidenti ta' diskriminazzjoni)**	Meta jiġi applikat il-filtru tal-materjalità tal-informazzjoni (il-paragrafu 23 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*) għall-informazzjoni dwar l-inċidenti msemmija fil-paragrafu 43 (a) u (b), il-valutazzjoni tal-impriża hija primarjament ibbażata fuq is-severità ***tal-impatti*** fuq ***il-forza tax-xogħol proprja*** tagħha.
AR 39 għall-paragrafu 43	Jekk l-impriża tqis li l-bidliet fl-inċidenti ***tad-drittijiet tal-bniedem u l-inċidenti ta' diskriminazzjoni*** huma rilevanti għall-fehim tal-effettività u d-disponibbiltà

(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem u inċidenti ta' diskriminazzjoni)	ta' ***mezzi biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet***, inklużi ***mekkaniżmi ta' lmentar***, hija tista' tagħmel kontroreferenza għall-paragrafu 43 (b) u l-paragrafu 14. F'konformità mal-ESRS 2 GDR-M, l-impriża għandha tiddivulga l-metodoloġija li użat biex tikkompila d-data dwar l-inċidenti msemmija fil-paragrafu 43(a) u (b).
AR 40 għall-paragrafu 43(a)(b) **(Rimedju jew azzjonijiet relatati ma' inċidenti divulgati)**	Il-mod kif l-impriża indirizzat jew qed tindirizza l-inċidenti msemmija fil-paragrafu 43(a) u (b) jista' jiġi kontroreferenzjat mal-informazzjoni divulgata f'konformità mal-ESRS S1-3.
AR 41 għall-paragrafu 43(c) **(Konnettività mad-data tad-dikjarazzjoni finanzjarja)**	Din iċ-ċifra tirriżulta mill-ammont monetarju rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji u għandha tiġi ddivulgata f'konformità mal-paragrafi 115 u 116 tal-ESRS 1. "Multi, penali u kumpens" tirreferi għal dawk imposti fuq l-impriża permezz ta' proċedimenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji.

ESRS S2 – Ħaddiema fil-Katina tal-Valur

Werrej

Objettiv 134

Interazzjoni ma' ESRS topiċi oħrajn 135

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni 135

Impatti, riskji u ġestjoni tal-opportunitajiet 135

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S2-1 – *Politiki relatati mal-ħaddiema fil-katina tal-valur* 135

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S2-2 – *Involviment mal-ħaddiema fil-katina tal-valur, l-eżistenza ta' kanali għall-ħaddiema fil-katina tal-valur biex iqajmu tħassib jew ħtiġijiet u approċċi biex jirrimedjaw* 136

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S2-3 – Azzjonijiet u riżorsi relatati mal-ħaddiema fil-katina tal-valur ... 137

Metriki u Miri 139

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S2-4 – *Miri relatati mal-ħaddiema fil-katina tal-valur* 139

Objettiv

1. L-objettiv ta' dan l-Istandard huwa li jistabbilixxi Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni (DRs) relatati mal-ħaddiema fil-katina tal-valur, b'mod partikolari fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** speċifikati fil-paragrafu 6 ta' dan l-Istandard. Jekk mhux is-subsuġġetti kollha preskritti minn dan l-Istandard għandhom jiġu rrapportati wara l-valutazzjoni tal-materjalità, japplika l-paragrafu 30 tal-ESRS 1 Rekwiżiti Ġenerali.

2. ***Id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** għandha tipprovdi informazzjoni fir-rigward tal-ESRS S2 *Ħaddiema fil-Katina tal-Valur* jekk dan ***is-suġġett*** jirrigwarda ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali. Tali informazzjoni għandha tkopri l-oqsma ta' rapportar kollha elenkati fil-paragrafu 5 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*.

3. Id-DRs f'dan l-Istandard jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali*, li jirrikjedu li l-impriża tiddivulga informazzjoni dwar ***suġġetti*** relatati ma' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali, b'mod partikolari:

   (a) ESRS 2 SBM 3 *Interazzjoni tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali mal-istrateġija u l-mudell tan-negozju, u l-effetti finanzjarji*; kif ukoll

   (b) ESRS 2 IRO 2 *Impatti, riskji u opportunitajiet materjali u rekwiżiti ta' divulgazzjoni inklużi fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*.

4. F'dan l-Istandard, kull DR hija introdotta minn objettiv ta' divulgazzjoni ħlief ***għall-politiki***, ***l-azzjonijiet*** u ***l-miri***, li għalihom id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 GDR-P, il-GDR-A u l-GDR-T jipprovdu l-qafas meħtieġ għad-DRs rilevanti.

5. Dan l-Istandard iqis l-istrumenti u l-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem; il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali. id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u l-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO; il-Konvenzjoni tan-NU dwar Persuni b'Diżabilità; il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta Soċjali Ewropea riveduta; u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

6. Dan l-Istandard jistabbilixxi d-DRs fir-rigward tas-sotto**suġġetti** li ġejjin:

   (a) Kundizzjonijiet tax-xogħol (inklużi ***pagi adegwati, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata,***, ħin tax-xogħol, impjieg sigur, ***protezzjoni soċjali***);

   (b) ***id-djalogu soċjali***, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-kunsilli tax-xogħol, id-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema u ***n-negozjar kollettiv***;

   (c) is-saħħa u s-sikurezza;

   (d) ***it-taħriġ*** u l-iżvilupp tal-ħiliet;

   (e) Id-diversità u **t-trattament ugwali** (inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, **il-paga** ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, l-impjieg u l-inklużjoni ta' **persuni b'diżabilità**, in-nondiskriminazzjoni, il-ġlieda kontra l-fastidju); kif ukoll

   (f) drittijiet tal-bniedem oħra relatati max-xogħol (inkluż ***it-tħaddim tat-tfal, ix-xogħol furzat***, il-privatezza u l-akkomodazzjoni adegwata, l-ilma u s-sanità)

7. Dan l-Istandard ikopri l-ħaddiema kollha fil-***katina tal-valur*** upstream u downstream tal-impriża li huma affettwati jew jistgħu jiġu affettwati materjalment mill-impriża. Tali ***miri*** jistgħu jkopru l-operazzjonijiet proprji tal-impriża jew il-katina tal-valur upstream u downstream tagħha. Dawn jinkludu impatti marbuta ***mal-prodotti*** u s-servizzi tal-impriża, kif ukoll permezz ***tar-relazzjonijiet kummerċjali*** tagħha. Dan l-istandard ikopri l-ħaddiema li mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal- "***forza tax-xogħol proprja***" kif stabbilit fl-ESRS S1 *Forza tax-Xogħol Proprja* (persuni li huma f'relazzjoni ta' impjieg mal-impriża ("***impjegati***") u persuni li, għall-finijiet tar-rapportar tal-ESRS, jissejħu "***mhux impjegati"*** fil-forza tax-xogħol proprja tal-impriża).

8. Eżempji ta' ħaddiema li jistgħu jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Istandard huma:

   (a) ħaddiema ta' servizzi esternalizzati li jaħdmu fil-post tax-xogħol tal-impriża (pereżempju, catering minn partijiet terzi jew ħaddiema tas-sigurtà);

   (b) ħaddiema ta' ***fornitur*** ikkuntrattati mill-impriża li jaħdmu fil-bini tal-fornitur bl-użu tal-metodi ta' xogħol tal-fornitur jew ħaddiema ta' entità "downstream" li tixtri oġġetti jew servizzi mill-impriża;

   (c) ħaddiema ta' fornitur ta' tagħmir lill-impriża li, fuq post tax-xogħol ikkontrollat mill-impriża, iwettqu manutenzjoni regolari fuq it-tagħmir tal-fornitur kif stipulat fil-kuntratt bejn il-fornitur tat-tagħmir u l-impriża; kif ukoll

   (d) il-ħaddiema aktar fil-fond fil-***katina tal-provvista*** li jestrattaw komoditajiet li mbagħad jiġu pproċessati f'komponenti li jidħlu fil-***prodotti*** tal-impriża.

Interazzjoni ma' ESRS topiċi oħrajn

9. ***Is-suġġetti*** soċjali u ambjentali jinteraġixxu ma' xulxin. Il-punti ta' interazzjoni bejn l-ESRS *S2 Ħaddiema fil-Katina tal-Valur* u l-istandards topiċi l-oħra huma dawn li ġejjin:

   (a) l-istandards soċjali kollha, jiġifieri l-ESRS S1 *Forza tax-Xogħol Proprja*, l-ESRS S2 *Ħaddiema fil-Katina tal-Valur*, l-ESRS S3 *Komunitajiet Affettwati* u l-ESRS S4 *Konsumaturi u Utenti finali*, huma allinjati f'termini ta' kontenut u struttura u huma relatati ma' xulxin. ESRS S2 *Ħaddiema fil-Katina tal-Valur* tkopri l-istess sottosuġġetti bħall-Forza *tax-Xogħol Proprja* tal-ESRS S1 għal dawk il-ħaddiema fil-***katina tal-valur*** upstream u downstream li mhumiex fil-forza ***tax-xogħol proprja*** tal-impriża. Id-divulgazzjonijiet fl-istandards soċjali jindirizzaw l-informazzjoni materjali meħtieġa għar-rapportar dwar ***l-impatti*** fuq in-nies, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** relatati ma' kull grupp ***ta' partijiet ikkonċernati***, inkluż fir-rigward tad-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà;

   (b) dan l-Istandard jinteraġixxi mal-ESRS E1 *Tibdil fil-Klima* sal-punt li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima tkun sors ta' impatti, riskji u opportunitajiet għall-ESRS S2 *Ħaddiema fil-Katina tal-Valur*; kif ukoll

   (c) dan l-Istandard jinteraġixxi mal-ESRS E2 *Tniġġis* sal-punt li ***t-tniġġis*** jista' jikkawża ***impatti*** negattivi materjali fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni

Impatti, riskji u ġestjoni tal-opportunitajiet

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S2-1 – *Politiki relatati mal-ħaddiema fil-katina tal-valur*

10. L-impriża għandha tiddeskrivi ***l-politiki*** tagħha għall-ġestjoni ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali relatati ***mal-ħaddiema fil-katina tal-valur*** f'konformità mal-ESRS 2 GDR-P. Għandha tiddikjara jekk dawn il-politiki jkoprux gruppi speċifiċi ta' ħaddiema fil-katina tal-valur (pereżempju, gruppi ta' età partikolari jew ħaddiema f'fabbrika jew pajjiż partikolari) jew il-ħaddiema kollha fil-katina tal-valur.

11. L-impriża għandha tiddikjara jekk ***il-politiki*** tagħha fir-rigward tal-***ħaddiema fil-katina tal-valur*** jindirizzawx it-traffikar tal-bnedmin[1], ***ix-xogħol furzat*** jew it-tħaddim obbligatorju, u ***t-tħaddim tat-tfal***.

[1] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #11 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("Nuqqas ta' proċessi u miżuri għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin").

12. L-impriża għandha tiddikjara wkoll jekk hi għandhiex kodiċi ta' kondotta għall-***fornitur***[2].

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – Ars

AR 1 għall-paragrafu 10 **(Politiki relatati mal-ħaddiema fil-katina tal-valur)**	Eżempji tal-aspetti ta' ***politika*** biex jiġu divulgati l-mezzi ta' komunikazzjoni li l-impriża tuża biex tikkomunika l-politiki tagħha lill-individwi, gruppi ta' individwi jew entitajiet li għalihom huma rilevanti, jew minħabba li huma mistennija li jimplimentawhom (pereżempju, ***l-impjegati***, il-kuntratturi u ***l-forniturі***), jew minħabba li għandhom interess dirett fl-implimentazzjoni tagħhom (pereżempju, ***ħaddiema fil-katina tal-valur***, investituri).

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S2-2 – *Involviment mal-ħaddiema fil-katina tal-valur, l-eżistenza ta' kanali għall-ħaddiema fil-katina tal-valur biex iqajmu tħassib jew ħtiġijiet u approċċi biex jirrimedjaw*

13. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim tal-approċċ ġenerali tal-impriża għall-involviment ***mal-ħaddiema fil-katina tal-valur***, inkluża d-disponibbiltà ta' ***kanali biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet*** bħal ***mekkaniżmi ta' lmentar***, u l-approċċ tagħha għal ***rimedju***.

14. L-impriża għandha tiddivulga kif tinvolvi ruħha direttament ***mal-ħaddiema fil-katina tal-valur***, ***mar-rappreżentanti leġittimi*** tagħhom jew ma' ***sostituti kredibbli***, u kif il-perspettivi tal-ħaddiema tagħha fil-katina tal-valur jinfurmaw id-deċiżjonijiet jew l-attivitajiet tagħha mmirati lejn il-ġestjoni ***tal-impatti reali*** u ***potenzjali*** fuq il-ħaddiema fil-katina tal-valur matul is-sena ta' rapportar. Dan għandu jinkludi:

    (a) kif l-impriża tikseb għarfien dwar il-perspettivi tal-ħaddiema fil-katina tal-valur li jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli għall-impatti u/jew li huma emarġinati (pereżempju, ħaddiema nisa, ħaddiema migranti, ħaddiema b'diżabilità) jekk l-impriża tieħu azzjoni biex tifhem dawk il-perspettivi; kif ukoll

    (b) kwalunkwe ***Ftehim Qafas Globali (GFA)*** jew eżitu ieħor li l-impriża tkun laħqet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-katina tal-valur relatati mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

15. L-impriża għandha tiddeskrivi l-kanali disponibbli ***għall-ħaddiema fil-katina tal-valur*** biex iġġib it-tħassib jew il-ħtiġijiet tagħhom direttament għall-attenzjoni tagħha u tara li dawn jiġu indirizzati. B'mod partikolari, hija għandha tiddikjara jekk għandhiex ***mekkaniżmu ta' lmentar*** fis-seħħ[3]. Għandha tispjega wkoll kif tivvaluta l-effettività ta' dawn il-kanali.

16. L-impriża għandha tiddeskrivi l-approċċ ġenerali tagħha u ***l-proċessi biex tipprovdi jew tikkoopera fir-rimedju*** fejn tkun ikkawżat jew ikkontribwiet għal impatt negattiv materjali fuq ***il-ħaddiema fil-katina tal-valur***.

[2] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #4 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("Nuqqas ta' kodiċi ta' kondotta tal-fornitur").

[3] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #11 fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("Nuqqas ta' proċessi u mekkaniżmi ta' konformità għall-monitoraġġ tal-konformità mal-UNGPs u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali").

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – Ars

AR 2 għall-paragrafu 14 **(Involviment)**	L-involviment ***mal-ħaddiema fil-katina tal-valur*** jista' jieħu forom differenti, bħal sessjonijiet ta' informazzjoni, konsultazzjoni jew parteċipazzjoni, u jseħħ f'intervalli differenti.
AR 3 għall-paragrafu 15 **(Mekkaniżmu ta' lmentar)**	Il-"kriterji tal-effettività għall-mekkaniżmi ta' ***lmentar mhux ġudizzjarji***", kif stabbiliti fil-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Prinċipju 31, jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tal-effettività tal-kanali. Jekk l-impriża jkollha ***politiki*** għall-protezzjoni tal-individwi li jużaw dawn il-kanali kontra r-ritaljazzjoni, u dawn jiġu ddivulgati skont l-ESRS G1-1, l-impriża tista' tirreferi għal dik id-divulgazzjoni.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S2-3 – Azzjonijiet u riżorsi relatati mal-ħaddiema fil-katina tal-valur

17. L-impriża għandha tiddeskrivi ***l-azzjonijiet*** u r-riżorsi ewlenin użati għall-ġestjoni ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali pożittivi u negattivi tagħha relatati ***mal-ħaddiema fil-katina tal-valur*** f'konformità mal-ESRS 2 GDR-A.

18. Fir-rigward ***tal-impatti*** negattivi materjali fuq ***il-ħaddiema fil-katina tal-valur***, l-impriża għandha tiddeskrivi:

    (a) ***l-azzjonijiet*** ewlenin tagħha meħuda, ippjanati jew li għaddejjin biex tipprevjeni, timmitiga, ittemm, timminimizza u tirrimedja l-impatti negattivi materjali fuq il-ħaddiema fil-katina tal-valur, inkluż l-approċċ tagħha f'sitwazzjonijiet fejn jinħolqu tensjonijiet bejn tali azzjonijiet u pressjonijiet kummerċjali oħra (pereżempju, fl-akkwist jew fil-bejgħ); kif ukoll

    (b) kif issegwi u tivvaluta l-effettività ta' dawn l-azzjonijiet fit-twassil ta' eżiti għall-ħaddiema fil-katina tal-valur. Din id-divulgazzjoni tista' titħalla barra jekk l-impriża tiddivulga kif issegwi l-effettività tal-azzjonijiet tagħha f'konformità mal-ESRS 2 GDR-T jew GDR-M. F'dak il-każ, referenza għal dik id-divulgazzjoni tkun biżżejjed.

19. Għas-sottosuġġetti vvalutati bħala materjali għal dan l-Istandard, soġġett għar-regolament rilevanti dwar il-privatezza, l-impriża għandha tiddivulga ***inċidenti*** relatati ***mad-drittijiet tal-bniedem*** konnessi ***mal-ħaddiema fil-katina tal-valur*** identifikati fil-perjodu ta' rapportar.[4]

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – Ars

AR 4 għall-paragrafu 18 **(Azzjonijiet ewlenin)**	***L-azzjonijiet*** meħuda mill-impriża jvarjaw skont il-konnessjoni tagħha ***mal-impatt*** u kif identifikat l-azzjonijiet bħala xierqa biex jiġu indirizzati l-impatti materjali.

[4] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija dderivata minn indikatur obbligatorju u addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #10 fit-Tabella 1 tal-Anness I u mill-indikatur #14 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar l-investimenti sostenibbli ("Ksur tal-UNGPs u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali" u "Għadd ta' każijiet identifikati ta' kwistjonijiet u inċidenti severi tad-drittijiet tal-bniedem"), u l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji biex jiddivulgaw il-fatturi ESG soġġetti għar-Regolament (UE) 2020/1816 kif stabbilit mill-indikatur "Numru ta' kostitwenti ta' parametri referenzjarji soġġetti għal ksur soċjali (għadd assolut u relattiv diviż bil-kostitwenti kollha tal-parametru referenzjarju), kif imsemmi fit-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali, il-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti u, fejn applikabbli, il-liġi nazzjonali" fit-Taqsima 1 u 2 tal-Anness II.

	Dan id-DR japplika wkoll għal azzjonijiet ewlenin biex jipprovdu, jikkooperaw fi, jew jippermettu ***rimedju*** f'każijiet ta' impatti negattivi reali. L-azzjonijiet ewlenin għall-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, it-tmiem, il-minimizzazzjoni jew ir-rimedju tal-impatti jinkludu l-użu ta' tipi differenti ta' ***lievi*** jew azzjonijiet kollettivi meħuda permezz ta' inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati jew tal-industrija.
AR 5 għall-paragrafu 18 **(Tranżizzjoni klimatika)**	L-impriża għandha tippreżenta ***l-azzjonijiet*** tagħha b'mod li jippermetti fehim tal-konnessjonijiet li jeżistu bejn ***suġġetti*** differenti, f'konformità mal-Kapitoli 3.3 u 9.1 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*. Dan japplika għall-miżuri meħuda biex jittaffew ***l-impatti*** negattivi fuq ***il-ħaddiema tagħha fil-katina tal-valur li*** jirriżultaw mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Pereżempju, l-innovazzjoni u r-ristrutturar jistgħu jwasslu għall-għeluq tal-minjieri jew għal żieda fl-estrazzjoni tal-minerali meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli. Min-naħa l-oħra, jistgħu jirriżultaw impatti pożittivi minn inizjattivi bħall-aġġornament tal-prattiki tax-xiri jew ***it-taħriġ*** tal-ħaddiema ***fil-katina tal-provvista***. Eżempji oħra jinkludu żviluppi esterni attwali u/jew mistennija li jinfluwenzaw ***id-dipendenzi*** li huma sorsi ta' ***riskji ta' tranżizzjoni*** ġusta.
AR 6 għall-paragrafu 19 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	***L-inċidenti tad-drittijiet tal-bniedem*** li huma fl-ambitu għal din id-divulgazzjoni huma dawk relatati man-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment kif definiti fid-Direttiva (UE) 2022/2464 (CSRD) fl-Artikolu 29b (2) (b) (iii) tas-CSRD. Dawn l-inċidenti huma mifhuma bħala l-każijiet sostanzjati rreġistrati mill-impriża ta': (a) proċedimenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji (bħal kawżi quddiem il-qrati u t-tribunali domestiċi, medjazzjoni, ilmenti ppreżentati lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD); kif ukoll (b) inċidenti oħra, inklużi dawk li hija identifikat permezz tal-proċessi interni tagħha. Għall-fini ta' din id-divulgazzjoni, għandhom jiġu rrapportati biss każijiet sostanzjati u verifikati. Każ jiġi ssostanzjat meta jiġi evidenzjat minn informazzjoni oġġettiva, fattwali u verifikabbli. Istanza tiġi vverifikata meta Qorti, l-OECD jew awtorità amministrattiva tkun għamlet sejba formali li l-istanza tkun seħħet. Mhux il-proċedimenti ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji kollha li għaddejjin, u mhux l-istanzi l-oħra kollha rreġistrati mill-impriża, huma neċessarjament istanzi sostanzjati.
AR 7 għall-paragrafu 19 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	Meta jiġi applikat il-filtru tal-materjalità tal-informazzjoni (il-paragrafu 23 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*) għall-informazzjoni dwar l-inċidenti msemmija fil-paragrafu 19, il-valutazzjoni tal-impriża hija primarjament ibbażata fuq is-severità ***tal-impatti*** fuq ***il-ħaddiema tagħha fil-katina tal-valur***.
AR 8 għall-paragrafu 19 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	L-impriża ma hijiex mistennija tiddivulga lista ta' kull ***inċident tad-drittijiet tal-bniedem***, u tista' taggrega l-informazzjoni pprovduta, bħal skont it-tipi rilevanti ta' inċidenti u/jew ***ħaddiema fil-katina tal-valur*** affettwata.
AR 9 għall-paragrafu 19 **(Kontroreferenzi)**	Jekk l-impriża tqis li l-bidliet fl-inċidenti relatati ***mad-drittijiet tal-bniedem huma*** rilevanti għall-fehim tal-effettività u d-disponibbiltà ta' ***kanali biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet***, inklużi ***mekkaniżmi ta' lmentar***, hija tista' tagħmel kontroreferenza għall-paragrafu 19 u l-paragrafu 15.

	Il-mod kif l-impriża indirizzat jew qed tindirizza inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem jista' jiġi kontroreferenzjat ma' informazzjoni divulgata f'konformità mal-paragrafu 18.

Metriki u Miri

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S2-4 – *Miri relatati mal-ħaddiema fil-katina tal-valur*

20. L-impriża għandha tiddivulga ***miri*** kwalitattivi jew kwantitattivi relatati ***mal-ħaddiema fil-katina tal-valur*** f'konformità mal-ESRS 2 GDR-T.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – Ars

AR 10 għall-paragrafu 20 **(Prestazzjoni tat-traċċar)**	L-involviment ***mal-ħaddiema fil-katina tal-valur***, ***mar-rappreżentanti leġittimi*** tagħhom, jew ma' ***sostituti kredibbli*** jista' jinforma t-traċċar u l-valutazzjoni tal-impriża tal-effettività ***tal-azzjonijiet*** tagħha ddivulgati skont il-paragrafu 18(b), inkluż l-iżvilupp ta' ***metriki***, l-iffissar tal-miri jew it-traċċar tal-prestazzjoni skont dawk il-metriki u ***l-miri***. B'mod partikolari, fir-rigward tat-traċċar tal-prestazzjoni, tali involviment jista' jinforma l-fehim tal-effettività tal-ġestjoni tal-impriża ***tal-impatti*** negattivi materjali u l-identifikazzjoni tat-tagħlimiet meħuda jew tat-titjib.

ESRS S3 – Komunitajiet Affettwati

Werrej

Objettiv 141

Interazzjoni ma' ESRS topiċi oħrajn 141

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni 142

Ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet 142

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S3-1 – *Politiki relatati mal-komunitajiet affettwati* 142

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S3–2 – *Involviment mal-komunitajiet affettwati, l-eżistenza ta' kanali għall-komunitajiet affettwati biex iqajmu tħassib jew ħtiġijiet u approċċi biex jirrimedjaw* 142

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S3-3 – *Azzjonijiet u riżorsi relatati mat-tniġġis* 143

Metriki u Miri 145

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S3-4 – *Miri relatati mal-komunitajiet affettwati* 145

Objettiv

1. L-objettiv ta' dan l-Istandard huwa li jistabbilixxi r-Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni (DRs) relatati mal-komunitajiet affettwati, b'mod partikolari fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** speċifikati fil-paragrafu 6 ta' dan l-Istandard. Jekk mhux is-sottosuġġetti kollha preskritti minn dan l-Istandard għandhom jiġu rrapportati wara l-valutazzjoni tal-materjalità, japplika l-paragrafu 30 tal-ESRS 1 Rekwiżiti Ġenerali.

2. ***Id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** għandha tipprovdi informazzjoni fir-rigward tal-ESRS S3 *Komunitajiet Affettwati* jekk dan ***is-suġġett*** ikun relatat ma' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali. Tali informazzjoni għandha tkopri l-oqsma ta' rapportar kollha elenkati fil-paragrafu 5 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*.

3. Id-DRs f'dan l-Istandard jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali*, li jirrikjedu li l-impriża tiddivulga informazzjoni dwar suġġetti relatati mal-***impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali b'mod partikolari:

   (a) ESRS 2 SBM 3 *Interazzjoni tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali mal-istrateġija u l-mudell tan-negozju, u l-effetti finanzjarji*; kif ukoll

   (b) ESRS 2 IRO 2 *Impatti, riskji u opportunitajiet materjali u rekwiżiti ta' divulgazzjoni inklużi fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*.

4. F'dan l-Istandard, kull DR huwa introdott minn objettiv ta' divulgazzjoni ħlief ***għall-politiki***, ***l-azzjonijiet*** u ***l-miri***, li għalihom id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 GDR-P, GDR-A u GDR-T jipprovdu l-qafas meħtieġ għad-DRs rilevanti.

5. Dan l-Istandard iqis l-istrumenti u l-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem; il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali; u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni.

6. Dan l-Istandard jistabbilixxi DRs fir-rigward tas-sottosuġġetti li ġejjin:

   (a) Ii-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-komunitajiet (inklużi ***l-impatti*** relatati mal-art, l-impatti relatati mas-sigurtà, l-akkomodazzjoni u l-ikel adegwati, l-ilma u s-sanità);

   (b) id-drittijiet ċivili u politiċi tal-komunitajiet (inklużi l-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-għaqda, l-impatti fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem); kif ukoll

   (c) id-drittijiet tal-***popli indiġeni*** (inkluż ***il-kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC)***), l-awtodeterminazzjoni, id-drittijiet kulturali).

Interazzjoni ma' ESRS topiċi oħrajn

7. ***Is-suġġetti*** soċjali u ambjentali jinteraġixxu ma' xulxin. Il-punti ta' interazzjoni bejn l-ESRS S3 *Komunitajiet Affettwati* u l-istandards topiċi l-oħra huma dawn li ġejjin:

   (a) l-istandards soċjali kollha, jiġifieri l-ESRS S1 *Forza tax-Xogħol Proprja*, l-ESRS S2 *Ħaddiema fil-Katina tal-Valur*, l-ESRS S3 *Komunitajiet Affettwati* u l-ESRS S4 *Konsumaturi u Utenti finali*, huma allinjati f'termini ta' kontenut u struttura u huma relatati ma' xulxin. Id-divulgazzjonijiet fl-istandards soċjali jindirizzaw l-informazzjoni materjali meħtieġa għar-rapportar dwar ***l-impatti*** fuq in-nies, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** relatati ma' kull grupp ***ta' partijiet ikkonċernati***, inkluż fir-rigward tad-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà; kif ukoll

   (b) dan l-Istandard huwa relatat mal-istandards ambjentali (ESRS E1 sa E5) minħabba li l-impatti fuq ***il-komunitajiet affettwati*** jistgħu jirriżultaw minn impatti, riskji u opportunitajiet ambjentali li l-impriża tiddivulga skont dawk l-istandards. Pereżempju, ***il-pjan ta' tranżizzjoni*** klimatika jew tal-bijodiversità tal-impriża jista' jaffettwa l-artijiet, it-territorji u r-riżorsi naturali ***tal-popli indiġeni***.

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni

Ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S3-1 – *Politiki relatati mal-komunitajiet affettwati*

8. L-impriża għandha tiddeskrivi ***l-politiki*** tagħha għall-ġestjoni ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali relatati ***mal-komunitajiet affettwati*** f'konformità mal-ESRS 2 GDR-P. Għandha tiddikjara jekk dawn il-politiki jkoprux komunitajiet affettwati speċifiċi (pereżempju, komunità ta' ***popli indiġeni*** jew komunità li tgħix madwar ***sit***) jew il-komunitajiet affettwati kollha.

9. L-impriża għandha tiddivulga kwalunkwe dispożizzjonita' ***politika*** partikolari għall-prevenzjoni u għall-indirizzar tal-***impatti*** fuq ***il-popli indiġeni***.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 1 għall-paragrafu 8 **(Politiki relatati mal-komunitajiet affettwati)**	Eżempji ta' aspetti ta' ***politika*** biex jiġu divulgati l-mezzi ta' komunikazzjoni li tuża l-impriża biex tikkomunika l-politiki tagħha lill-individwi, gruppi ta' individwi jew entitajiet li huma rilevanti għalihom, jew minħabba li huma mistennija li jimplimentawhom (pereżempju, ***l-impjegati***, il-kuntratturi u ***l-forniturі***) tal-impriża) jew minħabba li għandhom interss dirett fl-implimentazzjoni tagħhom.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S3–2 – *Involviment mal-komunitajiet affettwati, l-eżistenza ta' kanali għall-komunitajiet affettwati biex iqajmu tħassib jew ħtiġijiet u approċċi biex jirrimedjaw*

10. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim tal-approċċ ġenerali tal-impriża għall-involviment ***mal-komunitajiet affettwati***, inkluża d-disponibbiltà ta' ***kanali biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet*** bħal ***mekkaniżmi ta' lmentar***, u l-approċċ tagħha għal ***rimedju***.

11. L-impriża għandha tiddivulga jekk u kif hija tinvolvi ruħha direttament ***mal-komunitajiet affettwati***, ***ir-rappreżentanti leġittimi*** tagħhom, jew ma'***sostituti kredibbli*** u kif il-perspettivi jew il-komunitajiet affettwati jinfurmaw id-deċiżjonijiet jew l-attivitajiet bil-għan li jimmaniġġjaw ***l-impatti attwali*** u ***potenzjali*** fuq il-komunitajiet affettwati waqt is-sena ta' rapportar. Dan għandu jinkludi kif l-impriża tikseb għarfien dwar il-perspettivi tal-komunitajiet affettwati li jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli għall-impatti u/jew li huma emarġinati (pereżempju, nisa, bniet, migranti, ***persuni b'diżabilità***), jekk l-impriża tieħu azzjoni biex tifhem dawk il-perspettivi.

12. Meta ***l-komunitajiet affettwati*** jkunu ***indiġeni***, l-impriża għandha tiddivulga kif hija tqis u tiżgura d-drittijiet partikolari tagħhom fl-approċċ tagħha tal-***involviment tal-partijiet ikkonċernati***, inkluż id-dritt tagħhom għal ***kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC)*** fir-rigward ta': il-proprjetà kulturali, intellettwali, reliġjuża u spiritwali tagħhom; attivitajiet li jaffettwaw l-artijiet u t-territorji tagħhom; u miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi li jaffettwawhom. Meta tinvolvi popli indiġeni, l-impriża għandha tiddivulga wkoll jekk u kif il-popli indiġeni ġew ikkonsultati dwar il-mod u l-parametri tal-involviment (pereżempju, fit-tfassil tal-aġenda, tan-natura, u tat-tempestività tal-involviment).

13. L-impriża għandha tiddeskrivi l-kanali disponibbli ***għall-komunitajiet affettwati*** biex iġġib it-tħassib jew il-ħtiġijiet tagħhom direttament għall-attenzjoni tagħha u tara li dawn jiġu indirizzati. B'mod partikolari, hija għandha tiddikjara jekk għandhiex ***mekkaniżmu ta' lmentar*** fis-seħħ[1]. Għandha tispjega wkoll kif tivvaluta l-effettività ta' dawn il-kanali.

[1] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur obbligatorju relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #11 fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("Nuqqas ta' proċessi u mekkaniżmi ta' konformità għall-

14. L-impriża għandha tiddeskrivi l-approċċ ġenerali tagħha għall-***proċessi sabiex tipprovdi jew tikkoopera fir-rimedju*** fejn hija kkawżat jew ikkontribwiet għal ***impatt*** negattiv fuq ***il-komunitajiet affettwati***.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 2 għall-paragrafu 11 **(Involviment)**	L-involviment ***mal-komunitajiet affettwati*** jista' jieħu forom differenti, bħal sessjonijiet ta' informazzjoni, konsultazzjoni jew parteċipazzjoni, u jseħħ f'intervalli differenti.
AR 3 għall-paragrafu 12 **(Impenn mal-popli indiġeni)**	Eżempji tad-divulgazzjoni tal-involviment fil-paragrafu 12 jinkludu l-proċess biex jinkiseb kunsens ***mill-popli indiġeni*** u biex jiġu żgurati negozjati bona fide fejn l-impriża taffettwa artijiet, territorji jew riżorsi permezz ta' rilokazzjoni jew okkupazzjoni.
AR 4 għall-paragrafu 13 **(Mekkaniżmu ta' lmentar)**	Il-"kriterji tal-effettività għall-mekkaniżmi ta' ***lmentar mhux ġudizzjarji"***, kif stabbiliti fil-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Prinċipju 31, jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tal-effettività ***tal-kanali***. Jekk l-impriża jkollha ***politiki*** għall-protezzjoni tal-individwi li jużaw dawn il-kanali kontra r-ritaljazzjoni, u dawn jiġu ddivulgati skont l-ESRS G1-1, l-impriża tista' tirreferi għal dik id-divulgazzjoni.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S3-3 – *Azzjonijiet u riżorsi relatati mat-tniġġis*

15. L-impriża għandha tiddeskrivi ***l-azzjonijiet*** u r-riżorsi ewlenin użati għall-ġestjoni ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali pożittivi u negattivi tagħha relatati ***mal-komunitajiet affettwati*** f'konformità mal-ESRS 2 GDR-A.

16. Fir-rigward tal-***impatti*** materjali negattivi fuq ***il-komunitajiet affettwati***, l-impriża għandha tiddeskrivi:

    (a) ***l-azzjonijiet*** ewlenin tagħha meħuda, ippjanati jew li għaddejjin biex tipprevjeni, timmitiga, ittemm, timminimizza u tirrimedja l-impatti negattivi materjali fuq il-komunitajiet affettwati, inkluż l-approċċ tagħha f'sitwazzjonijiet fejn jinqalgħu tensjonijiet bejn tali azzjonijiet u pressjonijiet kummerċjali oħra (pereżempju, il-prattiki tagħha fir-rigward tal-ippjanar u l-akkwist tal-art jew fir-rigward tal-isfruttament u l-finanzjament tal-materja prima); kif ukoll

    (b) kif hija ssegwi u tivvaluta l-effettività ta' dawn l-azzjonijietfit-twassil tal-eżiti għall-komunitajiet affettwati. Din id-divulgazzjoni tista' titħalla barra jekk l-impriża tiddivulga kif issegwi l-effettività tal-azzjonijiet tagħha f'konformità mal-ESRS 2 GDR-T jew GDR-M. F'dak il-każ, referenza għal dik id-divulgazzjoni tkun biżżejjed.

17. Għas-sotto***suġġetti*** vvalutati bħala materjali għal dan l-Istandard, soġġett għar-regolament rilevanti dwar il-privatezza, l-impriża għandha tiddivulga ***inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem*** konnessi ma' ***komunitajiet affettwati*** identifikati fil-perjodu ta' rapportar[2].

monitoraġġ tal-konformità mal-prinċipji tal-Patt Globali tan-NU u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali").

[2] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija dderivata minn indikatur obbligatorju u addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #10 fit-Tabella 1 tal-Anness I u mill-indikatur #14 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar l-investimenti sostenibbli ("Ksur tal-UNGPs u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali" u "Għadd ta' każijiet identifikati ta' kwistjonijiet u inċidenti severi tad-drittijiet tal-bniedem"), u l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji biex jiddivulgaw il-fatturi ESG soġġetti għar-Regolament (UE) 2020/1816 kif stabbilit mill-

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 5 għall-paragrafu 16 **(Azzjonijiet ewlenin)**	***L-azzjonijiet*** meħuda mill-impriża jvarjaw skont il-konnessjoni tagħha ***mal-impatt*** u kif identifikat l-azzjonijiet bħala xierqa biex jiġu indirizzati l-impatti materjali. Dan ir-rekwiżit ta' divulgazzjoni japplika wkoll għal azzjonijiet ewlenin biex jipprovdu, jikkooperaw fi, jew jippermettu ***rimedju*** f'każijiet ta' impatti negattivi reali. L-azzjonijiet ewlenin għall-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, it-tmiem, il-minimizzazzjoni jew ir-rimedju tal-impatti jinkludu l-użu ta' tipi differenti ta' ***lievi*** u/jew azzjonijiet kollettivi meħuda permezz ta' inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati u/jew tal-industrija.
AR 6 għall-paragrafu 16 **(Tranżizzjoni klimatika)**	L-impriża għandha tippreżenta ***l-azzjonijiet*** tagħha b' mod li jippermetti ***lill-utenti*** jifhmu l-konnessjonijiet li jeżistu bejn ***suġġetti*** differenti f'konformità mal-Kapitoli 3.3 u 9.1 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*. Dan japplika għall-miżuri meħuda biex itaffu ***l-impatti*** negattivi fuq ***il-komunitajiet affettwati*** li jirriżultaw mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Pereżempju, l-innovazzjoni u r-ristrutturar jistgħu jwasslu għall-għeluq tal-minjieri jew għal żieda fl-estrazzjoni tal-minerali li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli.
AR 7 għall-paragrafu 17 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	***L-inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem*** li huma fil-kamp ta' applikazzjoni għal din id-divulgazzjoni huma dawk relatati man-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment kif definiti fid-Direttiva (UE) 2022/2464 (CSRD), l-Artikolu 29b (2) (b) (iii). Dawn l-inċidenti huma mifhuma bħala l-każijiet sostanzjati rreġistrati mill-impriża ta': (a) proċedimenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji (bħal kawżi quddiem il-qrati u t-tribunali domestiċi, medjazzjoni, ilmenti ppreżentati lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD); kif ukoll (b) inċidenti oħra, inklużi dawk li hija identifikat permezz tal-proċessi interni tagħha. Għall-fini ta' din id-divulgazzjoni, għandhom jiġu rrapportati biss każijiet sostanzjati u verifikati. Każ jiġi ssostanzjat meta jiġi evidenzjat minn informazzjoni oġġettiva, fattwali u verifikabbli. Istanza tiġi vverifikata meta Qorti, l-OECD jew awtorità amministrattiva tkun għamlet sejba formali li l-istanza tkun seħħet. Mhux il-proċedimenti ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji kollha li għaddejjin, u mhux l-istanzi l-oħra kollha rreġistrati mill-impriża, huma neċessarjament istanzi sostanzjati.
AR 8 għall-paragrafu 17 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	Meta tiddetermina ***l-inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem*** konnessi mal-***komunitajiet affettwati***, l-impriża għandha tikkunsidra kwalunkwe tilwima legali relatata mad-drittijite tal-art u mal-***kunsens liberu, minn qabel u informat (FPIC)*** tal-***popli indiġeni***.
AR 9 għall-paragrafu 17	Meta jiġi applikat il-filtru tal-materjalità tal-informazzjoni (il-paragrafu 23 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*) għall-informazzjoni dwar l-inċidenti msemmija fil-

indikatur "Numru ta' kostitwenti ta' parametri referenzjarji soġġetti għal ksur soċjali (għadd assolut u relattiv diviż bil-kostitwenti kollha tal-parametru referenzjarju), kif imsemmi fit-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali, il-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti u, fejn applikabbli, il-liġi nazzjonali" fit-Taqsima 1 u 2 dwar il-Qasam Soċjali tal-Anness II.

(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)	paragrafu 17, il-valutazzjoni tal-impriża hija primarjament ibbażata fuq is-severità ***tal-impatti*** fuq ***il-komunitajiet affettwati***.
AR 10 għall-paragrafu 17 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	L-impriża mhijiex mistennija tiddivulga lista ta' kull ***inċident tad-drittijiet tal-bniedem***, u tista' taggrega l-informazzjoni pprovduta, bħal skont it-tipi rilevanti ta' inċidenti u/jew komunitajiet affettwati.
AR 11 għall-paragrafu 17 **(Kontroreferenzi)**	Jekk l-impriża tqis li l-bidliet fl-inċidenti relatati ***mad-drittijiet tal-bniedem huma*** rilevanti għall-fehim tal-effettività u d-disponibbiltà ta' ***kanali biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet***, inklużi ***mekkaniżmi ta' lmentar***, hija tista' tagħmel kontroreferenza għall-paragrafu 17 u l-paragrafu 13. Il-mod kif l-impriża indirizzat jew qed tindirizza inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem jista' jiġi kontroreferenzjat ma' informazzjoni divulgata f'konformità mal-paragrafu 16.

Metriki u Miri

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S3-4 – *Miri relatati mal-komunitajiet affettwati*

18. L-impriża għandha tiddivulga ***miri*** kwalitattivi u/jew kwantitattivi relatati ***mal-komunitajiet affettwati*** f'konformità mal-ESRS 2 GDR-T.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 12 għall-paragrafu 18 **(Prestazzjoni tat-traċċar)**	L-involviment ***mal-komunitajiet affettwati***, ***mar-rappreżentanti leġittimi*** tagħhom, jew ma' ***sostituti kredibbli***, jista' jinforma t-traċċar u l-valutazzjoni tal-impriża tal-effettività ***tal-azzjonijiet*** tagħha ddivulgati skont il-paragrafu 16 (b), inkluż l-iżvilupp ta' ***metriki***, l-iffissar tal-miri u/jew it-traċċar tal-prestazzjoni skont dawk il-metriki u ***l-miri***. B'mod partikolari, fir-rigward tat-traċċar tal-prestazzjoni, tali involviment jista' jinforma l-fehim tal-effettività tal-ġestjoni tal-impriża ***tal-impatti*** negattivi materjali u l-identifikazzjoni tat-tagħlimiet meħuda jew tat-titjib.

ESRS – S4 Konsumaturi u Utenti finali

Werrej

Objettiv 147

Interazzjoni ma' ESRS topiċi oħrajn 147

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni 148

Ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet 148

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S4-1 – *Politiki relatati mal-konsumaturi u mal-utenti finali* 148

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S4-*2* – *Involviment mal-konsumaturi u mal-utenti finali, l-eżistenza ta' kanali għall-konsumaturi u għall-utenti finali sabiex iqajmu tħassib jew ħtiġijiet u approċċi sabiex jirrimedjaw* 148

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S4-3 – Azzjonijiet u riżorsi relatati mal-konsumaturi u mal-utenti finali 149

Metriki u miri 150

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S4-4 – Politiki relatati mal-konsumaturi u mal-utenti finali 150

Objettiv

1. L-objettiv ta' dan l-Istandard huwa li jistabbilixxi Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni (DRs) relatati mal-konsumaturi u l-utenti finali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** speċifikati fil-paragrafu 6 ta' dan l-Istandard. Jekk mhux is-sottosuġġetti kollha preskritti minn dan l-Istandard għandhom jiġu rrapportati wara l-valutazzjoni tal-materjalità, japplika l-paragrafu 30 tal-ESRS 1 Rekwiżiti Ġenerali.

2. Id-***dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** għandhat tipprovdi informazzjoni fir-rigward tal-ESRS S4 *Konsuamaturi u Utenti finali* jekk dan ***is-suġġett*** ikun jirrigwarda ***impatti materajli, riskji*** u ***opportunitajiet. Tali informazzjoni*** għandha tkopri l-oqsma ta' rapportar kollha elenkati fil-paragrafu 5 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*.

3. Id-DRs f'dan l-Istandard jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali*, li jirrikjedu li l-impriża tiddivulga informazzjoni dwar suġġetti relatati ma' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali, b'mod partikolari:

   (a) ESRS 2 SBM 3 *Interazzjoni tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali mal-istrateġija u l-mudell tan-negozju, u l-effetti finanzjarji*; kif ukoll

   (b) ESRS 2 IRO 2 *Impatti, riskji u opportunitajiet materjali u rekwiżiti ta' divulgazzjoni inklużi fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*.

4. F'dan l-Istandard, kull DR hija introdotta minn objettiv ta' divulgazzjoni ħlief ***għall-politiki***, ***l-azzjonijiet*** u ***l-miri***, li għalihom id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 GDR-P, il-GDR-A u l-GDR-T jipprovdu l-qafas meħtieġ għad-DRs rilevanti.

5. Dan l-Istandard iqis l-istrumenti u l-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali.

6. Dan l-Istandard jistabbilixxi DRs fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** li ***ġejjin***:

   (a) impatti relatati mal-informazzjoni għall-konsumaturi jew għall-utenti (inklużi l-privatezza, l-aċċess għall-informazzjoni, il-libertà tal-espressjoni);

   (b) is-sikurezza personali tal-konsumaturi u tal-utenti finali (inklużi s-saħħa u s-sikurezza, il-protezzjoni tat-tfal, is-sigurtà ta' persuna); kif ukoll

   (c) l-inklużjoni soċjali tal-konsumaturi u tal-utenti finali (inkluż l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, il-prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni responsabbli, in-nondiskriminazzjoni.

7. L-użu ħażin jew illegali tal-***prodotti*** u s-servizzi tal-impriża mill-***konsumaturi*** u ***l-utenti finali*** jaqgħu barra mill-ambitu ta' dan l-Istandard.

Interazzjoni ma' ESRS topiċi oħrajn

8. ***Is-suġġetti*** soċjali u ambjentali jinteraġixxu ma' xulxin. Il-punti ta' interazzjoni bejn *l-ESRS S4 Konsumaturi u Utenti Finali* u l-istandards topiċi l-oħra huma dawn li ġejjin:

   (a) l-istandards soċjali kollha, jiġifieri l-ESRS S1 *Forza tax-Xogħol Proprja*, l-ESRS S2 *Ħaddiema fil-Katina tal-Valur*, l-ESRS S3 *Komunitajiet Affettwati*, l-ESRS S4 *Konsumaturi u Utenti finali*, huma allinjati f'termini ta' kontenut u struttura u huma relatati ma' xulxin. Id-divulgazzjonijiet fl-istandards soċjali jindirizzaw l-informazzjoni materjali meħtieġa għar-rapportar dwar ***l-impatti*** fuq in-nies, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** relatati ma' kull grupp ***ta' partijiet ikkonċernati***, inkluż fir-rigward tad-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà;

   (b) dan l-Istandard jinteraġixxi mal-ESRS E1 *Tibdil fil-Klima* sal-punt li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima tista' twassal għal impatti, riskji jew opportunitajiet materjali fir-rigward ***tal-konsumaturi*** u ***l-utenti finali***; kif ukoll

(c) dan l-Istandard jinteraġixxi mal-ESRS E5 *Użu tar-Riżorsi u Ekonomija Ċirkolari* sal-punt li l-konsumaturi u l-utenti finali jkunu infurmati dwar l-aspetti ***tal-użu tar-riżorsi***, tal-ġestjoni ***tal-iskart*** jew ***tal-ekonomija ċirkolari tal-prodotti*** jew tas-servizzi li jixtru.

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni

Ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S4-1 – *Politiki relatati mal-konsumaturi u mal-utenti finali*

9. L-impriża għandha tiddeskrivi ***l-politiki*** tagħha għall-ġestjoni ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali relatati ***mal-konsumaturi u mal-utenti finali*** f'konformità mal-ESRS 2 GDR-P. Hija għandha tiddikjara jekk dawn il-politiki jkoprux gruppi speċifiċi (pereżempju, gruppi ta' età partikolari) jew il-konsumaturi u l-utenti finali kollha.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

Artikolu 1 għall-paragrafu 9 **(Politiki relatati mal-konsumaturi u mal-utenti finali)**	Eżempji ta' aspetti ***ta' politika*** li għandhom jiġu divulgati huma l-mezzi ta' komunikazzjoni li tuża l-impriża biex tikkomunika l-politiki tagħha lil dawk l-individwi, grupp ta' individwi jew entitajiet li għalihom huma rilevanti, jew minħabba li huma mistennija li jimplimentawhom (pereżempju, ***l-impjegati***, il-kuntratturi u ***l-forniturі*** tal-impriża), jew minħabba li għandhom interess dirett fl-implimentazzjoni tagħhom.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S4-*2* – *Involviment mal-konsumaturi u mal-utenti finali, l-eżistenza ta' kanali għall-konsumaturi u għall-utenti finali sabiex iqajmu tħassib jew ħtiġijiet u approċċi sabiex jirrimedjaw*

10. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim tal-approċċ ġenerali tal-impriża għall-involviment ***mal-konsumaturi*** u mal-utenti ***finali***, inkluża d-disponibbiltà ta' ***kanali biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet*** bħal ***mekkaniżmi ta' lmentar***, u l-approċċ tagħha għal ***rimedju***.

11. L-impriża għandha tiddivulga kif hija tinvolvi ruħha direttament ***mal-konsumaturi u mal-utenti finali***, ***mar-rappreżentanti leġittimi*** tagħhom, jew ma' ***sostituti kredibbli***, u kif il-perspettivi tal-konsumaturi u tal-utenti finali jinformaw id-deċiżjonijiet jew l-attivitajiet tagħha mmirati lejn il-ġestjoni ***tal-impatti reali*** u ***potenzjali*** fuq il-konsumaturi u l-utenti finali matul is-sena ta' rapportar. Dan għandu jinkludi kif l-impriża tikseb għarfien dwar il-perspettivi tal-konsumaturi u tal-utenti finali li jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli għall-impatti u/jew li huma emarġinati (pereżempju, ***persuni b'diżabilità***, tfal) jekk l-impriża tieħu azzjoni biex tifhem dawk il-perspettivi.

12. L-impriża għandha tiddeskrivi l-mezzi disponibbli ***għall-konsumaturi*** u ***l-utenti finali*** biex iġġib it-tħassib jew il-ħtiġijiet tagħhom direttament għall-attenzjoni tagħha u tara li dawn jiġu indirizzati. B'mod partikolari, hija għandha tiddikjara jekk għandhiex ***mekkaniżmu ta' lmentar*** fis-seħħ[1]. Għandha tispjega wkoll kif tivvaluta l-effettività ta' dawn il-kanali.

13. L-impriża għandha tiddeskrivi l-approċċ ġenerali tagħha u ***l-proċessi biex tipprovdi jew tikkoopera fir-rimedju*** fejn hija kkawżat jew ikkontribwiet għal ***impatt*** negattiv materjali fuq ***il-konsumaturi*** u ***fuq l-utenti finali***.

[1] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #11 fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar investimenti sostenibbli ("Nuqqas ta' proċessi u mekkaniżmi ta' konformità għall-monitoraġġ tal-konformità mal-UNGPs u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali").

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 2 għall-paragrafu 11 **(Involviment)**	L-involviment ***mal-konsumaturi*** u ***l-utenti finali*** jista' jieħu forom differenti, bħal sessjonijiet ta' informazzjoni, konsultazzjoni jew parteċipazzjoni, u jseħħ f'intervalli differenti.
AR 3 għall-paragrafu 12 **(Mekkaniżmu ta' lmentar)**	Il-"kriterji tal-effettività għall-mekkaniżmi ta' ***lmentar mhux ġudizzjarji***", kif stabbiliti fil-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Prinċipju 31, jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tal-effettività tal-kanali. Jekk l-impriża jkollha ***politiki*** għall-protezzjoni tal-individwi li jużaw dawn il-kanali kontra r-ritaljazzjoni, u dawn jiġu ddivulgati skont l-ESRS G1-1, l-impriża tista' tirreferi għal dik id-divulgazzjoni.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S4-3 – Azzjonijiet u riżorsi relatati mal-konsumaturi u mal-utenti finali

14. L-impriża għandha tiddeskrivi ***l-azzjonijiet*** u r-riżorsi ewlenin użati għall-ġestjoni ***tal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali pożittivi u negattivi tagħha relatati ***mal-konsumaturi*** u mal-utenti ***finali*** f'konformità mal-ESRS 2 GDR-A.

15. Fir-rigward ***tal-impatti*** negattivi materjali fuq ***il-konsumaturi*** u ***l-utenti finali***, l-impriża għandha tiddeskrivi:

    (a) ***l-azzjonijiet*** ewlenin tagħha meħuda, ippjanati jew li għaddejjin biex tipprevjeni, timmitiga, ittemm, timminimizza u ***tirrimedja*** l-impatti negattivi materjali fuq il-konsumaturi u l-utenti finali, inkluż l-approċċ tagħha f'sitwazzjonijiet fejn iqumu tensjonijiet bejn tali azzjonijiet u pressjonijiet kummerċjali oħra (pereżempju, prattiki relatati mal-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ u l-użu tad-data); kif ukoll

    (b) kif issegwi u tivvaluta l-effettività ta' dawn l-azzjonijiet fit-twassil tar-riżultati għall-konsumaturi u l-utenti finali. Din id-divulgazzjoni tista' titħalla barra jekk l-impriża tiddivulga kif issegwi l-effettività tal-azzjonijiet tagħha f'konformità mal-ESRS 2 GDR-T jew GDR-M. F'dak il-każ, referenza għal dik id-divulgazzjoni tkun biżżejjed.

16. Għas-sotto***suġġetti*** vvalutati bħala materjal għal dan l-Istandard, soġġett għar-regolament privat rilevanti, l-impriża għandha tiddivulga ***l-inċidenti tad-drittijiet tal-bniedem*** marbuta mal-***konsumaturi*** u ***l-utenti finali*** identifikati fil-perjodu ta' rapportar[2].

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 4 għall-paragrafu 15 **(Azzjonijiet ewlenin)**	***L-azzjonijiet*** meħuda mill-impriża jvarjaw skont il-konnessjoni tagħha ***mal-impatt*** u kif identifikat l-azzjonijiet bħala xierqa biex jiġu indirizzati l-impatti materjali.

[2] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur obbligatorju u addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #10 fit-Tabella 1 tal-Anness I u mill-indikatur #14 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjoni dwar l-investimenti sostenibbli ("Ksur tal-UNGPs u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali" u "Għadd ta' każijiet identifikati ta' kwistjonijiet u inċidenti severi tad-drittijiet tal-bniedem"), u l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji biex jiddivulgaw il-fatturi ESG soġġetti għar-Regolament (UE) 2020/1816 kif stabbilit mill-indikatur "Numru ta' kostitwenti ta' parametri referenzjarji soġġetti għal ksur soċjali (għadd assolut u relattiv diviż bil-kostitwenti kollha tal-parametru referenzjarju), kif imsemmi fit-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali, il-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti u, fejn applikabbli, il-liġi nazzjonali" fit-Taqsima 1 u 2 dwar il-Qasam Soċjali tal-Anness II.

	Dan ir-rekwiżit ta' divulgazzjoni japplika wkoll għal azzjonijiet ewlenin biex jipprovdu, jikkooperaw fi, jew jippermettu ***rimedju*** f'każijiet ta' impatti negattivi reali. L-azzjonijiet ewlenin għall-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, it-tmiem, il-minimizzazzjoni jew ir-rimedju tal-impatti jinkludu l-użu ta' tipi differenti ta' ***lievi*** u/jew azzjonijiet kollettivi meħuda permezz ta' inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati u/jew tal-industrija.
AR 5 għall-paragrafu 16 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	***L-inċidenti tad-drittijiet tal-bniedem*** li huma fl-ambitu għal din id-divulgazzjoni huma dawk relatati man-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment kif definiti fid-Direttiva (UE) 2022/2464 (CSRD), Artikolu 29b (2) (b) (iii). Dawn l-inċidenti huma mifhuma bħala l-każijiet sostanzjati rreġistrati mill-impriża ta': (a) proċedimenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji (bħal kawżi quddiem il-qrati u t-tribunali domestiċi, medjazzjoni, ilmenti ppreżentati lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD); kif ukoll (b) inċidenti oħra, inklużi dawk li hija identifikat permezz tal-proċessi interni tagħha. Għall-fini ta' din id-divulgazzjoni, għandhom jiġu rrapportati biss każijiet sostanzjati u verifikati. Każ jiġi ssostanzjat meta jiġi evidenzjat minn informazzjoni oġġettiva, fattwali u verifikabbli. Istanza tiġi vverifikata meta Qorti, l-OECD jew awtorità amministrattiva tkun għamlet sejba formali li l-istanza tkun seħħet. Mhux il-proċedimenti ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji kollha li għaddejjin, u mhux l-istanzi l-oħra kollha rreġistrati mill-impriża, huma neċessarjament istanzi sostanzjati.
AR 6 għall-paragrafu 16 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	Meta jiġi applikat il-filtru tal-materjalità tal-informazzjoni (il-paragrafu 23 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*) għall-informazzjoni dwar l-inċidenti msemmija fil-paragrafu 16, il-valutazzjoni tal-impriża hija primarjament ibbażata fuq is-severità ***tal-impatti*** fuq ***il-konsumaturi*** u ***l-utenti finali***.
AR 7 għall-paragrafu 16 **(Inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem)**	L-impriża mhijiex mistennija tiddivulga lista ta' kull ***inċident tad-drittijiet tal-bniedem***, u tista' taggrega l-informazzjoni pprovduta, bħal skont it-tipi rilevanti ta' inċidenti u ***l-konsumaturi*** u ***l-utenti finali*** affettwati.
AR 8 għall-paragrafu 16 **(Kontroreferenzi)**	Jekk l-impriża tqis li l-bidliet fl-inċidenti relatati ***mad-drittijiet tal-bniedem huma*** rilevanti għall-fehim tal-effettività u d-disponibbiltà ta' ***kanali biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet***, inklużi ***mekkaniżmi ta' lmentar,*** hija tista' tagħmel kontroreferenza għall-paragrafu 16 u l-paragrafu 12. Il-mod kif l-impriża indirizzat jew qed tindirizza inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem jista' jiġi kontroreferenzjat ma' informazzjoni divulgata f'konformità mal-paragrafu 15.

Metriki u miri

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni S4-4 – Politiki relatati mal-konsumaturi u mal-utenti finali

17. L-impriża għandha tiddivulga ***miri*** kwalitattivi u/jew kwantitattivi relatati ***mal-konsumaturi*** u ***l-utenti finali f'konformità mal-ESRS 2 GDR-T.***

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 9 għall-paragrafu 17 **(Prestazzjoni tat-traċċar)**	L-involviment ***mal-konsumaturi*** u ***mal-utenti finali***, ***mar-rappreżentanti leġittimi*** tagħhom, jew ma' ***sostituti kredibbli***, jista' jinforma t-traċċar u l-valutazzjoni tal-impriża tal-effettività ***tal-azzjonijiet*** tagħha ddivulgati skont il-paragrafu 15 (b), inkluż l-iżvilupp ta' ***metriċi***, l-iffissar tal-miri u/jew it-traċċar tal-prestazzjoni skont dawk il-metriċi u ***l-miri***. B'mod partikolari, fir-rigward tat-traċċar tal-prestazzjoni, tali involviment jista' jinforma l-fehim tal-effettività tal-ġestjoni tal-impriża ***tal-impatti*** negattivi materjali u l-identifikazzjoni tat-tagħlimiet meħuda jew tat-titjib.

ESRS G1 – Kondotta kummerċjali

Werrej

Objettiv 152

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni 152

Ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet 152

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-1 – *Politiki relatati mal-komunitajiet affettwati* 152

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-2 – *Politiki relatati mal-forza tax-xogħol proprja* 153

Metriki u miri 154

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-3 – *Miri relatati mal-kondotta kummerċjali* 154

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1–4 — *Metriki relatati ma' korruzzjoni jew tixħim* 154

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-5 – *Metriki relatati mal-influwenza politika, inklużi attivitajiet ta' lobbying* 155

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-6 – Metriki relatati mal-prattiki ta' pagament 155

Objettiv

1. L-objettiv ta' dan l-Istandard huwa li jistabbilixxi Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni (DRs) relatati mal-imġiba kummerċjali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** speċifikati fil-paragrafu 5 ta' dan l-Istandard. Jekk mhux is-subsuġġetti kollha preskritti minn dan l-Istandard għandhom jiġu rrapportati wara l-valutazzjoni tal-materjalità, japplika l-paragrafu 30 tal-ESRS 1 Rekwiżiti Ġenerali.

2. ***Id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*** għandha tipprovdi informazzjoni fir-rigward *tal-Kondotta tan-Negozju* tal-G1 tal-ESRS jekk dan ***is-suġġett*** ikun relatat ma' ***impatti***, ***riskji*** u opportunitajiet materjali. ***Tali informazzjoni għandha*** tkopri l-oqsma ta' rapportar elenkati fil-paragrafu 5 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*.

3. Id-DRs f'dan l-Istandard jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali*, li jirrikjedu li l-impriża tiddivulga informazzjoni dwar ***suġġetti*** relatati ma' ***impatti***, ***riskji*** u ***opportunitajiet*** materjali, b'mod partikolari:

   (a) ESRS 2 SBM 3 *Interazzjoni tal-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali mal-istrateġija u l-mudell tan-negozju, u l-effetti finanzjarji*; kif ukoll

   (b) ESRS 2 IRO 2 *Impatti, riskji u opportunitajiet materjali u rekwiżiti ta' divulgazzjoni inklużi fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà*.

4. F'dan l-Istandard, kull DR huwa introdott minn objettiv ta' divulgazzjoni, ħlief ***għall-politiki***, ***l-azzjonijiet*** u ***l-miri***, li għalihom id-dispożizzjonijiet fl-ESRS 2 GDR-P, GDR-A u GDR-T jipprovdu l-qafas meħtieġ għad-divulgazzjonijiet rilevanti.

5. Dan l-Istandard jistabbilixxi DRs fir-rigward tas-sotto***suġġetti*** li ġejjin:

   (a) ***il-kultura korporattiva***, inklużi l-ġlieda kontra ***l-korruzzjoni*** u l-ġlieda kontra ***t-tixħim***, il-protezzjoni tal-informaturi, u l-benessri tal-annimali;

   (b) il-ġestjoni ta' relazzjonijiet mal-***fornituri***, inklużi prattiki ta' ħlas, speċjalment ħlas tard lil impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); kif ukoll

   (c) influwenza politika, inklużi ***attivitajiet ta' lobbjar***.

Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni

Ġestjoni tal-impatti, tar-riskji u tal-opportunitajiet

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-1 – *Politiki relatati mal-komunitajiet affettwati*

6. L-impriża għandha tiddivulga ***l-politiki*** ta' kondotta kummerċjali tagħha f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ESRS 2 GDR-P.

7. Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-ESRS 2 GDR-P, l-impriża għandha tiddivulga:

   (a) jekk għandhiex ***politiki*** kontra ***l-korruzzjoni*** u kontra ***t-tixħim*** konsistenti mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni[3];

   (b) jekk għandhiex ***politiki*** dwar il-protezzjoni tal-informaturi jew le[4]; kif ukoll

[3] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #15 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjonijiet dwar investimenti sostenibbli ("Nuqqas ta' politiki kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim").

[4] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali kif stabbilit mill-indikatur #6 fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli ta' divulgazzjonijiet dwar investimenti sostenibbli ("Protezzjoni mhux suffiċjenti tal-informaturi").

(c) il-funzjonijiet fl-impriża li huma l-aktar f'riskju fir-rigward tal-***korruzzjoni*** *jew* ***it-tixħim.***

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 1 għall-paragrafu 6 **(korruzzjoni jew tixħim — definizzjoni)**	Għall-finijiet ta' dan l-Istandard, l-impriża għandha tapplika d-definizzjoni tal-ESRS ta' ***korruzzjoni*** u ***tixħim*** (ara l-Glossarju tal-ESRS), li hija ġenerika, biex tegħleb id-definizzjonijiet differenti li jinsabu fil-liġijiet lokali jew fil-liġijiet applikabbli fil-ġuriżdizzjoni tal-kumpanija omm u biex tiżgura l-komparabbiltà fost l-impriżi li jirrapportaw.
AR 2 għall-paragrafu 7(b) **(whistleblowers)**	L-impriżi li huma soġġetti għal rekwiżiti legali skont il-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2019/1937, jew għal rekwiżiti legali ekwivalenti fir-rigward tal-protezzjoni tal-whistleblowers, jistgħu jikkonformaw mad-divulgazzjoni speċifikata fil-paragrafu 6(b) billi jiddikjaraw li huma soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti legali.
AR 3 għall-paragrafu 7(c) **(korruzzjoni jew tixħim)**	Meta tiġi ddivulgata informazzjoni skont il-paragrafu 7(c), "funzjonijiet jew rwoli l-aktar f'riskju" tfisser dawk il-funzjonijiet jew ir-rwoli meqjusa li huma l-aktar f'riskju ta' ***korruzzjoni*** jew ***tixħim*** bħala riżultat tal-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom fl-impriża, bħal dawk li joperaw f'pajjiżi b'riskju għoli jew li jinteraġixxu mal-awtoritajiet pubbliċi u l-gvernijiet.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-2 – ***Politiki relatati mal-forza tax-xogħol proprja***

8. L-impriża għandha tiddivulga ***l-azzjonijiet*** tagħha relatati *mal-imġiba kummerċjali* f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ESRS 2 GDR-A.

9. Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-ESRS 2 GDR-A, l-impriża għandha tiddivulga informazzjoni dwar ***l-azzjonijiet*** li ġejjin:

   (a) il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-forniturі inklużi:

      i. jekk l-impriża tqisx il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà fl-għażla tal-forniturі tagħha, kif dan isir;

      ii. ***taħriġ*** dwar suġġetti ta' sostenibbiltà pprovdut lit-tim tal-akkwist, jekk ikun hemm; kif ukoll

      iii. l-involviment mal-forniturі għat-titjib tal-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tagħhom; kif ukoll

   (b) il-proċeduri tal-impriża għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u r-rispons għal allegazzjonijiet jew inċidenti relatati mal-***korruzzjoni*** jew mat-***tixħim***, inkluż:

      i. taħriġ kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim mogħti lil funzjonijiet jew rwoli l-aktar f'riskju fl-impriża, inklużi membri tal-***korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji***; kif ukoll

      ii. kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi indirizzat ksur fi proċeduri u standards ta' kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim[5].

[5] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija dderivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali stabbilit fl-indikatur #16 tat-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli dwar id-divulgazzjonijiet dwar investimenti sostenibbli ("Każijiet ta' azzjoni insuffiċjenti meħuda biex jiġi indirizzat il-ksur tal-istandards kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim").

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 4 għall-paragrafu 9 (a) **(relazzjonijiet mal-forniturі)**	Fil-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 9 (a), l-impriża tista' tikkunsidra kontroreferenza għall-informazzjoni dwar l-eżistenza ta' kodiċi ta' kondotta ***tal-fornitur*** f'konformità mal-paragrafu 2 tal-ESRS *S11 Ħaddiema fil-Katina tal-Valur*.

Metriki u miri

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-3 – *Miri relatati mal-kondotta kummerċjali*

10. L-impriża għandha tiddivulga ***l-miri*** ta' kondotta kummerċjali tagħha f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ESRS 2 GDR-T.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1–4 — *Metriki relatati ma' korruzzjoni jew tixħim*

11. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti trasparenza dwar il-kundanni u s-sanzjonijiet, inklużi l-multi, relatati mal-***korruzzjoni*** jew it-***tixħim*** matul il-perjodu ta' rapportar u l-eżiti relatati.

12. L-impriża għandha tiddivulga l-għadd ta' kundanni u sanzjonijiet, inkluż l-ammont totali ta' multi, għall-ksur tal-liġijiet kontra ***l-korruzzjoni*** u kontra ***t-tixħim*** [6] matul il-perjodu ta' rapportar.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – Ars

AR 5 għall-paragrafu 12 **(korruzzjoni jew tixħim — kundanni u sanzjonijiet)**	Il-kundanni għall-ksur tal-liġijiet ta' kontra l-***korruzzjoni*** u kontra t-***tixħim*** jirreferu għal deċiżjonijiet finali maħruġa minn qorti kriminali kontra individwu jew impriża fir-rigward ta' reat kriminali relatat mal-korruzzjoni jew mat-tixħim, fejn dawn id-deċiżjonijiet tal-qorti jiddaħħlu fir-rekord kriminali tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew, jekk barra mill-UE, fir-reġistru ekwivalenti jew rekord tal-ġuriżdizzjoni kkonċernata. Is-sanzjonijiet għall-ksur tal-liġijiet kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim jirreferu għad-deċiżjonijiet finali maħruġa mill-awtoritajiet amministrattivi jew regolatorji kontra individwu jew impriża fir-rigward tal-korruzzjoni jew tat-tixħim.
AR 6 għall-paragrafu 12 **(korruzzjoni jew tixħim – multi)**	Il-multi maħruġa għall-ksur tal-liġijiet kontra l-***korruzzjoni*** u kontra t-***tixħim*** jirreferu għal penali monetarji obbligatorji li jirriżultaw minn ksur tal-liġijiet kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim imposti minn qorti, amministrazzjoni amministrattiva jew regolatorja, li jitħallsu lil teżor pubbliku u li huma rikonoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji waqt il-perjodu ta' rapportar.

[6] Din l-informazzjoni tappoġġa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta': parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2088 minħabba li hija derivata minn indikatur addizzjonali relatat mal-impatti avversi prinċipali, kif stabbilit fl-indikatur #17 tat-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 fir-rigward tar-regoli dwar id-divulgazzjonijiet dwar investimenti sostenibbli ("Numru ta' kundanni u ammont ta' multi għall-ksur tal-liġijiet kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim"); u l-amministraturi tal-parametri referenzjarji biex jiddivulgaw il-fatturi ESG soġġetti għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1816 kif stabbilit mill-indikatur "Numri ta' kundanni u ammont ta' multi għall-ksur tal-liġijiet kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim" fit-Taqsima 1 u 2 tal-Anness II.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-5 – *Metriki relatati mal-influwenza politika, inklużi attivitajiet ta' lobbying*

13. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim tal-attivitajiet u l-impenji tal-impriża relatati mal-eżerċizzju tal-influwenza politika tagħha b'kontribuzzjonijiet politiċi u ***attivitajiet ta' lobbying***.

14. L-impriża għandha tiddivulga l-valur monetarju totali tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* magħmulin direttament u indirettament mill-impriża waqt il-perjodu ta' rapportar, diżaggregati skont il-pajjiż jew iż-żona ġeografika fejn rilevanti, kif ukoll it-tip ta' riċevitur/benefiċjarju.

15. L-impriża għandha tiddivulga l-kwistjonijiet ewlenin koperti ***mill-attivitajiet ta' lobbying*** tagħha u l-pożizzjonijiet ewlenin meħuda, inklużi spjegazzjonijiet ta' kif l-attivitajiet ta' lobbying tagħha jinteraġixxu ***mal-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali tagħha.

16. L-impriża għandha tiddivulga informazzjoni dwar il-ħatra ta' kwalunkwe membru tal-***korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji*** matul il-perjodu ta' rapportar attwali li kellu pożizzjoni komparabbli fl-amministrazzjoni pubblika (inklużi r-regolaturi) fis-sentejn preċedenti.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 7 għall-paragrafu 14 **(kontribuzzjonijiet politiċi)**	Għall-finijiet ta' dan l-Istandard "kontribuzzjoni politika" tfisser appoġġ finanzjarju jew *in natura* pprovdut direttament lil partiti politiċi, lir-rappreżentanti eletti tagħhom jew lill-persuni li jfittxu kariga f'uffiċċju politiku. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jinkludu donazzjonijiet, self, sponsorizzazzjonijiet, pagamenti bil-quddiem għal servizzi, jew ix-xiri ta' biljetti għal avvenimenti ta' ġbir ta' fondi u prattiki simili oħra. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* jistgħu jinkludu reklamar, użu ta' faċilitajiet, disinn u stampar, donazzjoni ta' tagħmir, forniment ta' sħubija f'bord, impjieg jew xogħol ta' konsulenza għal politiċi jew għal kandidati eletti għal kariga uffiċjali.
AR 8 għall-paragrafu 14 **(kontribuzzjoni politika indiretta)**	"Kontribut politiku indirett" tirreferi għal dawk il-kontributi politiċi li jsiru permezz ta' organizzazzjoni intermedjarja bħal pereżempju lobbist jew karità, jew appoġġ mogħti lil organizzazzjoni bħal grupp ta' riflessjoni jew assoċċjazzjoni kummerċjali marbuta ma' partiti politiċi jew ma' kawżi partikolari jew li jappoġġahom.
AR 9 għall-paragrafu 16 **(influwenza politika)**	Meta tiddetermina "pożizzjoni komparabbli" f'dan l-istandard, l-impriża għandha tikkunsidra diversi fatturi, inkluż il-livell ta' responsabbiltà u l-ambitu tal-attivitajiet imwettqin.

Rekwiżit ta' Divulgazzjoni G1-6 – Metriki relatati mal-prattiki ta' pagament

17. L-objettiv ta' dan id-DR huwa li jippermetti fehim tat-***termini standard ta' pagament*** u tal-prestazzjoni tal-impriża fir-rigward tal-pagament, speċjalment il-pagament tard lill-SMEs.

18. L-impriża għandha tiddivulga:

    (a) deskrizzjoni tat-***termini standard ta' pagament tal-impriża f'*** għadd ta' jiem skont il-kategorija ewlenija ta' ***forniturі***, li tispeċifika dawk li japplikaw għall-SMEs jekk ikunu differenti minn dawk applikati għal forniturі oħra;

    (b) il-perċentwal tal-pagamenti tagħha allinjati ma' dawn it-termini standard; kif ukoll

    (c) l-għadd ta' proċedimenti legali li bħalissa għadhom pendenti għal pagamenti tard.

REKWIŻITI TAL-APPLIKAZZJONI – ARs

AR 10 għall-paragrafu 18(b) **(prattiki ta' pagament)**	Jekk il-ħlas tard lill-SMEs ikun ***suġġett*** materjali għall-impriża, japplika l-paragrafu 11 tal-ESRS 1 *Rekwiżiti Ġenerali*; għalhekk, l-impriża għandha tipprovdi ***metrika*** speċifika għall-entità, jekk materjali.

Anness II

"ANNESS II – *Akronimi u Glossarju tat-Termini*"

Dan l-Anness jippreżenta l-akronimi kollha (Tabella 1) kif ukoll it-termini kollha definiti fl-ESRS (Tabella 2).

Tabella 1 – Akronimi

AR	Rekwiżiti ta' Applikazzjoni
BP-1	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni – Bażi għat-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet ta' sostenibbiltà
BP-2	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni — Informazzjoni speċifika jekk l-impriża tuża opzjonijiet ta' introduzzjoni gradwali
CapEx	Nefqa Kapitali
CH_4	Metan
CLP	Klassifikazzjoni, Tikkettar u Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet (ir-Regolament (KE) 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)
CO_2	Diossidu tal-Karbonju
CRR	Ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)
CSRD	Id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)
DRs	Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni
EC	Il-Kummissjoni Ewropea
ŻEE	Żona Ekonomika Ewropea
L-EFRAG	Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju
EFRAG SRB	Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju – Rapportar dwar is-Sostenibbiltà
E-PRTR	Ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)
ESG	Kriterji Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza
ESRS	Standards Ewropej ta' Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà
ESRS 1	Standard Ewropew ta' Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà 1 *Rekwiżiti ġenerali*
ESRS 2	Standard Ewropew ta' Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà 2 *Divulgazzjonijiet ġenerali*
ESRS E1	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà E1 *Tibdil fil-Klima*
ESRS E2	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà E2 *Tniġġis*
ESRS E3	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà E3 *Ilma*
ESRS E4	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà E4 *Bijodiversità u ekosistemi*

ESRS E5	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà E5 *Użu tar-riżorsi u ekonomija ċirkolari*
ESRS G1	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà G1 *Imġiba kummerċjali*
ESRS S1	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà S1 *Forza tax-Xogħol Proprja*
ESRS S2	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà S2 *Ħaddiema fil-Katina tal-Valur*
ESRS S3	Standard Ewropew tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà S3 *Komunitajiet Affettwati*
ESRS S4	Standard Ewropew tar-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà S4 *Konsumaturi u Utenti Finali*
UE	L-Unjoni Ewropea
EU ETS	Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea (id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)
FPIC	Kunsens Liberu, Minn Qabel u Informat
FTE	Ekwivalenti ta' full-time
GBF	Il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal
GDR	Rekwiżit Ġenerali ta' Divulgazzjoni
GDR-A	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni Ġenerali għal azzjonijiet u riżorsi
GDR-M	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni Ġenerali għall-metriki
GDR-P	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni Ġenerali għall-politiki
GDR-T	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni Ġenerali għall-miri
GHG	Gass Serra
GOV-1	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni - Ir-rwol tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji fir-rigward tas-sostenibbiltà
GOV-2	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni - Integrazzjoni tal-prestazzjoni relatata mas-sostenibbiltà fi skemi ta' inċentivi
GOV-3	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni - Dikjarazzjoni dwar id-diliġenza dovuta
GOV-4	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni - Ġestjoni tar-riskju u kontrolli interni fuq ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà
GRI	Inizjattiva Globali ta' Rappurtar
GWP	Potenzjal għat-Tisħin Globali
HFCs	Idrofluworokarburi
IEPR	Regolament dwar Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (ir-Regolament (UE) 2024/1244 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)

IFRS	Standards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju
ILO	Organizzazzjonijiet Internazzjonali tax-Xogħol
IRO-1	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni – ESRS 2 IRO-1 – Deskrizzjoni tal-proċess sabiex jiġu identifikati u vvalutati l-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet materjali u l-informazzjoni materjali li għandha tiġi rrapportata
IRO-2	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni – ESRS 2 IRO-2 Impatti, riskji u opportunitajiet materjali u Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni inklużi fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
IUCN	Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura
KBA	Żoni Ewlenin tal-Bijodiversità
LEAP	Sib Evalwa Ivvaluta Prepara
MWh	Megawatt-siegħa
N_2O	Ossidu Nitruż
NACE	Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea
NF_3	Trifluworur tan-nitroġenu
NGOs	Organizzazzjonijiet Nongovernattivi
NOX	Ossidi tan-nitroġenu
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku
OpEx	Nefqa tat-Tħaddim
PFC	Perfluworokarburi
REACH	Reġistrazzjoni, Valutazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (ir-Regolament (KE) 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)
SBM-1	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni – ESRS 2 SBM-1 Strateġija, mudell tan-negozju u katina tal-valur
SBM-2	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni – ESRS 2 SBM-2 Interessi u fehmiet tal-partijiet ikkonċernati
SBM-3	Rekwiżit ta' Divulgazzjoni — ESRS 2 SBM-3 Interazzjoni tar-riskji u tal-opportunitajiet tal-impatti materjali mal-istrateġija u mal-mudell ta' negozju, u mal-effetti finanzjarji
SDGs	Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli
SFDR	Ir-Regolament dwar Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja (ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)
SF_6	Eżafluworur tal-kubrit
l-SMEs	L-impriżi żgħar u ta' daqs medju

SoC	Sustanzi ta’ tħassib
SOX	Ossidi tal-kubrit
SVHC	Sustanzi ta’ Tħassib Serju Ħafna
NU	Nazzjonijiet Uniti
IL-WRI	L-Istitut Dinji tar-Riżorsi

Tabella 2 – *Glossarju ta' termini definiti fl-ESRS*

Din it-tabella tiddefinixxi t-termini li għandhom jintużaw bħala referenza għat-tħejjija tad-***dikjarazzjonijiet ta' sostenibbiltà*** f'konformità mal-ESRS.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Azzjoni	***L-azzjonijiet*** jirreferu għal: (a) azzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni (inklużi ***pjanijiet ta' tranżizzjoni***) li jitwettqu sabiex jiġi żgurat li l-impriża tilħaq il-***miri*** stabbiliti u li permezz tagħhom l-impriża tfittex li tindirizza ***l-impatti***, ***ir-riskji*** u ***l-opportunitajiet*** materjali; kif ukoll (b) deċiżjonijiet biex dawn jiġu appoġġati b'riżorsi finanzjarji, umani jew teknoloġiċi. L-azzjonijiet jistgħu jkunu azzjonijiet individwali, meħuda biss mill-impriża, jew azzjonijiet kollettivi, jiġifieri, sforzi kollaborattivi minn grupp ta' ***partijiet ikkonċernati*** – bħal impriżi, gvernijiet, soċjetà ċivili, jew komunitajiet – biex jiġu indirizzati sfidi kondiviżi jew jintlaħqu għanijiet komuni, b'mod partikolari meta dawk l-għanijiet ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod effettiv minn kwalunkwe attur uniku li jaħdem waħdu.
Impatt reali	***L-impatti reali*** huma dawk ***l-impatti*** li mmanifestaw ruħhom fil-perjodu ta' rapportar. Huma jinkludu dawk li oriġinaw fil-perjodi ta' rapportar preċedenti u li għadhom jeżistu fil-perjodu ta' rapportar attwali.
Paga adegwata	***Paga*** li tipprovdi għas-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet tal-ħaddiema u tal-familja tagħhom fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali nazzjonali.
Korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji	***Il-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji*** jirreferu għall-korpi ta' governanza bl-ogħla awtorità tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-impriża, inklużi l-kumitati tagħha. Jekk fl-istruttura ta' governanza ma jkun hemm l-ebda membru tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-impriża, is-CEO, u jekk tali funzjoni teżisti, id-deputat CEO, jenħtieġ li jiġu inklużi.
Komunitajiet Affettwati	Persuni jew grupp(i) li jgħixu jew jaħdmu fl-istess żona li kienu jew jistgħu jiġu affettwati mill-operazzjonijiet ta' impriża li tirrapporta jew permezz tal-***katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha. ***Il-komunitajiet affettwati*** jistgħu jvarjaw minn dawk li jgħixu qrib l-operazzjonijiet tal-impriża (komunitajiet lokali) għal dawk li jgħixu l-bogħod. Il-komunitajiet affettwati jinkludu ***popli indiġeni*** attwalment u potenzjalment affettwati.
Remunerazzjoni totali annwali	***Ir-remunerazzjoni totali annwali*** għall-***forza tax-xogħol proprja*** tinkludi salarju, bonus, għotjiet ta' stokk, għotjiet ta' opzjonijiet, kumpens għal pjan ta' inċentiv mhux tal-ekwità, bidla fil-valur tal-pensjoni, u qligħ ta' kumpens differit mhux kwalifikat ipprovdut matul sena.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Effett finanzjarju antiċipat	***Effetti finanzjarji*** li ma jissodisfawx il-kriterji ta' rikonoxximent għall-inklużjoni fl-entrati inklużi fir-rapporti finanzjarji fil-perjodu ta' rapportar u li mhumiex koperti mill-***effetti finanzjarji attwali***.
Artikolu (għall-finijiet tal-ESRS E2)	Oġġett li matul il-produzzjoni jingħata forma, wiċċ jew disinn speċjali li jiddetermina l-funzjoni tiegħu fi grad ogħla mill-kompożizzjoni kimika tiegħu (ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006).
Prodott ipprojbit	***Prodotti pprojbiti*** huma oġġetti jew materjali li l-manifattura, il-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, jew l-użu tagħhom huma pprojbiti bil-liġi jew b'regolament minħabba ***riskji*** li joħolqu għas-saħħa, għas-sikurezza, għall-ambjent, jew għall-ordni pubbliku.
Servizz ipprojbit	***Servizzi pprojbiti*** huma servizzi li huma pprojbiti bil-liġi jew b'regolament milli jiġu offruti, ipprovduti, jew użati minħabba li jitqiesu mhux sikuri, illegali, mhux etiċi, jew inkella jmorru kontra l-interess jew ***il-politika*** pubblika.
Pjan ta' tranżizzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi	***Pjan ta' tranżizzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi*** huwa aspett tal-istrateġija kummerċjali ġenerali ta' organizzazzjoni li jistabbilixxi l-għanijiet, ***il-miri***, ***l-azzjonijiet***, il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u r-riżorsi maħsuba tal-organizzazzjoni biex twieġeb u tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni implikata mill-Qafas Globali tal-Bijodiversità, fejn: (a) ***it-telf tal-bijodiversità*** jitwaqqaf u jitreġġa' lura sal-2030; kif ukoll (b) ***il-bijodiversità*** għandha tiġi stmata, ikkonservata, irrestawrata u użata b'mod għaqli, filwaqt li jiġu ppreżervati ***s-servizzi tal-ekosistema***, tiġi sostnuta pjaneta sana u jinkisbu benefiċċji essenzjali għal kulħadd sal-2050. Il-bijodiversità tista' tkun ukoll parti ***mill-pjan ta' tranżizzjoni*** usa' ta' impriża. Jenħtieġ li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u, fost l-oħrajn, tista' tinkludi l-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' sinerġiji u kompromessi ma' objettivi oħra tal-pjan ta' tranżizzjoni, inkluż kwalunkwe rispons u kontribut għat-tranżizzjoni implikata mill-Ftehim ta' Pariġi (***pjan ta' tranżizzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima***). Ara wkoll id-definizzjoni ta' "pjan ta' tranżizzjoni."
Bijodiversità / diversità bijoloġika	Il-varjabbiltà fost organiżmi ħajjin mis-sorsi kollha, inklużi, fost l-oħrajn, ekosistemi terrestri, marini u ***ekosistemi*** akkwatiċi oħrajn u l-kumplessi ekoloġiċi li minnhom jagħmlu parti; dan jinkludi diversità fost l-ispeċi, bejn l-ispeċi u tal-ekosistemi.
Telfien tal-bijodiversità	It-tnaqqis ta' kwalunkwe aspett tad-***diversità bijoloġika*** (jiġifieri d-diversità fil-livelli ġenetiċi, tal-ispeċijiet u tal-***ekosistema***) f'żona partikolari permezz ta' mewt (inkluża l-estinzjoni), qerda jew tneħħija fiżika manwali; jista' jirreferi għal ħafna skali, mill-estinzjonijiet globali sal-estinzjonijiet tal-popolazzjoni, li jirriżultaw fi tnaqqis fid-diversità totali fuq l-istess skala.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Tpaċija għall-bijodiversità	***Tpaċija*** għall-bijodiversità huma eżiti ta' konservazzjoni li jistgħu jitkejlu mfassla biex jikkumpensaw ***għall-impatti*** negattivi u inevitabbli fuq ***il-bijodiversità*** u ***l-ekosistemi*** tal-attivitajiet tal-impriża, minbarra l-miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni diġà implimentati. Fil-kuntest tal-ġerarkija tal-mitigazzjoni (jiġifieri l-kontribut għall-evitar, il-minimizzazzjoni, ir-restawr u l-kumpens), it-tpaċija għall-bijodiversità tipikament jitqies bħala miżura tal-aħħar istanza.
Żona sensittiva għall-bijodiversità	***Iż-żoni sensttivi mil-lat tal-bijodiversità*** jinkludu: (a) żoni protetti permezz ta' mezzi legali jew mezzi effettivi oħra, inklużi Natura 2000, Siti Naturali ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO, ***siti*** Ramsar, u żoni protetti oħra, pereżempju definiti minn sorsi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali; kif ukoll (b) żoni inklużi taħt ***Żoni Ewlenin tal-Bijodiversità (KBAs)***, Żoni tal-Baħar Ekoloġikament jew Bijoloġikament Sinifikanti, il-Lista l-Ħamra tal-Ekosistemi tal-IUCN jew ħabitats ta' speċijiet elenkati fil-Lista l-Ħamra tal-IUCN ta' Speċijiet Mhedda (li huma xjentifikament rikonoxxuti għall-importanza tagħhom ***għall-bijodiversità***).
Materjali bijoloġiċi	Il-materjali li huma derivati minn organiżmi ħajjin, bħal pjanti, annimali, jew mikroorganiżmi, u li jistgħu jirritornaw b'mod sikur għall-bijosfera wara l-użu mingħajr ma jikkawżaw ħsara lill-ambjent. Dawn jinkludu kemm materjali organiċi ħajjin kif ukoll mejtin, bħal siġar, għelejjel, ħaxix, algi, annimali, u ***skart*** bijoloġiku bħad-demel. ***Il-materjali bijoloġiċi*** jistgħu jkunu verġni/mhux verġni u ***rinnovabbli***/mhux rinnovabbli. Il-materjali ta' oriġini bijoloġika, inkorporati f'formazzjonijiet ġeoloġiċi jew ittrasformati f'materjal fossilizzat ma jitqisux bħala materjali bijoloġiċi (pereż. ***fjuwils fossili***).
Tixħim	Persważjoni b'mod diżonest lil xi ħadd sabiex jaġixxi favur tiegħek billi tagħtihom rigal ta' flus jew inċentiv ieħor.
Mudell tan-negozju	Is-sistema tal-impriża li tittrasforma l-inputs permezz tal-attivitajiet tagħha f'outputs u f'eżiti li għandha l-għan li tilħaq l-għanijiet strateġiċi tal-impriża u li toħloq valur fil-perjodu ta' żmien ta' żmien qasir, medju u twil. L-ESRS jużaw it-terminu "***mudell tan-negozju***" fis-singular, għalkemm huwa rikonoxxut li l-impriżi jista' jkollhom aktar minn mudell tan-negozju wieħed.
Relazzjonijiet kummerċjali	Ir-relazzjonijiet li l-impriża għandha mas-sħab kummerċjali, mal-entitajiet fil-***katina tal-valur*** tagħha, u ma' kwalunkwe entità oħra mhux Statali jew Statali marbuta direttament mal-operazzjonijiet, mal-***prodotti*** jew mas-servizzi kummerċjali tagħha. Ir-***relazzjonijiet kummerċjali*** ma humiex limitati għal relazzjonijiet kuntrattwali diretti. Dawn jinkludu relazzjonijiet ta' negozju indiretti fil-katina tal-valur tal-impriża lil hinn mill-ewwel livell, u pożizzjonijiet ta' parteċipazzjoni azzjonarja f'impriżi konġunti jew investimenti.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Kreditu ta' karbonju	Strument trasferibbli jew kummerċjabbli li jirrappreżenta tunnellata metrika ta' tnaqqis jew tneħħija tal-***emissjoni ta' CO_2eq*** u li jinħareġ u jiġi vverifikat skont standards ta' kwalità rikonoxxuti.
Ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju (CO_2 eq)	L-unità universali ta' kejl li tindika ***l-potenzjal ta' tisħin globali* (*GWP*)** ta' kull ***gass serra***, espressa f'termini tal-GWP ta' unità waħda ta' diossidu tal-karbonju. Tintuża biex jiġi evalwat ir-rilaxx (jew l-evitar tar-rilaxx) ta' ***gassijiet serra*** differenti fuq bażi komuni.
Mezz biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet	***Il-kanali biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet*** huma strutturi formali stabbiliti mill-impriża jew minn parti terza (pereżempju, gvernijiet, NGOs, assoċjazzjonijiet industrijali), inklużi ***r-relazzjonijiet kummerċjali***, bi proċessi ddedikati li permezz tagħhom ***il-partijiet ikkonċernati*** affettwati jistgħu jqajmu t-tħassib u l-ħtiġijiet tagħhom. Strutturi bħal dawn tipikament jinkludu passi jew kriterji li jiġu segwiti biex jiġi żgurat li t-tħassib jew il-ħtiġijiet jiġu indirizzati b'mod adegwat. Dawn jistgħu jinkludu wkoll, jekk applikabbli, ***proċessi biex jipprovdu jew jikkooperaw fir-rimedju għall-impatti reali***. Eżempji ta' mezzi biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet jinkludu ***mekkaniżmi ta' lmentar***, hotlines, rappreżentanti tat-trade unions jew tal-komunità fuq il-post tax-xogħol jew fil-livell lokali, kunsilli tax-xogħlijiet, proċessi ta' djalogu, mekkaniżmi tal-ilmenti tal-komunità jew ***tal-konsumatur*** kif ukoll mekkaniżmi ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni protetta, sal-punt li jippermettu lin-nies iqajmu kwalunkwe tħassib jew ħtieġa rigward ***l-impatti reali jew potenzjali*** li jaffettwawhom jew lil partijiet ikkonċernati oħra.
It-tħaddim tat-tfal	Xogħol li jċaħħad lit-tfal minn tfulithom, mill-potenzjal tagħhom u mid-dinjità tagħhom, u li huwa ta' ħsara għall-iżvilupp fiżiku u mentali. Jirreferi għal xogħol li: (a) huwa mentalment, fiżikament, soċjalment jew moralment perikoluż u ta' ħsara għat-tfal; u/jew (b) jinterferixxi mal-iskola tagħhom billi jċaħħadhom mill-opportunità li jattendu l-iskola; jobbligahom jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien, jew jitlobhom jippruvaw jikkombinaw l-attendenza fl-iskola ma' xogħol eċċessivament twil u tqil. Wild huwa definit bħala persuna taħt l-età ta' 18-il sena. Jekk forom partikolari ta' "xogħol" jistgħux jissejħu "***tħaddim tat-tfal***" jiddependi mill-età tal-wild, mit-tip u mis-sigħat tax-xogħol imwettaq u mill-kundizzjonijiet li taħthom jitwettaq. It-tweġiba tvarja minn pajjiż għal ieħor, kif ukoll bejn is-setturi fi ħdan il-pajjiżi. L-età minima tax-xogħol ma għandhiex tkun inqas mill-età minima għat-tlestija tal-edukazzjoni obbligatorja, u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun inqas minn 15-il sena skont il-Konvenzjoni Nru 138 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar l-Età Minima. Jistgħu jseħħu eċċezzjonijiet f'ċerti pajjiżi fejn l-ekonomiji u l-faċilitajiet edukattivi ma jkunux żviluppati biżżejjed, u tapplika età minima ta' 14-il sena. Dawn il-pajjiżi ta' eċċezzjoni huma speċifikati mill-ILO bħala rispons għal applikazzjoni speċjali mill-pajjiż ikkonċernat u f'konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impjegaturi u tal-ħaddiema.

Terminu definit	*Definizzjoni*
	Il-liġijiet nazzjonali jistgħu jippermettu l-impjieg ta' persuni ta' bejn 13 u 15-il sena f'xogħol ħafif sakemm dan ma jkunx probabbli li jkun ta' ħsara għal saħħithom jew għall-iżvilupp tagħhom u ma jippreġudikax l-attendenza tagħhom fl-iskola jew il-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi vokazzjonali jew ta' ***taħriġ***. L-età minima għad-dħul fix-xogħol li min-natura tiegħu jew miċ-ċirkostanzi li fihom jitwettaq x'aktarx jipperikola s-saħħa, is-sikurezza jew il-morali taż-żgħażagħ ma għandhiex tkun inqas minn 18-il sena.
Ċirkolarità	Grad ta' allinjament mal-prinċipji ta' ***ekonomija ċirkolari***.
Ekonomija Ċirkolari	Sistema ekonomika li fiha l-valur ta' riżorsi fl-ekonomija jinżamm għall-itwal żmien possibbli, li ttejjeb l-użu effiċjenti tagħhom fil-produzzjoni u l-konsum, biex b'hekk jitnaqqas ***l-impatt*** ambjentali tal-użu tagħhom, jiġi minimizzat ***l-iskart*** u r-rilaxx ta' ***sustanzi*** perikoluż fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart.
Prinċipju tal-ekonomija ċirkolari	Il-***prinċipji tal-ekonomija ċirkolari*** huma: (a) jeliminaw ***l-iskart*** u ***t-tniġġis*** billi jiddisinjaw ***prodotti*** u materjali li jistgħu jmorru lura fl-ekonomija wara l-użu tagħhom; (b) jiċċirkolaw il-prodotti u l-materjali (fl-ogħla valur tagħhom) billi jżommuhom, jużawhom mill-ġdid u jirranġawhom; kif ukoll (c) jirriġeneraw in-natura billi jiffokaw fuq it-titjib tal-ambjenti naturali u r-restawr tal-funzjonijiet ekoloġiċi ewlenin.
Servizz tal-ekonomija ċirkolari	Skont l-Anness II tat-Tassonomija tal-UE (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2486 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852), l-attivitajiet ta' servizzi ekonomiċi li ġejjin (CEY 5.1 — CEY 5.6) jitqiesu li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għat-tranżizzjoni lejn ***ekonomija ċirkolari***: (a) il-manutenzjoni u t-tiswija; (b) ***l-użu mill-ġdid*** u r-ridistribuzzjoni; (c) il-prodott bħala servizz; (d) ***ir-riċiklaġġ*** u ***l-irkupru*** tar-riżorsi; kif ukoll (e) servizzi ta' disinn u konsultazzjoni sostenibbli.
Adattament għat-tibdil fil-klima	Il-proċess ta' aġġustament għat-tibdil fil-klima attwali u mistenni u ***impatti*** tiegħu.
Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima	Il-proċess ta' tnaqqis tal-***emissjonijiet ta' gassijiet serra*** u ż-żamma taż-żieda fit-temperatura medja globali għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Opportunità relatata mal-klima	Effetti pożittivi potenzjali relatati mat-tibdil fil-klima għall-impriża. L-isforzi biex jittaffa u jsir adattament għat-tibdil fil-klima jistgħu jipproduċu ***opportunitajiet*** għall-impriżi. ***L-opportunitajiet relatati mal-klima*** se jvarjaw skont ir-reġjun, is-suq u l-industrija fejn topera l-impriża.
Riskju fiżiku relatat mal-klima (Riskju fiżiku mit-tibdil fil-klima)	***Riskji*** li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima li jistgħu jkunu xprunati minn avvenimenti (akuti) jew minn bidliet fit-tul (kroniċi) fix-xejriet klimatiċi. ***Riskji fiżiċi*** akuti jirriżultaw minn perikli partikolari, speċjalment avvenimenti relatati mat-temp bħal maltempati, għargħar, nirien jew mewġiet ta' sħana. Ir-riskji fiżiċi kroniċi jirriżultaw minn bidliet fit-tul fil-klima, bħal bidliet fit-temperatura, u l-effetti tagħhom fuq il-livelli tal-baħar li qed jogħlew, id-disponibbiltà mnaqqsa tal-ilma, ***it-telf tal-bijodiversità*** u bidliet fil-produttività tal-art ***u tal-ħamrija***.
Riskju ta' tranżizzjoni relatat mal-klima	***Riskji*** li jirriżultaw mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Dawn tipikament jinkludu riskji ta' ***politika***, riskji legali, riskji teknoloġiċi, riskji tas-suq u riskji għar-reputazzjoni.
Reżiljenza għall-klima	Il-kapaċità ta' impriża li taġġusta għat-tibdil fil-klima, u għall-iżviluppi jew l-inċertezzi relatati mat-tibdil fil-klima. ***Ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima*** tinvolvi l-kapaċità li jiġu ġestiti ***riskji*** relatati mal-klima u li wieħed jibbenefika minn ***opportunitajiet relatati mal-klima***, inkluża l-kapaċità ta' riskpons u ta' adattament għar-***riskji ta' tranżizzjoni*** u għar-***riskji fiżiċi***. Ir-reżiljenza klimatika ta' impriża tinkludi kemm ir-reżiljenza strateġika tagħha kif ukoll ir-reżiljenza operazzjonali tagħha għal bidliet, żviluppi jew inċertezzi relatati mal-klima assoċjati mat-tibdil fil-klima.
Negozjar kollettiv	In-negozjati kollha li jseħħu bejn impjegatur, grupp ta' impjegaturi jew organizzazzjoni waħda jew aktar tal-impjegaturi, minn naħa waħda, u trade unions waħda jew aktar jew, fin-nuqqas tagħhom, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema eletti u awtorizzati kif xieraq minnhom f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti nazzjonali, min-naħa l-oħra, għal dawn: (a) id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg; u/jew (b) ir-regolamentazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi u l-ħaddiema; u/jew (c) ir-regolamentazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi jew l-organizzazzjonijiet tagħhom u organizzazzjoni tal-ħaddiema jew organizzazzjonijiet tal-ħaddiema.
Konsumatur	Individwi li jakkwistaw, jikkunsmaw jew jużaw oġġetti u servizzi għall-użu personali, jew għalihom infushom jew għal oħrajn, u mhux għal skopijiet ta' bejgħ mill-ġdid, kummerċ jew kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni.
Kultura korporattiva	***Il-kultura korporattiva*** tesprimi l-għanijiet permezz ta' valuri u twemmin. Tiggwida l-attivitajiet tal-impriża permezz ta' suppożizzjonijiet kondiviżi u normi tal-grupp bħal valuri jew dikjarazzjonijiet tal-missjoni jew kodiċi ta' kondotta.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Il-Korruzzjoni	L-abbuż tas-setgħa fdata għal gwadann privat, li jista' jiġi instigat minn individwi jew minn organizzazzjonijiet. Jinkludi prattiki bħal pagamenti ta' faċilitazzjoni, frodi, estorsjoni, kollużjoni, u ħasil tal-flus. Jinkludi wkoll offerta jew riċevuta ta' kwalunkwe rigal, self, tariffa, premju, jew vantaġġ ieħor lil jew minn kwalunkwe persuna bħala inċentiv sabiex tagħmel xi ħaġa li tkun diżonesta, illegali, jew ksur ta' fiduċja fil-kondotta kummerċjali tal-impriża. Dan jista' jinkludi benefiċċji fi flus jew f'oġġetti, bħal oġġetti, rigali, u btajjel mingħajr ħlas, jew servizzi personali speċjali pprovduti għall-finijiet ta' vantaġġ mhux xieraq, jew li jistgħu jirriżultaw fi pressjoni morali sabiex jiġi riċevut vantaġġ bħal dan.
Sostituti kredibbli	Individwi b'esperjenza profonda biżżejjed fl-involviment tal-***partijiet ikkonċernati*** affettwati minn reġjun jew minn kuntest partikolari (pereżempju, ħaddiema nisa fil-farms, ***popli indiġeni*** jew ħaddiema migranti) li jistgħu jgħinu sabiex iwasslu b'mod effettiv it-tħassib probabbli tagħhom. Fil-prattika, dawn jistgħu jinkludu NGOs tal-iżvilupp u tad-drittijiet tal-bniedem, trade unions internazzjonali u soċjetà ċivili lokali, inklużi organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-fidi.
Materja prima kritika	***Il-materja prima kritika*** hija materja li għandha importanza ekonomika kbira u hija soġġetta għal ***riskju*** tal-provvista, minħabba fatturi bħall-konċentrazzjoni ġeografika, limitazzjonijiet ekonomiċi jew ġeopolitiċi, rati baxxi tal-input tar-riċiklaġġ fi tmiem il-ħajja jew diffikultajiet fis-sostituzzjoni. Il-materja prima kritika hija dik elenkata fl-Anness II, it-Taqsima 1 fl-Atti dwar il-Materja Prima Kritika (2023).
Effett finanzjarju attwali	***L-effetti finanzjarji*** għall-perjodu ta' rapportar attwali li huma rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji primarji.
Ingranaġġ tad-dekarbonizzazzjoni	Tipi aggregati ta' ***azzjonijiet*** ta' mitigazzjoni bħall-effiċjenza enerġetika, l-elettrifikazzjoni, il-bdil tal-fjuwil, l-użu tal-***enerġija rinnovabbli***, it-tibdil tal-***prodotti***, u d-dekarbonizzazzjoni tal-***katina tal-provvista*** li jaqblu mal-azzjonijiet speċifiċi tal-impriżi.
Dipendenza	Is-sitwazzjoni ta' impriża li tkun dipendenti fuq riżorsi naturali, umani u/jew soċjali għall-proċessi tan-negozju tagħha. Id-***dipendenzi*** jistgħu jkunu sorsi ta' ***riskji*** jew ***opportunitajiet***, irrispettivament mill-***impatti potenzjali*** fuq ir-riżorsi naturali, umani u soċjali li wieħed jiddependi fuqhom.
Deżertifikazzjoni	Id-***Id-degradazzjoni tal-art*** f'żoni niexfa, semi-aridi u xotti subumdi li tirriżulta minn diversi fatturi, inklużi varjazzjonijiet klimatiċi u attivitajiet tal-bniedem. ***Id-deżertifikazzjoni*** ma tirreferix għall-espansjoni naturali tad-deżerti eżistenti.
Rata ta' riċiklabbiltà ddisinjata	Indikatur li jkejjel is-sehem ***tal-ħruġ tar-riżorsi*** li huwa ddisinjat u mmanifatturat b'tali mod li jkun jista' jiġi pproċessat f'materjal riċiklat. ***Ir-rata ta' riċiklabbiltà ddisinjata*** tista' tintwera, pereżempju, bl-użu ta' materjali li huma kompletament riċiklabbli bi skemi ta' ***riċiklaġġ*** eżistenti, l-għażla ta' inqas tipi ta' materjali u żieda fl-omoġeneità

Terminu definit	*Definizzjoni*
	tal-materjali, il-kapaċità li ***l-prodott*** jiġi żarmat jew l-adegwatezza tal-partijiet u l-materjali tal-prodott għar-riċiklaġġ f'materjali ta' kwalità għolja u l-implimentazzjoni ta' linji gwida adegwati għad-disinn għar-riċiklaġġ għat-tip ta' prodott. Ir-rata hija indikatur tar-rapportar dwar kif il-prodott u l-materjali użati jistgħu jiġu riċiklati minn skema ta' riċiklaġġ eżistenti u li l-"fażi tal-użu" ma tbiddilx b'mod sinifikanti r-riċiklabbiltà (eż. kontaminazzjoni li tipprevjeni r-riċiklaġġ).
Diskriminazzjoni	Id-***diskriminazzjoni*** tista' sseħħ direttament jew indirettament. Diskriminazzjoni diretta sseħħ meta individwu jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli meta mqabbel ma' kif persuni oħra, li jinsabu f'sitwazzjoni simili, ikunu ġew jew kienu jiġu ttrattati, u r-raġuni għal dan hija karatteristika partikolari li għandhom, li taqa' taħt "raġuni protetta". Diskriminazzjoni indiretta sseħħ meta regola li tidher newtrali tkun ta' żvantaġġ għal persuna jew għal grupp li jkollu l-istess karatteristiċi. Irid jintwera li grupp ikun żvantaġġat minn deċiżjoni meta mqabbel ma' grupp komparatur.
Materjalità doppja	***Il-materjalità doppja*** għandha żewġ dimensjonijiet: ***il-materjalità tal-impatt*** u ***l-materjalità finanzjarja***. ***Suġġett*** ta' sostenibbiltà jissodisfa l-kriterju ta' materjalità doppja jekk ikun materjali mill-perspettiva ***tal-impatt*** jew mill-perspettiva finanzjarja jew mit-tnejn li huma.
L-ixpruni tal-bidla fil-bijodiversità u l-ekosistema	Il-fatturi kollha li, direttament jew indirettament, jikkawżaw bidliet fin-natura, fl-assi antropoġeniċi, fil-kontributi tan-natura għan-nies u għal kwalità tajba tal-ħajja. L-ixprunaturi diretti tal-bidla jistgħu jkunu kemm naturali kif ukoll antropoġeniċi. Dawn għandhom ***impatti*** fiżiċi diretti (mekkaniċi, kimiċi, storbju, dawl, eċċ.) u li jaffettwaw l-imġiba fuq in-natura. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, it-tibdil fil-klima, ***it-tniġġis***, tipi differenti ta' tibdil fl-użu tal-art, ***speċijiet aljeni invażivi*** u żoonożi, u l-isfruttament dirett tal-organiżmi. ***L-ixprunaturi indiretti tat-tibdil fl-ekosistema u fil-bijodiversità*** joperaw b'mod diffuż billi jbiddlu u jinfluwenzaw l-ixprunaturi diretti kif ukoll xprunaturi indiretti oħra. Dawn jaffettwaw il-livell, id-direzzjoni jew ir-rata tas-sewwieqa diretti. L-interazzjonijiet bejn il-fatturi ewlenin indiretti u diretti joħolqu ktajjen differenti ta' relazzjoni, ta' attribuzzjoni u ta' impatti, li jistgħu jvarjaw skont it-tip, l-intensità, id-durata u d-distanza. Dawn ir-relazzjonijiet jistgħu jwasslu wkoll għal tipi differenti ta' effetti kollaterali. Il-fatturi ewlenin indiretti globali jinkludu fatturi ekonomiċi, demografiċi, ta' governanza, teknoloġiċi u kulturali. Tingħata attenzjoni speċjali, fost fatturi indiretti, lir-rwol tal-istituzzjonijiet (kemm formali kif ukoll informali) u lill-impatti tax-xejriet tal-produzzjoni, il-provvista u l-konsum fuq in-natura, il-kontribuzzjonijiet tan-natura lin-nies u l-kwalità tajba tal-ħajja.
Durabbiltà	Il-kapaċità ta' ***prodott***, komponent jew materjal li jibqa' funzjonali u rilevanti f'kundizzjonijiet speċifikati ta' użu, manutenzjoni u tiswija, sa tmiem il-ħajja teknika tiegħu. ***Id-durabbiltà*** spiss tirreferi għall-kapaċità fiżika ta' prodott li jirreżisti t-tkagħbir bl-użu, il-ħsara jew id-degradazzjoni, iżda tista' tinkludi wkoll id-durabbiltà teknoloġika, pereżempju l-kapaċità li jibqa' effettiv permezz ta' aġġornamenti tas-software.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Rekwiżiti tal-ekodisinn	Rekwiżiti ta' prestazzjoni jew informazzjoni mmirati biex jagħmlu ***prodott***, inklużi l-proċessi li jseħħu tul ***il-katina tal-valur*** tal-prodott, aktar ambjentalment sostenibbli. Ir-rekwiżiti jinkludu: (a) it-titjib tad-***durabbiltà***, tal-kapaċità tal-użu mill-ġdid, tal-aġġornabbiltàt-titjib fil-kwalità u tat-tiswija tal-prodotti; (b) it-titjib tal-possibbiltà ta' manutenzjoni u rinnovazzjoni tal-prodott; (c) il-prodotti jsiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi; (d) l-indirizzar tal-preżenza ta' ***sustanzi*** li jimpedixxu ***ċ-ċirkolarità***; (e) iż-żieda fil-kontenut riċiklat; (f) li l-prodotti jsiru aktar faċli biex jiġu manifatturati mill-ġdid u riċiklati; (g) l-istabbiliment ta' regoli dwar l-impronti tal-karbonju u ambjentali; (h) il-limitar tal-ġenerazzjoni ***tal-iskart***; kif ukoll (i) it-titjib tad-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tal-prodotti. Il-lista kompluta tinsab fir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
Limitu ekoloġiku	Il-punt li fih bidla relattivament żgħira fil-kundizzjonijiet esterni tikkawża bidla rapida f'***ekosistema***. Meta jinqabeż ***limitu ekoloġiku***, l-ekosistema tista' ma tkunx tista' terġa' lura għall-istat ta' ekwilibru preċedenti tagħha permezz tar-reżiljenza inerenti tagħha.
Ekosistema	Kumpless dinamiku ta' komunitajiet ta' pjanti, ta' annimali u ta' mikroorganiżmi u tal-ambjent abijotiku tagħhom li jinteraġixxu bħala unità funzjonali. Tipoloġija ta' ***ekosistemi*** hija pprovduta mit-Tipoloġija Globali tal-Ekosistema tal-IUCN 2.0.
Servizz tal-ekosistema	Tirreferi għall-kontributi tal-***ekosistemi*** għall-benefiċċji li jintużaw f'attività ekonomika u f'attività umana oħra, speċjalment il-benefiċċji li n-nies jiksbu mill-ekosistemi. Fil-valutazzjoni tal-Ekosistema għall-Millenju, ***is-servizzi tal-ekosistema*** jinqasmu f'appoġġ, f'regolamentazzjoni, fi proviżjonament u f'kulturali. Il-klassifikazzjoni Internazzjonali Komuni tas-Servizzi Ekosistemiċi tikklassifika wkoll it-tipi ta' servizzi tal-ekosistemi.
Emissjoni	Ir-rilaxx dirett jew indirett ta' ***sustanzi***, vibrazzjonijiet, sħana jew storbju minn sorsi diffużi fl-arja, fl-ilma jew fil-***ħamrija*** (id-Direttiva (UE) 2024/1785).
Impjegat	Individwu li jkun f'relazzjoni ta' impjieg mal-impriża skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.
L-utent finali	L-individwi li fl-aħħar mill-aħħar jużaw jew li huma maħsubin li fl-aħħar mill-aħħar jużaw ***prodott*** jew servizz partikolari.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Aċċident ambjentali	Okkorrenza mhux mistennija, bħal ***emissjoni*** maġġuri, nar, jew splużjoni, li tirriżulta minn żviluppi mhux ikkontrollati matul it-tħaddim, li twassal għal ***impatti*** negattivi potenzjali jew reali fuq is-saħħa jew l-ambjent.
Trattament ugwali	Il-prinċipju ta' ***trattament ugwali*** huwa prinċipju ġenerali tad-dritt Ewropew li jippresupponi li sitwazzjonijiet komparabbli jew partijiet f'sitwazzjonijiet komparabbli jiġu ttrattati bl-istess mod. Fil-kuntest tal-ESRS S1 *Forza tax-xogħol Proprja*, it-terminu "trattament ugwali" jirreferi wkoll għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, li skontu ma għandu jkun hemm l-ebda ***diskriminazzjoni*** diretta jew indiretta bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.
Il-firxa tal-ekosistema terrestri, tal-ilma ħelu u tal-baħar / Estent tal-ekosistema	Id-daqs ta' assi tal-***ekosistema***, filwaqt li assi tal-ekosistema huwa l-ispazju kontigwu ta' tip speċifiku ta' ekosistema kkaratterizzat minn sett distint ta' komponenti bijotiċi u abijotiċi u l-interazzjonijiet tagħhom.
Liv relatat mal-familja	***Il-liv relatat mal-familja*** jinkludi l-liv tal-maternità, il-liv tal-paternità, il-liv tal-ġenituri, u l-liv tal-persuni li jindukraw li huwa disponibbli skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi. Għall-fini tal-ESRS, dawn il-kunċetti huma definiti bħala: (a) liv tal-maternità (imsejjaħ ukoll liv għat-tqala): liv ta' assenza protett mill-impjieg għal nisa impjegati direttament madwar iż-żmien tal-ħlas (jew, f'xi pajjiżi, l-adozzjoni); (b) liv tal-paternità: liv mix-xogħol għall-missirijiet jew, meta u sa fejn ikun rikonoxxut mid-dritt nazzjonali, għat-tieni ġenituri ekwivalenti, fl-okkażjoni tat-twelid jew adozzjoni ta' wild għall-finijiet ta' indukrar; (c) liv tal-ġenituri: liv mix-xogħol għall-ġenituri minħabba t-twelid jew l-adozzjoni ta' wild biex jieħdu ħsieb dak il-wild, kif definit minn kull Stat Membru; kif ukoll (d) liv mix-xogħol tal-persuni li jindukraw: liv għall-ħaddiema sabiex jipprovdu kura personali jew appoġġ lil qarib, jew lil persuna li tgħix fl-istess unità domestika, li teħtieġ kura jew appoġġ sinifikanti għal raġuni medika serja, kif definita minn kull Stat Membru.
Effetti finanzjarji	L-effetti mir-***riskji*** u ***l-opportunitajiet*** li jaffettwaw il-pożizzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni finanzjarja u l-flussi tal-flus tal-impriża fuq terminu qasir, medju jew twil.
Materjalità finanzjarja	***Kwistjoni*** ta' sostenibbiltà hija materjali minn perspettiva finanzjarja jekk tiġġenera ***riskji*** jew ***opportunitajiet*** li jaffettwaw (jew jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li

Terminu definit	*Definizzjoni*
	jaffettwaw) il-pożizzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni finanzjarja, il-flussi tal-flus, l-aċċess għall-finanzjament jew il-kost tal-kapital tal-impriża fuq terminu qasir, medju jew twil.
Xogħol furzat	Kull xogħol jew servizz li jitwettaq minn kwalunkwe persuna taħt it-theddida ta' xi penali u li l-persuna msemmija ma tkunx offriet li tagħmlu hija stess minn jeddha. It-terminu jinkludi s-sitwazzjonijiet kollha li fihom il-persuni jiġu mġegħlin bi kwalunkwe mezz sabiex jagħmlu xogħol u jinkludi kemm prattiki tradizzjonali "simili għall-iskjavitù" kif ukoll forom kontemporanji ta' koerċizzjoni li fihom ikun involut l-isfruttament ta' ħaddiema, li jistgħu jinkludu t-traffikar tal-bnedmin u l-iskjavitù moderna.
Formulatur	Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tikkombina ***sustanzi*** f'taħlitiet, li spiss tqegħedhom fis-suq taħt it-tikketta tal-marka tagħha stess. Din id-definizzjoni tapplika biss għal entitajiet li joperaw fl-industrija kimika.
Fjuwils fossili	Sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli bbażati fuq il-karbonju bħall-fjuwils solidi, il-gass naturali u ż-żejt.
Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat (FPIC)	Manifestazzjoni tad-dritt tal-***popli indiġeni*** li jiddeterminaw huma stess il-prijoritajiet politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali tagħhom. Dan jikkostitwixxi tliet drittijiet interrelatati u kumulattivi tal-popli indiġeni: id-dritt li wieħed jiġi kkonsultat, id-dritt ta' parteċipazzjoni, u d-dritt għall-artijiet, it-territorji u r-riżorsi tagħhom. ***Il-FPIC*** jappartjeni għall-popli indiġeni u huwa rikonoxxut skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni.
Ilma ħelu	***L-ilma ta' taħt l-art*** u ***l-ilma tal-wiċċ*** b'salinità annwali medja ta' < 0,5 ‰ (il-limitu msemmi fl-Anness II tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)).
Rekwiżiti Ġenerali ta' Divulgazzjoni (GDR)	***Rekwiżit Minimu ta' Divulgazzjoni*** jistabbilixxi l-kontenut meħtieġ tal-informazzjoni li l-impriża tinkludi meta tirrapporta dwar ***politiki***, ***sanzjonijiet***, ***metriki*** jew ***miri*** kif deskritt fl-ESRS 2 *Divulgazzjonijiet Ġenerali*, jew skont Rekwiżit ta' Divulgazzjoni fl-ESRS jew fuq bażi speċifika għall-entità. L-abbrevjazzjoni tagħha hija l-GDR.
Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra	Żieda fl-Ambiti 1, 2, 3 jew ***l-emissjonijiet ta' gassijiet serra*** tal-impriża fi tmiem il-perjodu ta' rapportar, meta mqabbla mal-***emissjonijiet*** fis-sena bażi. It-tnaqqis tal-emissjonijiet jista' jirriżulta minn, fost l-oħrajn, l-effiċjenza enerġetika, l-elettrifikazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni tal-***fornituri***, id-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita tal-elettriku, l-iżvilupp ta' ***prodotti*** sostenibbli jew il-bidliet fil-konfini jew fl-attivitajiet tar-rapportar (eż. l-esternalizzazzjoni, il-kapaċitajiet imnaqqsa), dment li dawn jinkisbu fl-operazzjonijiet tal-impriża stess u fil-***katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha. L-assorbimenti u l-emissjonijiet evitati ma jingħaddux bħala tnaqqis tal-emissjonijiet.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Assorbiment u ħżin ta' gassijiet serra	L-assorbimenti (antropoġeniċi) jirreferu għall-irtirar tal-***gassijiet serra*** mill-atmosfera bħala riżultat ta' attivitajiet intenzjonati tal-bniedem. Dawn jinkludu t-titjib ta' bjar bijoloġiċi antropoġeniċi tas-CO_2 u l-użu tal-inġinerija kimika biex jinkisbu t-tneħħija u l-ħżin fit-tul. Il-ġbir u l-ħżin tal-karbonju minn sorsi industrijali u relatati mal-enerġija, li waħedhom ma jneħħux is-CO_2 mill-atmosfera, jistgħu jneħħu s-CO_2 atmosferiku jekk jiġu kkombinati mal-produzzjoni tal-bijoenerġija (Bijoenerġija bil-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju). L-assorbimenti jistgħu jkunu soġġetti għal treġġigħ lura, li huma kwalunkwe moviment ta' gassijiet serra maħżuna barra mill-ħżin maħsub li jerġgħu jidħlu fl-atmosfera. Pereżempju, jekk foresta li tkun tkabbret biex jitneħħa ammont speċifiku ta' CO2 tkun soġġetta għal nirien fil-foresti, l-***emissjonijiet*** maqbuda fis-siġar jitreġġgħu lura.
Ġeografiji	***Il-ġeografiji*** jew il-kuntesti ġeografiċi jistgħu jiġu analizzati f'livelli differenti, eż. pajjiż, reġju, kontea, baċir tal-ilma, ***ekosistema*** jew ***sit***, skont ir-rilevanza tagħhom għall-valutazzjoni tal-***materjalità***.
Ftehim Qafas Globali (GFA)	***Il-Ftehimiet Qafas Globali (GFAs***) iservu sabiex tiġi stabbilita relazzjoni kontinwa bejn intrapriża multinazzjonali u Federazzjoni tal-Unjoni Globali sabiex jiġi żgurat li l-impriża taderixxi mal-istess standards f'kull pajjiż li topera fih.
Potenzjal ta' tisħin globali (GWP)	Fattur li jiddeskrivi l-impatt ta' forza radjattiva (grad ta' ħsara lill-atmosfera) ta' unità waħda ta' ***gass serra*** partikolari meta mqabbel ma' unità waħda ta' ***CO_2***.
Gassijiet Serra (GHGs)	Il-gassijiet elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn jinkludu d-diossidu tal-karbonju (CO_2), il-Metan (CH_4), l-Ossidu Nitruż (N_2O), l-eżafluworur tal-kubrit (SF_6), it-trifluworur tan-nitroġenu (NF_3), l-Idrofluworokarburi (HFCs), il-Perfluworokarburi (PFCs).
Mekkaniżmu ta' lmentar	Kwalunkwe proċess ta' rutina, ibbażat fuq l-istat jew mhux ibbażat fuq l-Istat, ġudizzjarju jew mhux ġudizzjarju li permezz tiegħu l-***partijiet ikkonċernati*** jistgħu jqajmu lmenti u jfittxu ***rimedju***. Eżempji ta' ***mekkaniżmi ta' lmentar*** ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji ibbażati fuq l-Istat jinkludu qrati, tribunali industrijali, istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, Punti ta' Kuntatt Nazzjonali skont il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, l-uffiċċji tal-ombudsperson, l-aġenziji għall-protezzjoni ***tal-konsumatur***, il-korpi regolatorji ta' sorveljanza, u l-uffiċċji tal-ilmenti mmexxijin mill-gvern. Il-mekkaniżmi ta' lmentar mhux ibbażati fuq l-Istat jinkludu dawk amministrati mill-impriża, jew waħedha jew flimkien ma' partijiet ikkonċernati, bħal mekkaniżmi ta' lmentar fil-livell operazzjonali u ***n-negozjar kollettiv***, inklużi l-mekkaniżmi stabbiliti min-negozjar kollettiv. Dawn jinkludu wkoll mekkaniżmi amministrati minn assoċjazzjonijiet tal-industrija, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jew minn gruppi b'diversi partijiet ikkonċernati. Il-mekkaniżmi ta' lmentar fil-livell operazzjonali huma amministrati mill-impriża waħedha jew inkella f'kollaborazzjoni ma' partijiet oħrajn u huma direttament

Terminu definit	*Definizzjoni*
	aċċessibbli mill-partijiet ikkonċernati tal-impriża. Jippermettu li l-ilmenti jiġu identifikati u indirizzati kmieni u direttament, u b'hekk jipprevjenu kemm il-ħsara kif ukoll l-ilmenti milli jikbru. Huma jipprovdu wkoll feedback importanti dwar l-effettività tad-diliġenza dovuta tal-impriża minn dawk li huma affettwati direttament. Skont il-Prinċipju Gwida 31 tan-NU, mekkaniżmi ta' lmentar effettivi huma leġittimi, aċċessibbli, prevedibbli, ekwi, trasparenti, kompatibbli mad-drittijiet, u sors ta' apprendiment kontinwu. Minbarra dawn il-kriterji, mekkaniżmi ta' lmentar effettivi fil-livell operazzjonali huma bbażati wkoll fuq l-involviment u fuq id-djalogu. Jista' jkun aktar diffiċli għall-impriża li tivvaluta l-effettività tal-mekkaniżmi ta' lmentar li hija tipparteċipa fihom meta mqabbla ma' dawk li tkun stabbiliet hija stess.
Ilma ta' taħt l-art	L-ilma kollu li huwa taħt il-wiċċ tal-art fiż-żona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett mal-art jew mas-sottoswol. Definit ukoll bħala ilma, li qed jinżamm f'formazzjoni taħt l-art u li jista' jiġi rkuprat minnha.
Fastidju	Sitwazzjoni "fejn imġiba mhux mixtieqa relatata ma' raġuni protetta ta' ***diskriminazzjoni*** (pereżempju, ġeneru skont id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE) isseħħ bl-għan jew bl-effett li tikser id-dinjità ta' persuna, u li toħloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.
Skart perikoluż	***L-iskart*** li juri waħda jew aktar mill-proprjetajiet perikoluży elenkati fl-Anness III tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (2008/98/KE).
Setturi b'impatt klimatiku għoli	Is-setturi li huma elenkati fit-Taqsimiet A sa H u fit-Taqsima L tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (kif definit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288.
Inċident relatat mad-drittijiet tal-bniedem	***L-inċidenti tad-drittijiet tal-bniedem*** huma dawk relatati man-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment kif definiti fl-Artikolu 29b(2)(b)(iii) tad-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità). Dawn l-inċidenti huma mifhuma bħala l-għadd ta' każijiet sostanzjati rreġistrati mill-impriża ta': (a) proċedimenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji (bħal kawżi quddiem il-qrati u t-tribunali domestiċi, medjazzjoni, ilmenti ppreżentati lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD); kif ukoll (b) inċidenti oħra, inklużi dawk li hija identifikat permezz tal-proċessi interni tagħha.
Impatt	Irreferi għad-definizzjoni ta' ***impatt relatat mas-sostenibbiltà***.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Materjalità tal-impatt	***Suġġett*** ta' sostenibbiltà tkun materjali minn perspettiva tal-***impatt*** meta tirrigwarda l-impatti materjali attwali jew potenzjali, pożittivi jew negattivi tal-impriża fuq in-nies jew fuq l-ambjent fuq terminu qasir, medju u fit-tul. Suġġett ta' sostenibbiltà materjali minn perspettiva tal-impatt tinkludi impatti marbuta mal-operazzjonijiet tal-impriża stess u l-***katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha, inkluż permezz tal-***prodotti*** u s-servizzi tagħha, kif ukoll permezz tar-***relazzjonijiet kummerċjali*** tagħha.
Importatur	Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li hija responsabbli għall-importazzjoni (jiġifieri l-introduzzjoni fiżika fit-territorju doganali). L-importazzjoni ta' ***sustanzi*** waħedhom jew f'taħlitiet tinkludi d-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' sustanzi kimiċi, skont il-kodiċi G46.85 (Rev.2.1) tan-NACE.
Imprattikabbli	L-applikazzjoni ta' rekwiżit mhijiex prattika meta impriża ma tkunx tista' tapplikah wara li tkun għamlet kull sforz raġonevoli biex tagħmel dan. Pereżempju, jista' jkun li d-data ma tkunx inġabret fil-perjodu preċedenti b'mod li jippermetti l-applikazzjoni retrospettiva ta' definizzjoni ġdida ta' ***metrika*** u jista' ***ma jkunx prattikabbli*** li d-data terġa' tinħoloq.
Inċident ta' diskriminazzjoni	***L-inċidenti ta' diskriminazzjoni*** huma dawk li għandhom x'jaqsmu ***mad-diskriminazzjoni***. Dawn l-inċidenti huma mifhuma bħala l-għadd ta' każijiet sostanzjati rreġistrati mill-impriża ta': (a) proċedimenti ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji (bħal kawżi quddiem il-qrati u t-tribunali domestiċi, medjazzjoni, ilmenti ppreżentati lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD); kif ukoll (b) inċidenti oħra, inklużi dawk li hija identifikat permezz tal-proċessi interni tagħha.
Membru tal-bord indipendenti	Membri tal-bord li jeżerċitaw ġudizzju indipendenti ħieles minn kwalunkwe influwenza esterna jew kunflitt ta' interess. L-indipendenza ġeneralment tfisser l-eżerċizzju ta' ġudizzju oġġettiv u bla xkiel. Meta jintuża bħala l-kejl li bih tiġi ġġudikata d-dehra ta' indipendenza, jew biex jiġi kkategorizzat membru mhux eżekuttiv tal-***korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji*** jew tal-kumitati tagħhom bħala indipendenti, dan ifisser in-nuqqas ta' interess, pożizzjoni, assoċjazzjoni jew relazzjoni li, meta ġġudikata mill-perspettiva ta' parti terza raġonevoli u infurmata, x'aktarx tinfluwenza b'mod mhux xieraq jew tikkawża preġudizzju fit-teħid tad-deċiżjonijiet.
Popli indiġeni	Ma hemm l-ebda definizzjoni unika għall-***popli indiġeni*** maqbula fil-livell internazzjonali. Fil-prattika, hemm konverġenza fost l-aġenziji internazzjonali dwar liema gruppi jistgħu jitqiesu bħala popli indiġeni u jenħtieġ li jgawdu minn protezzjoni speċjali bħala tali. Kriterju importanti għad-definizzjoni tal-popli indiġeni huwa relatat mal-konnessjoni tagħhom ma' żona tradizzjonali, kif definita fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Nru 169 tal-ILO, li jiddikjara li l-konvenzjoni tapplika għal: *"(a) popli tribali f'pajjiżi indipendenti li l-kundizzjonijiet soċjali, kulturali u ekonomiċi tagħhom jiddistingwuhom minn taqsimiet oħra tal-komunità nazzjonali, u li l-istatus tagħhom huwa rregolat kompletament jew parzjalment mid-drawwiet jew it-tradizzjonijiet*

Terminu definit	*Definizzjoni*
	*tagħhom stess jew minn liġijiet jew regolamenti speċjali; (b) popli f'pajjiżi indipendenti li huma meqjusa bħala indiġeni minħabba d-dixxendenza tagħhom mill-popolazzjonijiet li kienu jgħixu fil-pajjiż, jew reġjun ġeografiku li għalih jappartjeni l-pajjiż, fiż-żmien tal-konkwista jew il-kolonizzazzjoni jew l-istabbiliment tal-konfini attwali tal-istat u li, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom, iżommu xi wħud mill-istituzzjonijiet **soċjali**, ekonomiċi, kulturali u politiċi tagħhom jew kollha kemm huma*". Il-Konvenzjoni 169 tal-ILO tiddikjara wkoll fl-Artikolu 1(2) li: *"l-identifikazzjoni bħala indiġena jew tribali għandha titqies bħala kriterju fundamentali għad-determinazzjoni tal-gruppi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni".*
Emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra	***L-emissjonijiet tal-gassijiet serra*** li huma konsegwenza tal-attivitajiet ta' entità iżda li jseħħu f'sorsi li huma proprjetà ta' entità oħra jew li huma kkontrollati minnha. L-emissjonijiet indiretti huma ***l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Ambitu 2*** u ***l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Ambitu 3***.
Skema interna tal-ipprezzar tal-karbonju	Arranġament organizzazzjonali li jippermetti lill-impriża tapplika l-prezzijiet tal-karbonju fit-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u operazzjonali. Il-prezz intern tal-karbonju huwa l-prezz użat minn impriża biex tivvaluta l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-bidliet fl-investiment, fil-produzzjoni u fix-xejriet tal-konsum, u tal-progress teknoloġiku potenzjali u tal-kostijiet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-ġejjieni. Hemm żewġ tipi ta' prezzijiet interni tal-karbonju użati b'mod komuni mill-impriżi. L-ewwel tip huwa prezz parallel, li huwa kost teoretiku jew ammont nozzjonali li l-impriża ma titlobx iżda li jista' jintuża fil-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet ekonomiċi jew tal-kompromessi għal affarijiet bħall-impatti fuq ir-riskju, investimenti ġodda, il-valur preżenti nett tal-proġetti, u l-kostijiet-benefiċċji ta' diversi inizjattivi. It-tieni tip huwa taxxa jew tariffa interna, li hija prezz tal-karbonju impost fuq attività kummerċjali, linja ta' ***prodott*** , jew unità operatorja oħra abbażi tal-***emissjonijiet ta' gassijiet serra*** tagħha (dawn it-taxxi jew it-tariffi interni huma simili għall-ipprezzar ta' trasferiment fi ħdan kumpanija).
Speċijiet invażivi / Speċijiet aljeni invażivi	L-ispeċijiet li l-introduzzjoni u/jew it-tixrid tagħhom permezz ta' azzjoni tal-bniedem barra mid-distribuzzjoni naturali tagħhom jhedded ***id-diversità bijoloġika***, is-sigurtà tal-ikel, u s-saħħa u l-benessri tal-bniedem. "Aljena" tirreferi għall-ispeċi li ġiet introdotta barra mid-distribuzzjoni naturali tagħha ("eżotika", "mhux nattiva" u "mhux indiġena" huma sinonimi għal "aljena"). "Invażiva" tfisser "li għandha tendenza li tespandi fl-***ekosistemi*** u timmodifika l-ekosistemi li fihom ġiet introdotta". Għalhekk, speċi tista' tkun aljena mingħajr ma tkun invażiva, jew, fil-każ ta' speċi indiġena għal reġjun, tista' tiżdied fl-abbundanza u ssir invażiva, mingħajr ma fil-fatt tkun speċi aljena.
Żona Ewlenija tal-Bijodiversità (KBA)	***Sites*** li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-persistenza globali tal-***bijodiversità*** f'***ekosistemi*** terrestri, tal-***ilma ħelu*** u tal-baħar. Is-siti jikkwalifikaw bħala ***KBAs*** globali jekk jissodisfaw kriterju wieħed jew aktar minn 11, miġbura f'ħames kategoriji: bijodiversità mhedda; bijodiversità ġeografikament ristretta; ***integrità ekoloġika***; proċessi bijoloġiċi; u l-insostitwibbiltà. Il-Bażi tad-Data Dinjija ta' KBAs hija ġestita minn BirdLife International f'isem is-Sħubija tal-KBA.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Materjal prinċipali	Materjali, ***sustanzi***, komponenti jew ***prodotti*** li huma essenzjali għall-kapaċità tal-impriża li timmanifattura jew twassal il-prodotti jew is-servizzi tagħha, identifikati permezz ta' valutazzjoni maniġerjali li tqis: (a) fatturi interni, bħall-volum, il-kost, il-kritikalità operazzjonali, jew l-importanza strateġika; kif ukoll (b) fatturi esterni, inklużi ***l-impatti*** ambjentali u soċjali bħall-aspettattivi ***tal-partijiet ikkonċernati***, id-domandi regolatorji jew ir-rilevanza għar-reputazzjoni. Eżempji jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, siliċju (materjali), elettroliti (sustanzi), mikrokapaċitaturi (komponenti) u smartphones (prodotti).
Prodott ewlieni	***Prodotti*** li huma ċentrali għall-ħolqien tal-valur jew għall-objettivi strateġiċi tal-impriża, identifikati permezz ta' valutazzjoni maniġerjali li tqis: (a) fatturi interni, bħall-kontribuzzjoni għad-dħul, il-profittabbiltà, l-innovazzjoni, jew il-kontinwità operazzjonali; jew (b) fatturi esterni, inklużi ***impatti*** ambjentali jew soċjali bħal perċezzjonijiet ***tal-partijiet ikkonċernati***, domandi regolatorji jew sinifikanza reputazzjonali.
Degradazzjoni tal-art	***Id-degradazzjoni tal-art*** tirreferi għall-ħafna proċessi li jixprunaw it-tnaqqis jew it-telf fil-***bijodiversità***, il-funzjonijiet tal-***ekosistema*** jew il-benefiċċji tagħhom għan-nies u tinkludi d-degradazzjoni tal-ekosistemi terrestri kollha.
Miżbla	***Sit*** għar-rimi ***tal-iskart*** għad-depożitu tal-iskart fuq jew fl-art (ara d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma).
(Bidla fl-) użu tal-art	L-użu mill-bniedem ta' żona speċifika għal ċertu skop (bħal residenzjali; l-agrikoltura; rikreazzjoni; industrijali, eċċ.). Influwenzat minn, iżda mhux sinonimu ma', kopertura tal-art. ***It-tibdil fl-użu tal-art*** jirreferi għal bidla fl-użu jew fil-ġestjoni tal-art mill-bnedmin, li tista' twassal għal bidla fil-kopertura tal-art.
Rappreżentanti leġittimi	Individwi rikonoxxuti bħala leġittimi skont il-liġi jew il-prattika, bħal rappreżentanti eletti tat-trade unions fil-każ ta' ħaddiema, jew rappreżentanti oħrajn magħżulin b'mod liberu mill-***partijiet ikkonċernati*** affettwati.
Effett ta' lieva	Il-kapaċità tal-impriża li twettaq bidla fil-prattiki ħżiena ta' parti oħra li jkunu marbuta ma' ***impatt*** negattiv ***relatat mas-sostenibbiltà***.
Attività ta' lobbjar	Attivitajiet imwettqin bl-objettiv li jinfluwenzaw il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-***politika*** jew tal-leġiżlazzjoni, jew il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-gvernijiet, tal-istituzzjonijiet governattivi, tar-regolaturi, tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, tal-korpi, uffiċċji u aġenziji jew ta' dawk li jistabbilixxu l-istandards. Tali attivitajiet jinkludu (lista mhux eżawrjenti):

Terminu definit	*Definizzjoni*
	(a) l-organizzazzjoni jew il-parteċipazzjoni f'laqgħat, f'konferenzi, f'eventi; (b) il-kontribut għal konsultazzjonijiet, għal seduti ta' smigħ jew għal inizjattivi simili oħrajn jew il-parteċipazzjoni fihom; (c) l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' komunikazzjoni, pjattaformi, networks jew inizjattivi fil-livell lokali; kif ukoll (d) it-tħejjija/l-ikkummissjonar ta' dokumenti ta' politika u ta' pożizzjoni, stħarriġ tal-opinjoni pubblika, stħarriġ, ittri miftuħa, xogħol ta' riċerka skont l-attivitajiet koperti mir-regoli tar-reġistru ta' trasparenza.
Emissjonijiet ta' gassijiet serra impenjati	Stimi tal-***emissjonijiet ta' gassijiet serra*** futuri i x'aktarx jiġu kkawżati mill-assi jew mill-***prodotti*** ewlenin ta' impriża mibjugħa matul il-ħajja operattiva tagħhom.
Manifattur ta' oġġetti	Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel jew timmonta ***oġġett*** (ara r-Regolament (KE) Nru 1907/2006).
Manifattur ta' sustanzi	Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura ***sustanzi*** (jiġifieri li tipproduċi jew testratta sustanzi fl-istat naturali) (ara r-Regolament (KE) Nru 1907/2006).
Riżorsa tal-baħar	***Il-materjali bijoloġiċi*** u mhux bijoloġiċi li jinsabu fl-ibħra u l-oċeani. Eżempji jinkludu iżda mhumiex limitati għal minerali tal-baħar, gravels, u ***prodotti tal-ikel,*** mill-fond tal-baħar.
Materjalità	***Suġġett*** ta' sostenibbiltà ikun materjali jekk jissodisfa d-definizzjoni ta' ***materjalità tal-impatt***, ***materjalità finanzjarja***, jew it-tnejn li huma.
Metrika	L-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi li l-impriża tuża sabiex tkejjel u tirrapporta dwar l-effettività tat-twettiq tal-***politiki*** tagħha relatati mas-sostenibbiltà u mal-***miri*** tagħha maż-żmien. ***Il-metriki*** jappoġġaw ukoll il-kejl tar-riżultati tal-impriża fir-rigward tal-persuni affettwati, tal-ambjent u tal-impriża.
Mikroplastiks	Mikropartikoli ta' polimeru sistentiku li huma solidi u li jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: (a) ikunu jinsabu f'partikoli u jikkostitwixxu tal-anqas 1 % skont il-piż ta' dawk il-partikoli; jew jifformaw kisja tal-wiċċ kontinwa fuq il-partikoli; kif ukoll (b) mill-inqas 1 % bil-piż tal-partikoli msemmija fil-punt (a) jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: iii. id-dimensjonijiet kollha tal-partikoli huma ugwali jew inqas minn 5 mm; jew

Terminu definit	*Definizzjoni*
	iv. it-tul tal-partikoli jkun ugwali għal 15-il mm jew anqas u l-proporzjon tagħhom tat-tul u d-dijametru jkun akbar minn 3. Il-polimeri li ġejjin huma esklużi minn din id-dežinjazzjoni: (a) il-polimeri li huma r-riżultat ta' proċess ta' polimerizzazzjoni li jkun seħħ fin-natura, indipendentement mill-proċess li permezz tiegħu jkunu ġew estratti, u li jkunu ***sustanzi*** mhux modifikati b'mod kimiku; (b) polimeri li huma degradabbli kif ippruvat f'konformità mal-Appendiċi 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055 dwar Mikropartikoli ta' Polimeri Sintetiċi; (c) il-polimeri li għandhom solubbiltà akbar minn 2 g/L kif verifikat f'konformità mal-Appendiċi 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055; kif ukoll (d) il-polimeri li ma fihomx atomi tal-karbonju fl-istruttura kimika tagħhom. Jekk jogħġbok irreferi għar-Regolament (UE) 2023/2055 għal lista ta' derogi. ***Il-mikroplastiks*** tipikament jiġu kkategorizzati f'tipi primarji u sekondarji. Il-mikroplastiks primarji jiġu prodotti u miżjuda intenzjonalment ***mal-prodotti*** (eż. mikrożibeġ, glitter jew stabbilizzaturi fil-kożmetiċi), li jirriżultaw f'rilaxx dirett fl-ambjent matul il-fażi tal-użu tal-prodott jew fi tmiem il-ħajja tiegħu. Il-mikroplastiks sekondarji jirriżultaw mid-degradazzjoni ta' biċċiet akbar tal-plastik (eż. ***skart*** tal-plastik, ***bħall-imballaġġ*** jew ix-xbieki tas-sajd).
Soluzzjoni bbażata fuq in-natura	***L-azzjonijiet*** għall-protezzjoni, il-konservazzjoni, ir-restawr, l-użu sostenibbli u l-ġestjoni tal-***ekosistemi*** naturali jew modifikati terrestri, ***tal-ilma ħelu***, kostali u tal-baħar li jindirizzaw l-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali b'mod effettiv u adattiv, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu l-benessri tal-bniedem, ***is-servizzi tal-ekosistema***, ir-reżiljenza u l-benefiċċji ***tal-bijodiversità***.
Mira ta' emissjonijiet żero netti	L-istabbiliment ta' ***mira ta' emissjonijiet żero netti*** fil-livell ta' impriża allinjata mal-ilħuq tal-għanijiet klimatiċi tas-soċjetà jfisser: (a) il-kisba ta' skala ta' ***emissjonijiet fil-katina tal-valur*** konsistenti mat-tnaqqis meħtieġ biex jintlaħaq livell globali ta' emissjonijiet netti żero f'perkorsi ta' 1,5 °C; u kif ukoll (b) in-newtralizzazzjoni tal-***impatt*** ta' kwalunkwe emissjoni residwa (wara ***tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra*** ta' madwar 90-95% bil-possibbiltà għal varjazzjonijiet settorjali ġustifikati f'konformità ma' perkors settorjali rikonoxxut) billi jitneħħa b'mod permanenti volum ekwivalenti ta' CO_2.
Mhux impjegat	***Dawk li mhumiex impjegati*** fil-***forza tax-xogħol proprja*** tal-impriża jinkludu kemm kuntratturi individwali li jfornu xogħol lill-impriża ("persuni li jaħdmu għal rashom") kif ukoll persuni pprovduti minn impriżi primarjament involuti f'"attivitajiet ta' impjieg" (Kodiċi 078 tan-NACE).

Terminu definit	*Definizzjoni*
Impjegati b'sigħat mhux garantiti	***L-impjegati b'sigħat mhux garantiti*** huma impjegati mill-impriża mingħajr garanzija ta' numru minimu jew fiss ta' sigħat tax-xogħol. ***L-impjegat*** jista' jkollu bżonn jagħmel lilu nnifsu disponibbli għax-xogħol kif meħtieġ, iżda l-impriża ma tkunx obbligata kuntrattwalment li toffri lill-impjegat numru minimu jew fiss ta' sigħat tax-xogħol kull jum, ġimgħa jew xahar. L-impjegati każwali, l-impjegati b'kuntratti ta' żero sigħat, u l-impjegati fuq talba huma eżempji li jaqgħu taħt din il-kategorija.
Enerġija mhux rinnovabbli	Enerġija li ma tistax tiġi identifikata bħala li ġejja minn sorsi ***rinnovabbli***.
Sistema maniġerjali tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali:	Sett ta' elementi interrelatati jew li jinteraġixxu biex jiġu stabbiliti ***l-politika*** u l-objettivi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, u biex jintlaħqu dawk l-objettivi.
Opportunità	Irreferi għad-definizzjoni ta' ***opportunità relatata mas-sostenibbiltà.***
Forza tax-xogħol proprja	***Impjegati*** li huma f'relazzjoni ta' impjieg mal-impriża ("impjegati") u persuni ***mhux impjegati*** li jew huma kuntratturi individwali li jfornu xogol lill-impriża ("persuni li jaħdmu għal rashom") jew persuni pprovduti minn impriżi primarjament involuti f'"attigitajiet ta' impjieg" (Kodiċi 078 tan-NACE).
Sustanzi li jnaqqsu l-ożonu	***Sustanzi*** elenkati fil-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu.
Imballaġġ	***Prodotti*** magħmula minn kwalunkwe materjal ta' kwalunkwe natura li għandu jintuża għaż-żamma, il-protezzjoni, l-immaniġġjar, il-kunsinna, il-ħżin, it-trasport u l-preżentazzjoni ta' oġġetti, minn materja prima sa oġġetti pproċessati, mill-produttur sal-utent jew ***il-konsumatur*** (ara d-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ippakkjar u ***l-iskart*** mill-imballaġġ).
Paga	***Il-paga*** jew is-salarju komuni bażiku jew minimu u kwalunkwe remunerazzjoni oħra, kemm jekk fi flus kif ukoll jekk *in natura* li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament ("komponenti komplementari jew varjabbli"), fir-rigward tal-impjieg tiegħu minn min iħaddmu. "Livell tal-***paga***" tfisser il-paga annwali grossa u l-paga grossa fis-siegħa korrispondenti. "Livell tal-paga medjana" tfisser il-paga tal-***impjegat*** li nofs l-impjegati jaqilgħu aktar minnha filwaqt li nofs jaqilgħu inqas.
Persuna b'diżabilità	Persuni li għandhom indebolimenti fiżiċi, mentali, intellettwali jew sensorji fit-tul li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jfixklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Riskju fiżiku	L-intrapriża ekonomika globali kollha tiddependi fuq il-funzjonament tas-sistemi dinjin, bħal klima stabbli u ***servizzi tal-ekosistema***, bħall-provvista tal-bijomassa (materja prima). ***Ir-riskji fiżiċi*** relatati man-natura huma riżultat dirett tad-dipendenza ta' organizzazzjoni fuq in-natura. Ir-riskji fiżiċi jinħolqu meta jiġu kompromessi s-sistemi naturali, minħabba ***l-impatt*** ta' eventi klimatiċi (eż., estremitajiet tat-temp bħal nixfa), avvenimenti ġeoloġiċi (eż. eventi sismiċi bħal terremot) jew bidliet fl-ekwilibriji tal-***ekosistema***, bħall-kwalità tal-***ħamrija*** jew l-ekoloġija tal-baħar, li jaffettwaw is-servizzi tal-ekosistema li l-organizzazzjonijiet jiddependu fuqhom. Dawn jistgħu jkunu akuti, kroniċi, jew it-tnejn. Ir-riskji fiżiċi relatati man-natura jirriżultaw bħala riżultat tal-bidliet fil-kundizzjonijiet bijotiċi (tal-għajxien) u abijotiċi (mhux tal-għajxien) li jappoġġaw ekosistemi f'saħħithom u li jiffunzjonaw. Ir-riskji fiżiċi normalment ikunu speċifiċi għall-post. Ir-riskji fiżiċi relatati man-natura spiss ikunu assoċjati ma' ***riskji fiżiċi relatati mal-klima***.
Introdotti fis-suq	Il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' parti terza, kemm jekk bi ħlas kemm jekk b'xejn; L-importazzjoni għandha titqies bħala introduzzjoni fis-suq.
Politika	Sett jew qafas ta' objettivi ġenerali u prinċipji ta' ġestjoni li l-impriża tuża għat-teħid tad-deċiżjonijiet. ***Politika*** timplimenta l-istrateġija jew id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni tal-impriża sabiex tipprevjeni, timmitiga, ittemm, timminimizza u/jew ***tirrimedja l-impatti materjali reali u potenzjali***, tindirizza **r-riskji** materjali u ssegwi ***opportunitajiet*** materjali, individwalment jew f'livell ogħla (jiġifieri gruppi minnhom jew **suġġetti** relatati). Kull politika taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' persuna/i definita/i, tispeċifika l-perimetru tal-applikazzjoni tagħha, u tinkludi objettiv wieħed jew aktar (marbut, meta applikabbli, ma' ***miri*** li jistgħu jitkejlu). Politika tiġi vvalidata u rieżaminata skont ir-regoli ta' governanza applikabbli tal-impriża. Politika tiġi implimentata permezz ta' ***azzjonijiet*** jew pjanijiet ta' azzjoni.
Is-sustanza li tniġġes	***Sustanza***, vibrazzjoni, sħana, ħoss, dawl jew kontaminant ieħor preżenti fl-arja, fl-ilma jew fil-***ħamrija*** li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, li jistgħu jirriżultaw fi ħsara għal proprjetà materjali, jew li jistgħu jgħarrqu jew ifixklu faċilitajiet u użi leġittimi oħrajn tal-ambjent (ara r-Regolament (UE) 2020/852).
Tniġġis	L-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat tal-attività tal-bniedem, ta' ***sustanzi niġġiesa*** fl-arja, fl-ilma jew fil-***ħamrija*** li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u/jew għall-ambjent, li jistgħu jirriżultaw fi ħsara għall-proprjetà materjali, jew li jistgħu jfixklu jew jinterferixxu mal-amenitajiet u ma' użi leġittimi oħrajn tal-ambjent (ara d-Direttiva (UE) 2024/1785).
Impatt potenzjali	***L-impatti potenzjali*** huma dawk li għadhom ma seħħewx iżda li jistgħu jseħħu fil-futur u jaffettwaw l-ambjent u n-nies.
Proċess li jipprovdi jew	***Il-proċessi li jipprovdu jew jikkooperaw fir-rimedju*** jirreferu għal approċċi formalizzati li permezz tagħhom l-impriża twieġeb għall-ħsarat identifikati, kemm jekk jiġu identifikati permezz ta' ***mezzi formali biex jitqajjem tħassib jew ħtiġijiet*** u kemm

Terminu definit	*Definizzjoni*
jikkoopera fir-rimedju	permezz ta' mezzi oħra. Tali proċessi tipikament jinkludu passi jew kriterji li jiġu segwiti biex jiġi żgurat li t-tħassib jew il-ħtiġijiet jiġu indirizzati b'mod adegwat u, jekk applikabbli, l-għoti jew il-kooperazzjoni fir-rimedju ***għall-impatti reali***. Il-proċessi li jipprovdu jew jikkooperaw fir-rimedju jistgħu jkunu konnessi ma' mezz wieħed jew aktar li permezz tagħhom ***il-partijiet ikkonċernati*** jkunu jistgħu jqajmu t-tħassib jew il-ħtiġijiet tagħhom.
Prodott	***Il-prodotti*** huma kwalunkwe oġġett fiżiku li ***jitqiegħed fis-suq*** jew fis-servizz.
Elettriku, sħana, fwar, jew tkessiħ mixtrija jew akkwistati	Meta l-impriża tkun irċeviet l-elettriku, is-sħana, il-fwar, jew it-tkessiħ tagħha minn parti terza. It-terminu "miksub" jirrifletti ċirkostanzi li fihom kumpanija ma tistax tixtri direttament l-elettriku (eż., inkwilin f'bini), iżda fejn l-enerġija tiddaħħal fil-faċilità tal-impriża għall-użu.
Standards ta' kwalità rikonoxxuti għall-krediti ta' karbonju	L-istandards tal-kwalità għall-***krediti tal-karbonju*** li huma verifikabbli minn partijiet terzi indipendenti, jagħmlu r-rekwiżiti u r-rapporti tal-proġetti disponibbli għall-pubbliku u bħala minimu jiżguraw l-addizzjonalità, il-permanenza, l-evitar tal-għadd doppju u jipprovdu regoli għall-kalkolu, il-monitoraġġ u l-verifika tal-***emissjonijiet*** u l-assorbimenti tal-***gassijiet serra*** tal-proġett.
Aċċident relatat max-xogħol li jista' jiġi rreġistrat	Aċċident relatat max-xogħol huwa okkorrenza diskreta matul ix-xogħol li twassal għal ħsara fiżika jew mentali. Okkorrenza bħal din tista' tiġi rreġistrata jekk tirriżulta f'mewt jew aktar minn tlett ijiem ta' assenza mix-xogħol.
Mard li jista' jiġi rreġistrat relatat max-xogħol	Każ ta' mard relatat max-xogħol huwa kwalunkwe marda kkawżata jew aggravata minn fatturi fuq il-post tax-xogħol jew ikkawżata primarjament minn esponiment fuq il-post tax-xogħol għal fattur ta' riskju fiżiku, organizzazzjonali, kimiku jew bijoloġiku jew għal taħlita ta' dawn il-fatturi. Każ bħal dan jista' jiġi rreġistrat jekk jirriżulta f'mewt jew assenza mix-xogħol.
Rkupru **(skart)**	Kwalunkwe operazzjoni li r-riżultat prinċipali tagħha huwa ***skart*** li jservi skop utli billi jissostitwixxi materjali oħra li kieku kienu jintużaw biex jissodisfaw funzjoni partikolari, jew skart li qed jiġi ppreparat biex jissodisfa dik il-funzjoni, fl-impjant jew fl-ekonomija usa' (ara d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (2008/98/KE)).
Riċiklaġġ	Kwalunkwe operazzjoni ta' ***rkupru*** li biha l-materjali tal-***iskart*** jiġu pproċessati mill-ġdid fi ***prodotti***, f'materjali jew f'***sustanzi*** għall-użu oriġinali jew għal skopijiet oħrajn. Dan jinkludi l-ipproċessar mill-ġdid ta' materjal organiku iżda ma jinkludix l-irkupru ta' enerġija, jew l-ipproċessar mill-ġdid f'materjali li għandhom jintużaw bħala fjuwils jew għal operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid (ara d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (2008/98/KE)).

Terminu definit	*Definizzjoni*
Rimedju	Ir-restawr tal-persuna jew tal-persuni, tal-komunitajiet jew tal-ambjent affettwati għal sitwazzjoni ekwivalenti jew qrib kemm jista' jkun tas-sitwazzjoni li kienu jkunu fiha li kieku ma seħħx impatt negattiv reali, inkluż permezz ta' kumpens finanzjarju jew mhux finanzjarju pprovdut mill-kumpanija lil persuna jew persuni affettwati mill-impatt negattiv reali.
L-enerġija rinnovabbli	Enerġija minn sorsi ***rinnovabbli*** mhux fossili, jiġifieri enerġija mir-riħ, solari (solari termali u solari fotovoltajka) u ġeotermali, enerġija ambjentali, marea, mewġ u enerġija oċeanika oħra, idroenerġija, bijomassa, gass ***mill-miżbla***, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ, u bijogass (l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli).
Materjal rinnovabbli	Materjali miksuba b'mod sostenibbli, ħafna drabi murija minn skemi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment, li, wara l-estrazzjoni, jirritornaw għal-livelli tal-istokkijiet preċedenti tagħhom permezz ta' proċessi ta' tkabbir naturali jew ta' riforniment b'rata konformi maċ-ċikli tal-użu. Għalhekk, dawn jerġgħu jimtlew jew jerġgħu jinġabru b'rata aktar mgħaġġla minn dik maħsuda jew estratta.
Jistgħu jissewwew	Il-kapaċità tal-***prodott*** li jiġi restawrat għal stat funzjonali permezz tad-disponibbiltà ta' spare parts matul il-ħajja kollha possibbli tiegħu, is-sempliċità taż-żarmar, u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar it-tiswija.
Influss ta' riżorsi	Materjali fiżiċi (pereż. ***sustanzi*** u ***prodotti***) li jidħlu fl-operazzjonijiet ta' impriża għall-produzzjoni, il-konsum, il-manutenzjoni, jew it-twassil ta' servizz. Dan jinkludi materja prima verġni u mhux verġni (inklużi ***riżorsi tal-baħar***, vetturi tal-enerġija użati għal skopijiet materjali), oġġetti nofshom lesti, u komponenti, irrispettivament minn jekk jinxtrawx, jintużawx mill-ġdid, jew jiġux irkuprati internament. L-ambitu ***tal-influssi tar-riżorsi*** jirrifletti wkoll id-dipendenza tal-impriża fuq ir-riżorsi naturali, l-effiċjenza fir-riżorsi u ***ċ-ċirkolarità*** tagħha.
Fluss ta' ħruġ ta' riżorsi	Materjali fiżiċi (eż. ***sustanzi*** u ***prodotti***) li jħallu l-operazzjonijiet ta' impriża bħala riżultat tal-attivitajiet tagħha, inklużi outputs bħal prodotti mibjugħa, prodotti sekondarji, ***skart***, ***emissjonijiet***, u materjali maħsuba għall-użu ***mill-ġdid***, għar-***riċiklaġġ***, jew għar-rimi.
L-użu tar-riżorsi	***L-użu tar-riżorsi*** jirreferi għall-mod kif il-materjali fiżiċi, speċifikament ***il-materjali tekniċi*** u ***l-materjali bijoloġiċi***, jinkisbu, jiġu kkunsmati, ittrasformati, użati mill-ġdid, jew jintremew mill-impriża tul l-operazzjonijiet u ***l-katina tal-valur*** tagħha. Dan jinkludi kemm: (a) ***influssi ta' riżorsi***: materjali li jidħlu fl-impriża (eż. materjali, ***sustanzi***, komponenti); kif ukoll (b) ***flussi ta' ħruġ ta' riżorsi***: materjali li jitilqu mill-impriża (eż. ***prodotti***, prodotti sekondarji, ***skart***).

Terminu definit	*Definizzjoni*
Użu mill-ġdid (skart)	Kull operazzjoni li biha l-***prodotti*** u l-komponenti li mhumiex ***skart*** jerġgħu jintużaw għall-istess skop li għalih kienu maħsuba. Dan jista' jinvolvi tindif jew aġġustamenti żgħar sabiex ikunu lesti għall-użu li jmiss mingħajr preproċessar sinifikanti.
Riskju	Irreferi għad-definizzjoni ta' ***riskju relatat mas-sostenibbiltà*.**
Xenarju	Deskrizzjoni plawżibbli ta' kif il-futur jista' jiżviluppa fuq il-bażi ta' sett ta' suppożizzjonijiet koerenti u konsistenti internament dwar il-fatturi ewlenin (eż., ir-rata tal-bidla teknoloġika, il-prezzijiet) u r-relazzjonijiet. Kun af li ***x-xenarji*** la huma previżjonijiet u lanqas tbassir iżda jintużaw sabiex jipprovdu perspettiva tal-implikazzjonijiet tal-iżviluppi u tal-***azzjonijiet***.
Analiżi tax-xenarji	Proċess għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' firxa potenzjali ta' eżiti ta' avvenimenti futuri taħt kundizzjonijiet ta' inċertezza, bl-użu ta' ***xenarji*** uniċi jew multipli.
Emissjonijiet ta' GHG taħt l-Ambitu 1	***Emissjonijiet ta' gassijiet serra*** diretti minn sorsi li huma proprjetà tal-impriża jew ikkontrollati minnha
Emissjonijiet ta' gassijiet serra taħt l-Ambitu 2	***Emissjonijiet*** indiretti mill-ġenerazzjoni tal-***elettriku, il-fwar, is-sħana jew it-tkessiħ mixtrija jew akkwistati*** kkunsmati mill-impriża.
Emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 3	L-***emissjonijiet indiretti ta' gassijiet*** kollha (mhux inklużi fl-***Ambitu 2 serra***) li jseħħu fil-***katina tal-valur*** tal-impriża ta' rapportar, inklużi kemm ***l-emissjonijiet*** upstream kif ukoll dawk downstream. ***L-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Ambitu 3*** jistgħu jinqasmu fil-***kategoriji tal-Ambitu 3***.
Kategorija tal-Ambitu 3	Wieħed mill-15-il tip ta' ***emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 3*** identifikati mill-Istandard Kontabilistiku u ta' Rapportar Korporattiv tal-Protokoll dwar il-Gassijiet Serra (2004) u spjegat fid-dettall mill-Istandard tal-Kontabbiltà u tar-Rapportar tal-Katina tal-Valur Korporattiva (l-Ambitu 3) tal-Protokoll dwar il-Gassijiet Serra (il-Verżjoni 2011). L-impriżi li jagħżlu li jqisu ***l-emissjonijiet tal-Ambitu 3*** tagħhom fuq il-bażi tal-kategoriji tal-***emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra*** tal-ISO 14064-1:2018 jistgħu jirreferu wkoll għall-kategorija definita fil-Klawżola 5.2.4 (eskluż l-emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra mill-enerġija importata) tal-ISO 14064-1:2018.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Riżorsa sekondarja	Materjali użati qabel (mhux verġni: dawk li jiġu rkuprati minn ***flussi ta' skart*** jew sorsi oħra kif ukoll materjali li jinsabu fi ***prodotti*** jew komponenti użati) u introdotti mill-ġdid fiċ-ċikli tal-produzzjoni, filwaqt li jnaqqsu d-dipendenza fuq ir-riżorsi primarji u jimminimizzaw ***l-impatti*** ambjentali. Pereżempju, materjali riċiklati kif ukoll prodotti jew komponenti użati mill-ġdid, imsewwija, rinnovati, jew manifatturati mill-ġdid.
Sit	***Is-siti*** huma postijiet fiżiċi: (a) meta impriża jew atturi ***tal-katina tal-valur*** joperaw u fejn x'aktarx li jseħħu ***d-dipendenzi*** u ***l-impatti***. Eżempji jinkludu fabbriki, farms, minjieri, uffiċċji jew ċentri ta' servizz, infrastruttura jew faċilitajiet, żoni tas-sajd, infrastrutturi taħt wiċċ l-art jew taħt wiċċ il-baħar, bħal mini tal-minjieri taħt l-art, kejbils, u pipelines jew nodi tal-katina tal-valur; jew (b) b'kombinazzjoni unika ta' ***ħamrija***, klima, topografija, idroloġija, u fatturi fiżiċi u bijoloġiċi oħra.
Djalogu soċjali	It-tipi kollha ta' negozjar, ta' konsultazzjoni jew sempliċiment skambju ta' informazzjoni bejn, jew fost, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet, l-impjegaturi, l-organizzazzjonijiet tagħhom u ***r-rappreżentanti tal-ħaddiema***, dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mal-***politika*** ekonomika u soċjali. Dan jista' jeżisti bħala proċess tripartitiku, bil-gvern bħala parti uffiċjali għad-djalogu jew jista' jikkonsisti f'relazzjonijiet bipartitiċi biss bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-maniġment (jew it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi).
Protezzjoni soċjali	Is-sett ta' miżuri mfassla biex inaqqsu u jipprevjenu l-faqar u l-vulnerabbiltà tul iċ-ċiklu tal-ħajja. L-avvenimenti ewlenin tal-ħajja indirizzati fl-ESRS fir-rigward ***tal-protezzjoni soċjali*** jinkludu l-mard, il-qgħad li jibda minn meta l-ħaddiem proprju jkun qed jaħdem għall-impriża, il-korriment fl-impjieg u d-diżabilità miksuba u l-liv tal-maternità.
Ħamrija	Is-saff ta' fuq nett tal-qoxra tad-Dinja li jinsab bejn is-sodda ta' blat u s-superfiċe. ***Il-ħamrija*** hija magħmula minn partiċelli minerali, materja organika, ilma, arja u organiżmi ħajjin (ara d-Direttiva (UE) 2010/75).
Issiġillar tal-ħamrija	Kopertura tal-***ħamrija*** b'mod li ż-żona mgħottija ssir impermeabbli (eż. triq). Din in-nonpermeabbiltà tista' toħloq ***impatti*** ambjentali kif deskritt fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/2026[1].

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/2026 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali ("EMAS") (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 18 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/2026/oj).

Terminu definit	*Definizzjoni*
Partijiet ikkonċernati	Dawk li jistgħu jaffettwaw jew jiġu affettwati mill-impriża. Hemm żewġ gruppi ewlenin ta' ***partijiet ikkonċernati***: (a) il-partijiet ikkonċernati affettwati: individwi jew gruppi li l-interessi tagħhom huma affettwati jew jistgħu jiġu affettwati – b'mod pożittiv jew negattiv – mill-attivitajiet tal-impriża u r-***relazzjonijiet kummerċjali*** diretti u indiretti tagħha tul ***il-katina tal-valur*** tagħha; kif ukoll (b) ***utenti*** tad-***dikjarazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà***: l-utenti primarji tar-rapportar finanzjarju ta' skop ġenerali (investituri eżistenti u potenzjali, mutwanti u krediturі oħrajn, inklużi maniġers tal-assi, istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni), kif ukoll utenti oħrajn tad-dikjarazzjonijiet tas-sostenibbiltà, bħas-sħab kummerċjali tal-impriża, is-sħab soċjali (it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi), is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Xi wħud mill-partijiet ikkonċernati, iżda mhux kollha, jistgħu jkunu jappartjenu għaż-żewġ gruppi.
L-involviment tal-partijiet ikkonċernati	Proċess kontinwu ta' interazzjoni u ta' djalogu bejn l-impriża u l-***partijiet ikkonċernati*** tagħha li jippermetti lill-impriża tisma', tifhem u twieġeb għall-interessi u għat-tħassib tagħhom.
Termini ta' ħlas standard	***It-termini ta' ħlas standard*** jirreferu għal termini li ġew ifformulati minn qabel għal diversi tranżazzjonijiet li jinvolvu partijiet differenti u li ma ġewx innegozjati individwalment mill-partijiet. Dawn it-termini normalment jiġu offruti/proposti ***lill-forniturі***. Dawn jistgħu jirriżultaw ***mill-politika*** jew il-proċedura ta' impriża, jew jistgħu jiġu kkalkulati bħala medja jew mezz ta' termini f'kuntratti mal-forniturі.
Assi mhux rekuperabbli	***Assi mhux rekuperabbli*** (inklużi "assi li jistgħu jiġu rkuprati") huma dawk l-assi jew investimenti (kemm dawk attivi jew dawk ippjanati b'mod sod) li, f'xi żmien qabel tmiem il-ħajja ekonomika tagħhom, għadhom ma jistgħux jaqilgħu ritorn ekonomiku riżultat ta' bidliet fir-regolament, fil-forzi tas-suq, fl-innovazzjoni teknoloġika, jew fil-fatturi ambjentali (inkluż it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju). Dawn tipikament jinkludu assi li sofrew (jew huma mistennija li jsofru) minn tniżżil fil-valur mhux anticipat jew prematur, żvalutazzjonijiet, jew konverżjoni għal obbligazzjonijiet; kif ukoll assi b'emissjonijiet sinifikanti ***ta' gassijiet serra marbuta*** matul il-ħajja operattiva tagħhom. It-terminu "assi mhux rekuperabbli" jiffoka fuq dak li diġà seħħ fid-data tad-divulgazzjonijiet u jista' jkun diġà rifless fir-rapporti finanzjarji (f'liema każ dawn jistgħu jiġu kontroreferenzjati), filwaqt li t-terminu "assi mhux rekuperabbli" jirreferi għal valutazzjoni li tħares' il quddiem li tqis ***xenarju*** futur partikolari.
Materja prima strateġika	Subsett ta' ***materja prima kritika*** li hija essenzjali għat-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali, id-difiża, u l-applikazzjonijiet spazjali (ara l-Anness I, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Terminu definit	*Definizzjoni*
Sustanza	Element kimiku u l-komposti tiegħu fl-istat naturali jew miksub bi kwalunkwe proċess tal-manifattura, inkluż kwalunkwe additiv meħtieġ biex jippreserva l-istabbiltà tiegħu u kwalunkwe impurità derivata mill-proċess użat iżda eskluż kwalunkwe solvent li jista' jiġi sseparat mingħajr ma tiġi affettwata l-istabbiltà tas-***sustanza*** jew mingħajr ma tinbidel il-kompożizzjoni tagħha. (a) sustanzi kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti; (b) mikro-organiżmi modifikati ġenetikament kif definiti fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu konfinat ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament; kif ukoll (c) organiżmi modifikati ġenetikament kif definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (id-Direttiva 2010/75/UE). Minbarra s-sustanzi waħedhom, hemm ukoll sustanzi preżenti fit-taħlitiet, li huma soluzzjonijiet magħmula minn żewġ sustanzi jew aktar.
Sustanzi ta' tħassib (SoC)	***Sustanza*** li: (a) tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u tiġi identifikata f'konformità mal-Artikolu 59(1) ta' dak ir-Regolament; u/jew (b) hija klassifikata fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 f'waħda mill-klassijiet ta' periklu jew kategoriji ta' periklu li ġejjin: v. il-kategoriji 1 u 2 tal-karċinoġeniċità; vi. il-mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategoriji 1 u 2; vii. il-kategoriji 1 u 2 tat-tossiċità għar-riproduzzjoni; viii. il-kategoriji 1 u 2 tal-interferenzi endokrinali għas-saħħa tal-bniedem; ix. il-kategoriji 1 u 2 tal-interferenzi endokrinali għall-ambjent; x. proprjetajiet persistenti, mobbli u tossiċi jew persistenti ħafna, mobbli ħafna; xi. proprjetajiet persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi jew persistenti ħafna, bijoakkumulattivi ħafna; xii. sensitizzazzjoni respiratorja tal-kategorija 1; xiii. sensitizzazzjoni tal-ġilda tal-kategorija 1; xiv. ta' periklu għall-ambjent akkwatiku - kategoriji kronika 1 sa 4 kronika; xv. perikoluż għas-saff tal-ożonu; xvi. tossiċità speċifika għal organu fil-mira – esponiment ripetut tal-kategoriji 1 u 2; jew xvii. tossiċità speċifika għall-organi fil-mira – esponiment uniku, il-kategoriji 1 u 2.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs)	***Sustanzi*** li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) u li ġew identifikati skont l-Artikolu 59(1) ta' dak ir-Regolament.
Fornitur	Entità upstream mill-impriża (jiġifieri, fil-***katina tal-provvista*** tal-impriża), li tipprovdi ***prodott*** jew servizz li jintuża fl-iżvilupp tal-prodotti jew tas-servizzi proprji tal-organizzazzjoni. ***Fornitur*** jista' jkollu ***relazzjoni kummerċjali*** diretta mal-impriża (spiss imsejħa bħala fornitur tal-ewwel livell) jew relazzjoni kummerċjali indiretta.
Katina tal-provvista	Il-firxa sħiħa ta' attivitajiet jew ta' proċessi mwettqin minn entitajiet upstream jew downstream mill-impriża, li jipprovdu ***prodotti*** jew servizzi li jintużaw fl-iżvilupp u l-produzzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi proprji tal-impriża. Dan jinkludi entitajiet upstream li magħhom l-impriża għandha relazzjoni diretta (spiss imsejħa ***fornitur*** tal-ewwel livell) u entitajiet li magħhom l-impriża għandha relazzjoni ***relazzjoni kummerċjali*** indiretta.
Ilma tal-wiċċ	Ilmijiet interni, minbarra ***ilma ta' taħt l-art***; ilmijiet tranżizzjonali u ilmijiet kostali, ħlief fir-rigward tal-istatus kimiku li għalih għandu jinkludi wkoll ilmijiet territorjali. Definit ukoll bħala l-ilma kollu fuq wiċċ id-dinja, inkluż l-ilma ***ħelu*** u ilma ieħor kif distint mill-ilma mis-sottosuperfiċe (ilma ta' taħt l-art).
Impatt relatat mas-sostenibbiltà **(jew l-impatt)**	L-effett li l-impriża jkollha jew jista' jkollha fuq l-ambjent u n-nies, inklużi l-effetti fuq id-drittijiet tal-bniedem tagħhom, marbuta mal-operazzjonijiet tagħha stess u l-***katina tal-valur*** upstream u downstream tagħha, inkluż permezz tal-***prodotti*** u s-servizzi tagħha, kif ukoll permezz tar-***relazzjonijiet kummerċjali*** tagħha. ***L-impatti*** jistgħu jkunu attwali jew potenzjali, negattivi jew pożittivi intenzjonati jew mhux intenzjonati, u riversibbli jew irriversibbli. Dawn jistgħu jinqalgħu fuq perjodu ta' żmien qasir, medju jew twil. L-impatti jindikaw il-kontribut tal-impriża, negattiv jew pożittiv, għall-iżvilupp sostenibbli.
Opportunità relatata mas-sostenibbiltà **(jew opportunità)**	Avvenimenti jew kundizzjonijiet ambjentali, soċjali jew ta' governanza inċerti li, jekk iseħħu, jistgħu jikkawżaw effett pożittiv materjali potenzjali fuq il-***mudell tan-negozju*** jew l-istrateġija tal-impriża, il-kapaċità tagħha li tilħaq l-għanijiet u l-***miri*** tagħha u li toħloq valur, u għalhekk jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħha u dawk tas-sħab ***kummerċjali*** tagħha fir-rigward ta' ***suġġetti*** relatati mas-sostenibbiltà. Bħal kwalunkwe ***opportunita*** oħra, ***l-opportunitajiet relatati mas-sostenibbiltà*** jitkejlu bħala kombinazzjoni tad-daqs tal-impatt u l-probabbiltà ta' okkorrenza.
Riskju relatat mas-sostenibbiltà **(jew riskju)**	Avvenimenti jew kundizzjonijiet ambjentali, soċjali jew ta' governanza inċerti li, jekk iseħħu, jistgħu jikkawżaw effett negattiv materjali potenzjali fuq il-***mudell tan-negozju*** jew l-istrateġija tal-impriża, il-kapaċità tagħha li tilħaq l-għanijiet u l-***miri*** tagħha u li toħloq valur, u għalhekk jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħha u dawk tas-sħab kummerċjali tagħha fir-rigward ta' ***suġġetti*** relatati mas-sostenibbiltà. Bħal

Terminu definit	*Definizzjoni*
	kwalunkwe ***riskju*** ieħor, ***ir-riskji relatati mas-sostenibbiltà*** jitkejlu bħala kombinazzjoni tad-daqs tal-impatt u l-probabbiltà ta' okkorrenza.
Dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà	It-taqsima ddedikata tar-rapport ta' ġestjoni tal-impriża fejn tiġi ppreżentata l-informazzjoni dwar ***suġġetti*** relatati mas-sostenibbiltà u sottosuġġetti mħejjija f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-ESRS.
Riskji sistemiċi	***Riskji*** li jirriżultaw mill-kollass tas-sistema kollha, aktar milli mill-falliment ta' partijiet individwali. Huma kkaratterizzati minn punti modesti ta' żbilanċ li jikkombinaw indirettament sabiex jipproduċu fallimenti kbar b'kaskata ta' interazzjonijiet ta' riskji fiżiċi u ***ta' tranżizzjoni*** (kontaġju), hekk kif telf wieħed jiskatta katina ta' oħrajn, u bis-sistemi li ma jirnexxilhomx jirkupraw l-ekwilibriju wara xokk. Eżempju ta' dan huwa t-telf ta' speċi keystone, bħal-lontra tal-baħar, li għandhom rwol kritiku fl-istruttura komunitarja tal-***ekosistema***. Meta l-lontra tal-baħar kienet tiġi kkaċċjata sa ma kważi ġiet estinta fis-seklu għoxrin, l-ekosistemi kostali tħarbtu u l-produzzjoni tal-bijomassa tnaqqset ferm.
Mira	Għanijiet li jistgħu jitkejlu, orjentati lejn ir-riżultati u marbuta biż-żmien li l-impriża għandha l-għan li tikseb fir-rigward tal-***impatti***, ***ir-riskji*** jew ***l-opportunitajiet*** materjali. Dawn jistgħu jiġu stabbiliti volontarjament mill-impriża jew jirriżultaw minn rekwiżiti legali fuq l-impriża. ***Mira*** tista' tinkludi mhux biss titjib iżda wkoll iż-żamma tar-riżultati miksuba jew il-preservazzjoni ta' livelli ta' prestazzjoni konsistenti.
Materjal tekniku	Materjali li ma jistgħux jiġu pproċessati miċ-ċiklu bijoloġiku u għalhekk jakkumulaw bħala ***skart*** minħabba li ma jistgħux jitkissru u jirritornaw għan-natura bħala nutrijenti.
Speċijiet jew ekosistemi mhedda	***L-ispeċijiet mhedda***, inklużi l-flora u l-fawna, elenkati fil-Lista l-Ħamra Ewropea jew fil-Lista l-Ħamra tal-IUCN, kif imsemmi fit-Taqsima 7 tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139. ***L-ekosistemi mhedda*** jirreferu ***għall-ekosistemi*** kkategorizzati bħala f'periklu kritiku, fil-periklu u vulnerabbli mil-Lista l-Ħamra tal-Ekosistemi tal-IUCN.
Suġġett	L-ESRS jużaw it-termini "***suġġett***" u "sottosuġġett" ta' sostenibbiltà mifhuma bħala sinonimi mat-termini "kwistjonijiet ta' sostenibbiltà" jew "fatturi ta' sostenibbiltà". Id-divulgazzjonijiet fl-ESRS huma strutturati f'suġġetti. Suġġett ikompli jiġi diżaggregat f'sottosuġġetti. Fl-ESRS, it-terminu suġġett jintuża biex jindika suġġett jew sottosuġġett skont il-livell l-aktar xieraq ta' granularità tad-data meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' divulgazzjoni rispettivi.
Taħriġ	Inizjattivi implimentati mill-impriża mmirati lejn iż-żamma u/jew it-titjib tal-ħiliet u l-għarfien tal-***forza tax-xogħol proprja*** tagħha. Jista' jinkludi metodoloġiji differenti, bħat-***taħriġ*** fuq il-post, u t-taħriġ online.

Terminu definit	*Definizzjoni*
Pjan ta' tranżizzjoni	Tip speċifiku ta' pjan ta' ***azzjoni*** li jiġi adottat mill-impriża fir-rigward ta' deċiżjoni strateġika u li jindirizza: (a) objettiv ta' ***politika*** pubblika; u/jew (b) pjan ta' azzjoni speċifiku għall-entità organizzat bħala sett strutturat ta' ***miri*** u azzjonijiet, assoċjati ma': xviii. deċiżjoni strateġika ewlenija; xix. bidla kbira ***fil-mudell tan-negozju***; u b'mod partikolari xx. azzjonijiet importanti u riżorsi allokati.
Pjan ta' tranżizzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima	Aspett tal-istrateġija ġenerali ta' impriża li tistabbilixxi ***l-miri***, ***l-azzjonijiet*** u r-riżorsi tal-impriża għat-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija b'livell aktar baxx ta' karbonju, inklużi azzjonijiet bħat-tnaqqis tal-***emissjonijiet ta' gassijiet serra*** tagħha fir-rigward tal-objettiv li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C u n-newtralità klimatika.
Riskju ta' tranżizzjoni	***Riskji*** li jirriżultaw minn allinjament ħażin bejn l-istrateġija u l-ġestjoni ta' organizzazzjoni jew ta' investitur u x-xenarju regolatorju, ***politiku*** jew soċjetali li qed jinbidel li fih topera. L-iżviluppi li għandhom l-għan li jwaqqfu jew ireġġgħu lura l-ħsara lill-klima jew lin-natura, bħal miżuri tal-gvern, skoperti teknoloġiċi, bidliet fis-suq, litigazzjoni u tibdil fil-preferenzi tal-***konsumaturi*** kollha jistgħu joħolqu jew jibdlu ***r-riskji ta' tranżizzjoni***.
Utent	***L-utenti*** tad-***dikjarazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà*** huma l-utenti primarji tar-rapportar finanzjarju ta' skop ġenerali (investituri eżistenti u potenzjali, mutwanti u krediturі oħrajn, inklużi maniġers tal-assi, istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni), kif ukoll utenti oħrajn, inklużi s-sħab kummerċjali tal-impriża, it-trade unions u s-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.
Utent tal-oġġetti	Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża ***oġġett*** matul l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħha. Għall-finijiet ta' dawn l-istandards, il-kunċett ta' "utent" huwa adattat mill-utenti downstream tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH).
Utent tas-sustanzi	Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, għajr il-manifattur, ***il-formulatur*** jew ***l-importatur***, li tuża ***sustanza***, waħedha jew f'taħlita, matul l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħha, eskluż ***il-konsumatur*** finali. Għall-finijiet ta' dawn l-istandards, dan il-kunċett huwa adattat mill-utenti downstream tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH).
Katina tal-valur	Il-firxa sħiħa ta' attivitajiet, riżorsi u relazzjonijiet relatati mal-***mudell tan-negozju*** tal-impriża u l-ambjent estern li fih topera. ***Katina tal-valur*** tinkludi l-attivitajiet, ir-riżorsi u r-relazzjonijiet li l-impriża tuża u tiddependi fuqhom sabiex toħloq il-***prodotti*** jew is-servizzi tagħha mill-konċepiment sal-konsenja, il-konsum u t-tmiem tal-ħajja. L-attivitajiet, ir-riżorsi u r-relazzjonijiet rilevanti jinkludu:

Terminu definit	*Definizzjoni*
	(a) dawk fl-operazzjonijiet proprji tal-impriża, bħar-riżorsi umani; (b) dawk tul il-kanali tal-provvista, tal-kummerċjalizzazzjoni u tad-distribuzzjoni tagħha, bħall-forniment u s-servizzi ta' materjali u ta' servizzi u l-bejgħ u l-konsenja ta' prodotti u ta' servizzi; kif ukoll (c) l-ambjenti ta' finanzjament, ġeografiċi, ġeopolitiċi u regolatorji li fihom topera l-impriża. Il-katina tal-valur tinkludi ***atturi*** upstream u downstream mill-impriża. L-atturi upstream mill-impriża (eż. ***il-forniturі***) jipprovdu prodotti jew servizzi li jintużaw fl-iżvilupp tal-prodotti jew tas-servizzi tal-impriża. L-entitajiet downstream mill-impriża (eż. id-distributuri, il-klijenti) jirċievu prodotti jew servizzi mill-impriża. L-ESRS juża w it-terminu "katina tal-valur" fis-singular, għalkemm huwa rikonoxxut li l-impriżi jista' jkollhom ktajjen tal-valur multipli.
Paga	***Paga*** grossa, minbarra komponenti varjabbli bħas-sahra u ***l-paga*** tal-inċentivi, u eskluż l-allowances sakemm ma jkunux garantiti.
Skart	Kwalunkwe ***sustanza*** jew oġġett li d-detentur jarmi, li jkun beħsiebu jarmi, jew li jkun meħtieġ li jarmi (ara d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart).
Il-fluss tal-iskart	Fluss ta' massa partikolari ta' ***skart*** minn proċess, attività, faċilità jew industrija, spiss raggruppat skont il-materjal (eż. plastik, metall, organiku), l-oriġini (eż. domestiku, industrijali), jew periklu (eż. perikoluż vs mhux perikoluż).
Konsum tal-Ilma	L-ammont ta' ilma prelevat mill-konfini tal-impriża u mhux skarikat lura fl-ambjent tal-ilma jew f'parti terza matul il-perjodu tar-rapportar.
Skariku tal-ilma	Is-somma ta' effluwenti u ilma ieħor li jħallu l-konfini tal-impriża u rilaxxati fl-***ilma tal-wiċċ***, ***l-ilma ta' taħt l-art***, jew partijiet terzi matul il-perjodu ta' rappurtar.
Ilma riċiklat u użat mill-ġdid	Ilma u ilma mormi (ittrattat jew mhux ittrattat) li ntuża aktar minn darba qabel ma ġie skarikat mill-konfini tal-impriża, sabiex titnaqqas id-domanda għall-ilma. Dan jista' jkun fl-istess proċess (riċiklat) jew fi proċess differenti fl-istess faċilità (proprja jew kondiviż ma' impriżi oħra) jew f'faċilità oħra tal-impriża (użata mill-ġdid).
Skarsezza tal-ilma	L-abbundanza volumetrika, jew in-nuqqas tagħha, ta' riżorsi tal-***ilma ħelu***. L-iskarsezza hija xprunata mill-bniedem; hija funzjoni tal-volum tal-***konsum tal-ilma*** mill-bniedem meta mqabbel mal-volum tar-riżorsi tal-ilma f'żona partikolari. Bħala tali, reġjun aridu bi ftit li xejn ilma, iżda l-ebda konsum tal-ilma mill-bniedem ma jitqiesx bħala skars, iżda, minflok, bħala aridu. ***L-iskarsezza tal-ilma*** hija realtà fiżika u oġġettiva li tista' titkejjel b'mod konsistenti fost ir-reġjuni u maż-żmien. L-iskarsezza tal-ilma tirrifletti l-abbundanza fiżika tal-ilma ħelu aktar milli jekk dak l-ilma huwiex adattat għall-użu. Pereżempju, reġjun jista' jkollu riżorsi tal-ilma abbundanti (u għalhekk ma jitqiesx

Terminu definit	*Definizzjoni*
	bħala skars fl-ilma) iżda tant ikollu ***tniġġis*** serju li dawk il-provvisti ma jkunux tajbin għall-użu mill-bniedem jew ekoloġiku.
Ilma maħżun	Ilma miżmum f'faċilitajiet tal-ħżin tal-ilma jew f'ġibjuni.
Stress idriku	Il-kapaċità, jew in-nuqqas tagħha, li tissodisfa d-domanda umana u ekoloġika għall-ilma. ***L-istress idriku*** huwa kunċett inklużiv li jqis diversi aspetti fiżiċi relatati mar-riżorsi tal-ilma, inklużi d-disponibbiltà tal-ilma, il-kwalità tal-ilma, u l-aċċessibbiltà tal-ilma (jiġifieri jekk in-nies humiex kapaċi jagħmlu użu mill-provvisti tal-ilma fiżikament disponibbli), li spiss hija funzjoni tas-suffiċjenza tal-infrastruttura u l-affordabbiltà tal-ilma, fost affarijiet oħra.
Estrazzjoni tal-ilma	Is-somma tal-ilma kollu miġbud fil-konfini tal-impriża mis-sorsi kollha għal kwalunkwe użu matul il-perjodu ta' rapportar.
Ħaddiem fil-katina tal-valur	Individwu li jwettaq xogħol fil-***katina tal-valur*** tal-impriża, irrispettivament mill-eżistenza jew min-natura ta' kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali mal-impriża. Fl-ESRS, il-kamp ta' applikazzjoni tal-***ħaddiema fil-katina tal-valur*** jinkludi l-ħaddiema kollha fil-katina tal-valur upstream u downstream tal-impriża li huma affettwati jew jistgħu jiġu affettwati materjalment mill-impriża. Dan jinkludi ***impatti*** li huma konnessi mal-operazzjonijiet tal-impriża stess, u l-katina tal-valur, inkluż permezz tal-***prodotti*** jew is-servizzi tagħha, kif ukoll permezz tar-***relazzjonijiet kummerċjali*** tagħha. Dan jinkludi l-ħaddiema kollha li mhumiex fl-ambitu ta' "***forza tax-xogħol proprja*** ("forza tax-xogħol proprja" tinkludi persuni li huma f'relazzjoni ta' impjieg mal-impriża ("***impjegati***") u ***mhux impjegati*** li jew huma kuntratturi individwali li jfornu x-xogħol lill-impriża ("persuni li jaħdmu għal rashom") jew persuni pprovduti minn impriżi primarjament involuti f'attivitajiet ta' impjieg. (Kodiċi N78 tan-NACE).
Rappreżentanti tal-ħaddiema	***Rappreżentanti tal-ħaddiema*** tfisser: (a) rappreżentanti tat-trade unions, jiġifieri rappreżentanti magħżula jew eletti minn trade unions jew minn membri ta' dawn il-unions skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali; (b) rappreżentanti eletti kif xieraq, jiġifieri rappreżentanti li huma eletti liberament mill-ħaddiema tal-organizzazzjoni, mhux taħt id-dominazzjoni jew il-kontroll tal-impjegatur f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali jew ta' ftehimiet kollettivi u li l-funzjonijiet tagħhom ma jinkludux attivitajiet li huma l-prerogattiva esklużiva tat-trade unions fil-pajjiż ikkonċernat u li l-eżistenza tagħhom ma tintużax biex timmina l-pożizzjoni tat-trade unions ikkonċernati jew tar-rappreżentanti tagħhom.
Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata	Stat sodisfaċenti ta' ekwilibriju bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-individwu. ***Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata*** f'sens usa' jinkludi mhux biss il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata skont ir-responsabbiltajiet tal-familja jew tal-kura, iżda wkoll l-

Terminu definit	*Definizzjoni*
	allokazzjoni tal-ħin bejn il-ħin imqatta' fuq ix-xogħol u fil-ħajja privata lil hinn mir-responsabbiltajiet tal-familja.